Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15024/1/22
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0051(COD)

DRS 64
SUSTDEV 203
CODEC 1793
COMPET 928

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 6533/22 |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937<br>- Approċċ Ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937[1].

2. Id-Direttiva proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 50 u l-Artikolu 114 TFUE, tistabbilixxi regoli dwar l-obbligi għall-kumpaniji rigward l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti negattivi ambjentali, reali u potenzjali, fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom, u l-operazzjonijiet tal-katina tal-valur imwettqa minn entitajiet li l-kumpanija jkollha relazzjoni kummerċjali stabbilita magħhom. Tistabbilixxi wkoll regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ksur ta' dawn l-obbligi.

[1] 6533/22 + ADD 1

3. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tistipula qafas orizzontali biex trawwem il-kontribut tan-negozji li joperaw fis-suq uniku lejn il-kisba tat-tranżizzjoni tal-Unjoni għal ekonomija newtrali għall-klima u ekoloġika f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

4. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Lara WOLTERS (S&D, NL) bħala rapporteur għall-proposta, bi tmien kumitati li ntalbu jagħtu opinjoni, li huma l-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE), il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL), filwaqt li dawn il-ħamsa tal-aħħar huma kumitati assoċjati. Il-Kumitat JURI huwa mistenni jivvota dwar l-emendi tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni u jadotta l-mandat għan-negozjati fl-aħħar ta' Marzu 2023, filwaqt li l-mandat ta' negozjar mistenni jiġi vvutat fil-plenarja f'Mejju 2023.

5. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġiet adottata fl-14 ta' Lulju 2022[2].

## II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KUNSILL

6. Il-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, sema' preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kontenut u l-għan tad-Direttiva proposta.

7. Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ambjent, wara t-talba tad-delegazzjoni BE, appoġġata mid-delegazzjoni ES, ġie infurmat dwar il-ħidma u l-progress li saru fuq id-Direttiva proposta.

[2] 11489/22.

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda gwida għal aktar ħidma fis-26 ta' Ottubru 2022. Filwaqt li tibni fuq il-pożizzjonijiet espressi mid-delegazzjonijiet, li ġew żviluppati aktar fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt tal-Kumpanniji, fit-18 ta' Novembru 2022 il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess rivedut fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti sabiex jitħejja Approċċ Ġenerali dwar il-proposta. Madankollu, il-laqgħa kkonfermat li filwaqt li d-delegazzjonijiet qablu dwar il-biċċa l-kbira tal-proposta, il-fehmiet tagħhom kienu għadhom differenti dwar għadd żgħir ta' kwistjonijiet.

9. Abbażi tal-fehmiet espressi f'dik il-laqgħa, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess ġdid fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-25 ta' Novembru 2022, sabiex tiffinalizza t-tħejjijiet tal-Approċċ Ġenerali dwar it-test. Xi delegazzjonijiet baqgħu jesprimu xi tħassib, b'mod partikolari dwar id-definizzjoni l-ġdida ta' "katina ta' attivitajiet" li tinsab fl-Artikolu 3(g). Il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess rivedut dwar dik id-dispożizzjoni li ngħata appoġġ wiesa' u li ġie introdott fid-dok. 15024/22 bil-ħsieb li jintlaħaq Approċċ Ġenerali fil-Kunsill Kompetittività fl-1 ta' Diċembru 2022. Xi delegazzjonijiet iżommu riżerva ta' skrutinju dwar it-test ta' kompromess.

10. Wara d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-25 ta' Novembru 2022, xi delegazzjonijiet komplew iqajmu l-kwistjoni importanti li tikkonċerna l-kopertura tal-forniment ta' servizzi finanzjarji mill-impriżi finanzjarji regolati. Minħabba li l-pożizzjonijiet ta' xi Stati Membri żviluppaw minn dik il-laqgħa 'l hawn, il-Presidenza qieset li din il-kwistjoni importanti jenħtieġ li tiġi eżaminata aktar mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bi tħejjija għall-Kunsill Kompetittività.

11. Id-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-30 ta' Novembru 2022 ikkonċentraw fuq kompromess ġdid tal-Presidenza dwar il-kopertura tas-servizzi finanzjarji provduti minn impriżi finanzjarji regolati fid-Direttiva proposta. Xi delegazzjonijiet xorta waħda esprimew tħassib u żammew riżervi ta' skrutinju dwar it-test. Il-Presidenza kkonkludiet li l-kompromess ippreżentat ser jiġi inkluż fit-test ta' kompromess konsolidat u jintbagħat lill-Kunsill (Kompetittività) fl-1 ta' Diċembru 2022, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Approċċ Ġenerali. It-test ta' kompromess rivedut kif jinsab wara l-laqgħa tal-COREPER tat-30 ta' Novembru 2022 jinsab fl-Anness għal din in-Nota. Il-bidliet meta mqabbla mal-aħħar test ippreżentat lill-Kunsill[3] huma indikati b'**tipa grassa sottolinjata** għaż-żidiet u b'[…] għat-tħassir.

## III. ELEMENTI EWLENIN TAL-KOMPROMESS

### A. Kamp ta' Applikazzjoni (Artikolu 2)

12. L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva proposta u jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi ddeterminat liema kumpaniji jkollhom iwettqu d-diliġenza dovuta (l-Artikolu 2(1) u (2)). Il-kriterji huma bbażati fuq l-għadd ta' impjegati u l-fatturat nett madwar id-dinja għall-kumpaniji tal-UE, u fuq il-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni għal kumpaniji mhux tal-UE. Il-kriterji jkunu jridu jiġu ssodisfati fil-livell ta' kumpaniji individwali, kif propost mill-Kummissjoni, iżda għal sentejn finanzjarji konsekuttivi. Barra minn hekk, ġiet introdotta dispożizzjoni li tippermetti lill-kumpaniji jissodisfaw uħud mill-obbligi ta' diliġenza dovuta fil-livell ta' grupp (l-Artikolu 4a).

13. Fir-rigward ta' kumpaniji mhux tal-UE, jekk dawn jissodisfaw il-kriterju tal-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva proposta irrispettivament minn jekk għandhomx fergħa jew sussidjarja fl-Unjoni. Żdiedet dispożizzjoni ġdida fl-Artikolu 21(1a) li tirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi sistema sigura għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni minn kumpaniji mhux tal-UE li ma jkollhom l-ebda fergħa fl-UE jew li jkollhom fergħat f'diversi Stati Membri bl-objettiv li jiġi ddeterminat l-Istat Membru kompetenti.

[3] 15024/22.

14. Il-loġika ġenerali tal-kamp ta' applikazzjoni u l-limiti tal-għadd ta' impjegati u l-fatturat nett inżammu bħal fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, it-test ta' kompromess jinkludi wkoll klawżola ta' introduzzjoni gradwali u perijodu ta' *"vacatio legis"* ta' sena waħda bejn it-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tad-Direttiva proposta (l-Artikolu 30) sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tar-regoli li għadhom kif ġew introdotti kif irrakkomandat minn bosta delegazzjonijiet. Għalhekk, ir-regoli tad-Direttiva proposta għandhom l-ewwel japplikaw għal kumpaniji kbar ħafna li għandhom aktar minn 1000 impjegat u EUR 300 miljun ta' fatturat nett madwar id-dinja, jew EUR 300 miljun fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni għal kumpaniji mhux tal-UE tliet snin mid-dħul fis-seħħ.

15. Biex jiġi ċċarat aktar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta, il-lista ta' setturi b'riskju kbir (l-Artikolu 2(1)(b)) ġiet issupplimentata b'anness ġdid (l-Anness II) li fih il-kodiċijiet NACE li jikkorrispondu għas-setturi elenkati.

16. L-Artikolu 2 huwa akkumpanjat minn klawżola ta' rieżami dettaljata (l-Artikolu 29) li skontha l-Kummissjoni għandha tirrapporta u tevalwa jekk il-livelli limitu rigward l-għadd ta' impjegati u l-fatturat nett, il-lista ta' setturi b'riskju kbir u l-kriterju tal-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni fir-rigward ta' kumpaniji mhux tal-UE jeħtiġux li jiġu riveduti fil-futur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tirrapporta u tevalwa wkoll jekk l-approċċ individwali għandux jinbidel għal approċċ konsolidat, kif ukoll jekk il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva proposta għandux jiġi rivedut sabiex persuni ġuridiċi oħra kostitwiti bħala forom legali għajr dawk attwalment previsti fid-Direttiva proposta ikunu koperti.

B. <u>Definizzjonijiet</u> (l-Artikolu 3)

**i. Sieħeb kummerċjali (l-Artikolu 3, punti (e) u (f))**

17. Id-definizzjoni tar-relazzjoni kummerċjali stabbilita kif proposta mill-Kummissjoni tħassret mill-Artikolu 3, punt (f) peress li l-kunċett kollu ġie abbandunat. Minflok, tintuża biss id-definizzjoni ta' "sieħeb kummerċjali" fl-Artikolu 3, punt (e) ("relazzjoni kummerċjali" kif proposta mill-Kummissjoni). Sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà għall-kumpaniji u biex ikun hemm allinjament mal-qafas internazzjonali, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju ssaħħaħ fil-proposta, prinċipalment billi ġie emendat l-Artikolu 6 (immappjar u valutazzjoni fil-fond tal-impatti negattivi) u billi ġie introdott Artikolu 6a ġdid dwar il-prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi. Meta ma jkunx possibbli li jiġu indirizzati l-impatti negattivi kollha fl-istess ħin, il-kumpaniji għandhom jipprijoritizzaw l-impatti negattivi abbażi tas-severità u l-probabbiltà tagħhom, u l-ewwel jindirizzaw dawk l-aktar sinifikanti qabel ma jimxu lejn dawk inqas sinifikanti. Is-severità ta' impatt negattiv għandha tiġi vvalutata abbażi tal-gravità tiegħu, l-għadd ta' persuni jew il-firxa tal-ambjent affettwati, u d-diffikultà li tiġi restawrata s-sitwazzjoni prevalenti qabel l-impatt.

**ii. Katina ta' attivitajiet (l-Artikolu 3(g))**

18. It-terminu "katina tal-valur" li jinsab fil-proposta tal-Kummissjoni ġie sostitwit b'terminu newtrali ta' "katina ta' attivitajiet" sabiex jirrifletti l-fehmiet diverġenti tal-Istati Membri dwar il-kwistjoni ta' jekk għandhiex tiġi koperta l-"katina tal-valur" kollha kemm hi jew jekk għandux jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni għall-"katina tal-provvista", u sabiex tiġi evitata l-konfużjoni ma' definizzjonijiet diġà eżistenti peress li l-kontenut tat-terminu ġie mmodifikat.

19. Fir-rigward tal-kontenut tal-"katina ta' attivitajiet", it-test ta' kompromess mexa mill-kunċett ta' "katina tal-valur" sħiħa lejn kunċett tal-katina tal-provvista billi ħalla kompletament barra l-fażi tal-użu tal-prodotti tal-kumpanija jew il-provvista ta' servizzi. Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali, ġiet inkluża lista tal-attivitajiet tas-sħab kummerċjali li huma koperti fid-definizzjoni proposta ta' "katina ta' attivitajiet". Peress li dawn l-attivitajiet diġà ssemmew fil-premessa (18), il-Presidenza mexxiethom għall-parti operattiva tat-test. Barra minn hekk, żdiedet eżenzjoni għall-prodotti soġġetti għall-kontroll tal-esportazzjoni (jiġifieri oġġetti b'użu doppju u armi) fir-rigward tad-distribuzzjoni, it-trasport, il-ħżin u r-rimi ta' tali prodotti. Fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-25 ta' Novembru 2022, saru aktar modifiki biex jiġu ċċarati l-partijiet upstream u downstream tad-definizzjoni.

**C. Impriżi finanzjarji regolati (l-Artikolu 2(8), l-Artikolu 3, punti (a) u (g), l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(6), l-Artikolu 8(7) u l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 29, punt (ca))**

20. Wara aktar diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-30 ta' Novembru 2022 dwar il-kopertura tal-forniment ta' servizzi finanzjarji mill-impriżi finanzjarji regolati, tressaq test ta' kompromess biex jiġi indirizzat it-tħassib li fadal ta' xi delegazzjonijiet, li jħalli d-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu inklużi jew le d-dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji minn impriżi finanzjarji regolati għal kull Stat Membru meta tiġi trasposta d-Direttiva. Ġew introdotti bidliet f'dan ir-rigward fl-Artikoli 2(8), 3(g), 10(2) u l-Artikolu 29, punt (ca). Il-premessi relatati (19), (34), (36b), (39), (41b), (43) u (70) ġew emendati skont dan.

21. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' impriżi finanzjarji regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta, it-test ta' kompromess iħalli barra mill-kamp ta' applikazzjoni l-prodotti finanzjarji (jiġifieri fondi ta' investiment alternattiv (AIFs) u impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)). L-Istati Membri ngħataw l-għażla li ma japplikawx id-Direttiva proposta għall-istituzzjonijiet tal-pensjoni li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli tal-UE.

22. Id-definizzjoni ta' katina ta' attivitajiet fir-rigward ta' impriżi finanzjarji regolati ġiet emendata biex tiġi żgurata ċ-ċarezza rigward il-forniment ta' liema servizzi finanzjarji għandhom ikunu koperti, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li japplika d-Direttiva għall-forniment ta' tali servizzi finanzjarji, filwaqt li tħallew barra l-attivitajiet ta' investiment minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom. Jekk l-Istat Membru ma jiddeċidix li japplika d-Direttiva għall-forniment tas-servizzi finanzjarji minn impriżi finanzjarji regolati (biex tiġi koperta l-parti downstream tal-katina ta' attivitajiet), il-katina ta' attivitajiet għal impriżi finanzjarji regolati jenħtieġ li tkun l-istess bħal dik għall-bqija tal-kumpaniji minn setturi ekonomiċi differenti.

23. Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li japplika d-Direttiva għall-forniment ta' servizzi finanzjarji minn impriżi finanzjarji regolati, l-impriżi finanzjarji regolati jenħtieġ li jkunu meħtieġa jidentifikaw l-impatti negattivi fl-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tagħhom biss qabel ma jipprovdu s-servizz finanzjarju (l-Artikolu 6(3)). Ġiet introdotta eżenzjoni konsegwenti għall-obbligu li jiġu mmonitorjati l-impatti negattivi fl-Artikolu 10(2), sabiex fir-rigward tal-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tal-kumpaniji, li lilhom jipprovdu servizzi finanzjarji, dawn ikunu meħtieġa jimmonitorjaw biss dawk l-impatti negattivi li jkunu ġew identifikati qabel ma pprovdew is-servizz finanzjarju.

24. L-aħħar sett ta' bidliet dwar din il-kwistjoni ġie introdott biex jindirizza l-obbligu ta' impriża finanzjarja regolata li tissospendi temporanjament jew ittemm relazzjoni ta' negozju (l-Artikolu 7(6) u 8 (7)), fejn l-ebda waħda mill-miżuri xierqa meħuda biex jiġi indirizzat l-impatt negattiv ma kienet ta' suċċess. B'deroga minn dan l-obbligu ġenerali, l-impriżi finanzjarji regolati li jipprovdu servizzi finanzjarji ma għandhomx ikunu meħtieġa jissospendu temporanjament jew itemmu ir-relazzjoni kummerċjali. Madankollu, f'każ bħal dan, l-impriża għandha timmonitorja l-impatt negattiv filwaqt li tagħmel sforzi biex tindirizza l-impatt negattiv.

**D. <u>Ġlieda kontra t-tibdil fil-klima</u> (l-Artikolu 15)**

25. Kif mitlub minn ħafna Stati Membri, it-test tad-dispożizzjoni dwar il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ġie allinjat kemm jista' jkun mad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) li dalwaqt se tiġi adottata, inkluż referenza speċifika għal dik id-Direttiva, sabiex jiġu evitati problemi bl-interpretazzjoni legali tagħha, filwaqt li jiġi evitat it-twessigħ tal-obbligi tal-kumpaniji skont dan l-Artikolu.

26. Minħabba t-tħassib qawwi tal-Istati Membri dwar id-dispożizzjoni proposta mill-Kummissjoni li torbot ir-remunerazzjoni varjabbli tad-diretturi mal-kontribut tagħhom għall-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija u l-interess u s-sostenibbiltà fit-tul, din id-dispożizzjoni tħassret (l-Artikolu 15(3)). Il-forma u l-istruttura tar-remunerazzjoni tad-diretturi huma kwistjonijiet li primarjament jaqgħu taħt il-kompetenza tal-kumpanija u tal-korpi jew l-azzjonisti rilevanti tagħha. Id-delegazzjonijiet appellaw biex ma jkunx hemm interferenza ma' sistemi differenti ta' governanza korporattiva fl-Unjoni, li jirriflettu l-fehmiet differenti tal-Istati Membri dwar ir-rwoli tal-kumpaniji u l-korpi tagħhom fid-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tad-diretturi.

**E. <u>Responsabbiltà ċivili</u> (l-Artikolu 22)**

27. L-Artikolu 22 ġie emendat b'mod sinifikanti sabiex tinkiseb ċarezza legali, ċertezza għall-kumpaniji u tiġi evitata interferenza mhux raġonevoli mas-sistemi tal-liġi tal-obbligi tal-Istati Membri. L-erba' kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati sabiex kumpanija tinżamm responsabbli – dannu kkawżat lil persuna fiżika jew ġuridika, ksur tad-dmir, ir-rabta kawżali bejn id-dannu u l-ksur tad-dmir u tort (intenzjoni jew negliġenza) – ġew iċċarati fit-test u ġie inkluż l-element ta' ħtija.

28. Barra minn hekk, id-dritt tal-vittmi tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti negattivi fuq l-ambjent għal kumpens sħiħ kien previst b'mod espliċitu fit-test ta' kompromess. Min-naħa l-oħra, id-dritt għal kumpens sħiħ m'għandux iwassal għal kumpens żejjed, pereżempju permezz ta' danni punittivi.

29. Barra minn hekk, saru kjarifiki dwar ir-responsabbiltà in solidum ta' kumpanija u sussidjarja jew sieħeb kummerċjali u l-applikazzjoni obbligatorja prevalenti tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili. Dawn il-kjarifiki u l-preċiżjonijiet kollha ppermettew li titħassar is-salvagwardja għall-kumpaniji li fittxew assigurazzjonijiet kuntrattwali mis-sħab kummerċjali indiretti tagħhom wara kritika qawwija ta' din id-dispożizzjoni minħabba d-dipendenza qawwija tagħha fuq assigurazzjonijiet kuntrattwali.

F. **<u>Dmirijiet tad-diretturi</u> (l-Artikoli 25 u 26)**

30. Il-proposta tal-Kummissjoni rregolat id-dmir ta' diliġenza tad-diretturi (l-Artikolu 25) u stipulat id-dmir li d-diretturi tal-kumpaniji tal-UE jistabbilixxu u jissorveljaw l-azzjonijiet ta' diliġenza dovuta u jadattaw l-istrateġija korporattiva biex jitqiesu l-impatti negattivi identifikati u l-miżuri ta' diliġenza dovuta adottati (l-Artikolu 26).

31. Minħabba t-tħassib qawwi espress mill-Istati Membri li qiesu l-Artikolu 25 bħala interferenza mhux xierqa mad-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward id-dmir ta' diliġenza tad-diretturi, u li potenzjalment jimmina d-dmir tad-diretturi li jaġixxu fl-aħjar interess tal-kumpanija, id-dispożizzjonijiet tħassru mit-test.

32. Peress li l-kontenut tal-Artikolu 26 kien marbut mill-qrib mal-proċess ta' diliġenza dovuta, l-Artikolu tħassar u l-elementi ewlenin tiegħu tmexxew għad-dispożizzjoni dwar l-integrazzjoni tad-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija (l-Artikolu 5(3)), b'kont meħud tal-varjetà ta' sistemi ta' governanza korporattiva u l-libertà tal-kumpaniji li jirregolaw il-kwistjonijiet interni tagħhom.

G. **<u>L-Anness I u d-definizzjonijiet tal-impatti negattivi (l-Artikolu 3, punti (b) u (c))</u>**

33. L-Anness I għad-Direttiva proposta għadda minn bidliet sinifikanti bl-objettiv ewlieni li l-obbligi jsiru kemm jista' jkun ċari u jinftiehmu faċilment mill-kumpaniji, filwaqt li tiġi żgurata bażi legalment soda. Il-loġika tal-Anness I hija li jiġu elenkati drittijiet u projbizzjonijiet speċifiċi, li l-abbuż jew il-ksur tagħhom jikkostitwixxi impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem (l-Artikolu 3, punt (c)) jew impatti negattivi fuq l-ambjent (l-Artikolu 3, punt (b)). Sabiex wieħed jifhem aħjar kif dawn id-drittijiet u projbizzjonijiet għandhom jiġu interpretati, l-Anness I fih referenzi għal strumenti internazzjonali li jservu bħala punti ta' referenza.

34. Sabiex tiġi żgurata l-leġittimità li ssir referenza għal strumenti internazzjonali li huma legalment vinkolanti biss fuq l-Istati, u skont il-loġika ġenerali tal-Anness I, l-Anness I ikopri biss dawk l-istrumenti internazzjonali li ġew ratifikati mill-Istati Membri kollha. B'mod ġenerali, l-Anness I għat-test ta' kompromess jirreferi biss għal dawk l-obbligi u projbizzjonijiet li jistgħu jiġu osservati mill-kumpaniji, mhux biss mill-Istati.

35. Fir-rigward tal-parti dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Anness I, din tkopri biss strumenti internazzjonali legalment vinkolanti li huma rikonoxxuti bħala lista minima ta' strumenti fil-qafas internazzjonali. Fir-rigward tal-parti ambjentali tal-Anness I, żdied għadd limitat ta' obbligi u projbizzjonijiet speċifiċi addizzjonali skont l-istrumenti ambjentali internazzjonali, li l-ksur tagħhom jirriżulta f'impatt negattiv fuq l-ambjent.

36. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet tal-impatti negattivi fuq l-ambjent u fuq id-drittijiet tal-bniedem ġew iċċarati. B'addizzjoni ma' dan, l-hekk imsejħa "klawżola onnikomprensiva" inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni nżammet sabiex tiġi ssalvagwardjata l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, iżda ġiet iċċarata bir-reqqa biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà massima għall-kumpaniji.

## IV. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tqis li t-test jirrappreżenta kompromess bilanċjat bejn il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jaqbel dwar Approċċ Ġenerali fuq il-bażi tat-test li jinsab fl-Anness fil-laqgħa tal-Kunsill (Kompetittività) fl-1 ta' Diċembru 2022, u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew.

**ANNESS**

2022/0051 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) u (2), punt (g), u l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni hija bbażata fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawk il-valuri ewlenin li ispiraw il-ħolqien tal-Unjoni stess, kif ukoll l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali. Tali azzjoni tinkludi t-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

4 ĠU C , , p. .

(2) Livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-promozzjoni tal-valuri ewlenin Ewropej huma fost il-prijoritajiet tal-Unjoni, kif stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Patt Ekoloġiku Ewropew[5]. Dawn l-objettivi jeħtieġu l-involviment mhux biss tal-awtoritajiet pubbliċi iżda wkoll ta' atturi privati, b'mod partikolari kumpaniji.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjoni Ġusta[6], il-Kummissjoni impenjat ruħha li ttejjeb l-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa sabiex tikseb tranżizzjoni ġusta lejn is-sostenibbiltà. Din id-Direttiva se tikkontribwixxi wkoll għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jippromwovi d-drittijiet li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Din tifforma parti mill-politiki u l-istrateġiji tal-UE relatati mal-promozzjoni tax-xogħol deċenti madwar id-dinja, inkluż fil-ktajjen tal-valur globali, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ix-xogħol deċenti madwar id-dinja[7].

(4) L-imġiba tal-kumpaniji fis-setturi kollha tal-ekonomija hija kruċjali għas-suċċess fl-objettivi ta' sostenibbiltà tal-Unjoni billi l-kumpaniji tal-Unjoni, speċjalment dawk kbar, jiddependu fuq il-ktajjen tal-valur mondjali. Huwa wkoll fl-interess tal-kumpaniji li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari minħabba t-tħassib dejjem jikber tal-konsumaturi u tal-investituri dwar dawn is-suġġetti. Diġà jeżistu diversi inizjattivi li jrawmu intrapriżi li jappoġġaw trasformazzjoni orjentata lejn il-valuri kemm fil-livell tal-Unjoni[8], kif ukoll fil-livell nazzjonali[9].

---

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjun "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM/2019/640 final).

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (COM/2020/14 final).

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ix-xogħol deċenti madwar id-dinja għal tranżizzjoni globali ġusta u rkupru sostenibbli, COM(2022) 66 final.

8 "Enterprise Models and the EU agenda", *CEPS Policy Insights*, (Mudelli ta' Intrapriża u l-Aġenda tal-UE", Għarfien ta' Politika tas-CEPS) Nru PI2021-02/ Jannar 2021.

9 Eż. https://www.economie.gouv.fr/entreprises/societe-mission

(5) L-istandards internazzjonali eżistenti dwar imġiba responsabbli fin-negozju jispeċifikaw li l-kumpaniji jenħtieġ li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u jistipulaw kif jenħtieġ li jindirizzaw il-ħarsien tal-ambjent fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom. Il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[10] jirrikonoxxu r-responsabbiltà tal-kumpaniji li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem billi jidentifikaw, jipprevjenu u jnaqqsu l-impatti negattivi tal-operazzjonijiet tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u billi jkunu responsabbli għal kif jindirizzaw dawk l-impatti. Dawk il-Prinċipji ta' Gwida jiddikjaraw li n-negozji jenħtieġ li jevitaw li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u jenħtieġ li jindirizzaw l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem li jkunu kkawżaw, ikkontribwew għalihom jew li jkunu marbuta mal-operazzjonijiet tagħhom, mas-sussidjarji tagħhom u permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali diretti u indiretti tagħhom.

(6) Il-kunċett ta' diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem ġie speċifikat u żviluppat aktar fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali[11] li estendew l-applikazzjoni tad-diliġenza dovuta għal suġġetti ambjentali u ta' governanza. Il-Gwida tal-OECD dwar Kondotta Kummerċjali Responsabbli u l-gwida settorjali[12] huma oqfsa rikonoxxuti internazzjonalment li jistabbilixxu passi prattiċi ta' diliġenza dovuta sabiex jgħinu lill-kumpaniji jidentifikaw, jipprevjenu, inaqqsu u jkunu responsabbli għall-mod kif jindirizzaw l-impatti reali u potenzjali fl-operazzjonijiet, fil-ktajjen tal-provvista u f'relazzjonijiet kummerċjali oħra tagħhom. Il-kunċett ta' diliġenza dovuta huwa inkorporat ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali.[13]

---

10 Il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju"), 2011, disponibbli fi: https://www.ohchr.org/documents/publications/guidingprinciplesbusinesshr_en.pdf.

11 OECD Guidelines for Multinational Enterprises, (Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali) 2011 edizzjoni aġġornata, jinsabu hawn: http://mneguidelines.oecd.org/guidelines/.https://mneguidelines.oecd.org/mneguidelines/.

12 OECD Guidance on Responsible Business Conduct, 2018, and sector-specific guidance (Gwida tal-OECD dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju, 2018 u gwida speċifika għas-settur), tinsab hawn: https://www.oecd.org/investment/due-diligence-guidance-for-responsible-business-conduct.htm.

13 Tripartite Declaration of Principles concerning Multinational Enterprises and Social Policy, Fifth Edition, (Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ħames edizzjoni, 2017, li tinsab hawn: https://www.ilo.org/empent/Publications/WCMS_094386/lang--en/index.htm.

(7) L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti[14], adottati mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015, jinkludu l-objettivi għall-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostnut, inkluživ u sostenibbli. L-Unjoni stabbiliet għaliha nnifisha l-objettiv li twettaq l-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Is-settur privat jikkontribwixxi għal dawk l-għanijiet.

(8) Il-ftehimiet internazzjonali skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li l-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet fihom, bħall-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-"Ftehim ta' Pariġi")[15] u l-Patt Klimatiku ta' Glasgow reċenti[16], jistipulaw perkorsi preċiżi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u t-tisħin globali jinżamm għall-1.5°C gradi jew inqas. Minbarra li mistennija azzjonijiet speċifiċi mill-Partijiet firmatarji kollha, ir-rwol tas-settur privat, b'mod partikolari l-istrateġiji ta' investiment tiegħu, huwa meqjus ċentrali biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

---

14 https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E.

15 ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4. https://unfccc.int/files/essential_background/convention/application/pdf/english_paris_agreement.pdf

16 Il-Patt Klimatiku ta' Glasgow, adottat fit-13 ta' Novembru 2021 fil-COP26 fi Glasgow, https://unfccc.int/sites/default/files/resource/cma2021_L16_adv.pdf.https://unfccc.int/sites/default/files/resource/cma2021_L16_adv.pdf.

(9) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], l-Unjoni impenjat ruħha ukoll legalment li ssir newtrali għall-klima sal-2050 u li tnaqqas l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030. Dawn iż-żewġ impenji jeħtieġu bidla fil-mod li bih il-kumpaniji jipproduċu u jakkwistaw. Il-Pjan dwar il-Miri Klimatiċi tal-Kummissjoni għall-2030[18] jimmudella diversi gradi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġ minn setturi ekonomiċi differenti, għalkemm kollha jeħtieġ li jaraw tnaqqis konsiderevoli fix-xenarji kollha għall-Unjoni sabiex tilħaq l-objettivi klimatiċi tagħha. Il-Pjan jissottolinja wkoll li "bidliet fir-regoli u l-prattiki tal-governanza korporattiva, inkluż dwar il-finanzi sostenibbli, se jwasslu biex is-sidien tal-kumpaniji u l-maniġers jagħtu prijorità lill-objettivi tas-sostenibbiltà fl-azzjonijiet u fl-istrateġiji tagħhom." Il-Komunikazzjoni tal-2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[19] tistipula li l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jingħaqdu biex jgħinu lill-Unjoni tikseb tranżizzjoni ġusta u ta' suċċess lejn futur sostenibbli. Hija tistabbilixxi wkoll li s-sostenibbiltà jenħtieġ li tiġi inkorporata aktar fil-qafas ta' governanza korporattiva.

(10) Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tfassil ta' Ewropa reżiljenti għall-klima[20] li tippreżenta l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li deċiżjonijiet ġodda ta' investiment u politika jkunu infurmati dwar il-klima u validi għall-futur, inkluż għal negozji akbar li jiġġestixxu l-ktajjen tal-valur. Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun konsistenti ma' dik l-Istrateġija. Bl-istess mod, jenħtieġ li jkun hemm konsistenza mad-Direttiva tal-Kummissjoni […] li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta' pajjiżi terzi, u r-riskji ambjentali, soċjali u dawk ta' governanza (Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital)[21], li tistabbilixxi rekwiżiti ċari għar-regoli ta' governanza tal-banek inkluż l-għarfien dwar ir-riskji ambjentali, soċjali u dawk ta' governanza fil-livell tal-bord tad-diretturi.

---

17 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

18 SWD(2020) 176 final.

19 COM(2019) 640 final.

20 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM/2021/82 final), li tinsab hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0082.

21 ĠU C […], […], p. […].

(11) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar Ekonomija Ċirkolari[22], l-istrateġija għall-Bijodiversità[23], l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt[24] u l-istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi[25] u l-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa[26], l-Industrija 5.0[27] u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[28] u r-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-2021[29] jelenkaw inizjattiva dwar il-governanza korporattiva sostenibbli fost l-elementi tagħhom.

(12) Din id-Direttiva hija f'koerenza mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024[30]. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jiddefinixxi bħala prijorità t-tisħiħ tal-impenn tal-Unjoni li tippromwovi b'mod attiv l-implimentazzjoni globali tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u linji gwida internazzjonali rilevanti oħra bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, inkluż billi tavvanza l-istandards rilevanti ta' diliġenza dovuta.

---

22 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM/2020/98 final).

23 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM/2020/380 final).

24 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381 final).

25 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (COM/2020/667 final).

26 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa: (COM/2021/350 final).

27 Industrija 5.0; https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/industrial-research-and-innovation/industry-50_en

28 https://op.europa.eu/webpub/empl/european-pillar-of-social-rights/mt/index.html

29 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva (COM/2021/66/final).

30 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 (JOIN/2020/5 final).

(13) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi regoli tal-Unjoni għal obbligu komprensiv ta' diliġenza dovuta korporattiva[31]. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali tal-1 ta' Diċembru 2020[32] talbu lill-Kummissjoni tressaq proposta għal qafas legali tal-Unjoni dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, inklużi obbligi ta' diliġenza dovuta korporattiva transsettorjali tul il-ktajjen tal-provvista globali. Il-Parlament Ewropew jitlob ukoll li jiġu ċċarati d-dmirijiet tad-diretturi fir-rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu adottat fit-2 ta' Diċembru 2020 dwar il-governanza korporattiva sostenibbli. Fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar il-Prijoritajiet Leġiżlattivi tal-UE għall-2022[33], il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom, li jwettqu ekonomija għas-servizz tan-nies, u li jtejbu l-qafas regolatorju dwar il-governanza korporattiva sostenibbli.

(14) Din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-kumpaniji attivi fis-suq intern jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tal-ekonomiji u s-soċjetajiet permezz tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni, it-twaqqif u l-minimizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-impatti ambjentali negattivi potenzjali jew reali marbuta mal-operazzjonijiet proprji tal-kumpaniji, mal-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u tas-sħab kummerċjali fil-ktajjen tal-attivitajiet tal-kumpaniji. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jirrispettaw u li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u jħarsu l-ambjent skont id-dritt internazzjonali.

---

31 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva (2020/2129(INL)) , P9_TA(2021)0073, li tinsab hawn:https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?lang=en&reference=2020/2129(INL).

32 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali, 1 ta' Diċembru 2020 (13512/20).

33 Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Prijoritajiet Leġiżlattivi tal-UE għall-2022, li tinsab hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/joint_declaration_2022.pdf.

(14a) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ħarsien tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima skont atti leġiżlattivi oħrajn tal-Unjoni. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjoni ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni ieħor li jkollu l-istess objettivi u li jipprevedi obbligi aktar estensivi jew aktar speċifiċi, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv tal-Unjoni l-ieħor jipprevalu sal-punt tal-kunflitt u jenħtieġ li japplikaw għal dawk l-obbligi speċifiċi. Eżempji ta' dawn l-obbligi fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni jinkludu obbligi fir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt)[34], [il-proposta għal Regolament dwar il-Batteriji[35]] jew [il-proposta għal Regolament dwar il-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni[36]].

(14b) Sabiex jiġu akkomodati l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi tal-pensjoni u tas-sigurtà soċjali fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeċiedu jekk japplikawx din id-Direttiva għall-istituzzjonijiet tal-pensjoni tagħhom li joperaw sistemi tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni.

34 Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1).

35 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 (COM/2020/798 final).

36 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021) 706 final).

(15) Jenħtieġ li l-kumpaniji jieħdu passi xierqa biex jistabbilixxu u jwettqu miżuri ta' diliġenza dovuta, fir-rigward tal-operazzjonijiet proprji tagħhom, tas-sussidjarji tagħhom, kif ukoll tas-sħab kummerċjali diretti u indiretti tagħhom tul il-ktajjen tal-attivitajiet tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tirrikjedix li l-kumpaniji jiggarantixxu, fiċ-ċirkostanzi kollha, li l-impatti negattivi qatt ma jseħħu jew li se jitwaqqfu. Pereżempju fir-rigward tas-sħab kummerċjali fejn l-impatt negattiv jirriżulta minn intervent tal-Istat, il-kumpanija tista' ma tkunx f'pożizzjoni li tasal għal dawn ir-riżultati. Għalhekk, jenħtieġ li l-obbligi ewlenin f'din id-Direttiva jkunu "obbligi ta' mezzi". Jenħtieġ li l-kumpanija tieħu l-miżuri xierqa li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jirriżultaw fil-prevenzjoni jew fil-minimizzazzjoni tal-impatt negattiv fiċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpanija u l-katina tal-attivitajiet tagħha, tas-settur jew taż-żona ġeografika tal-kumpanija li fiha joperaw is-sħab kummerċjali tagħha, tas-setgħa tal-kumpanija li tinfluwenza s-sħab kummerċjali diretti u indiretti tagħha, u jekk il-kumpanija tistax iżżid is-setgħa ta' influwenza tagħha.

(16) Il-proċess ta' diliġenza dovuta stipulat f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri s-sitt passi definiti mill-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, li jinkludu miżuri ta' diliġenza dovuta għall-kumpaniji sabiex jidentifikaw u jindirizzaw l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali. Dan jinkludi l-passi li ġejjin: (1) l-integrazzjoni tad-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni, (2) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-impatti ambjentali negattivi, (3) il-prevenzjoni, il-waqfien jew il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, (4) il-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri, (5) il-komunikazzjoni, (6) il-provvista ta' rimedju.

(16a) Sabiex id-diliġenza dovuta ssir aktar effettiva u jitnaqqas il-piż fuq il-kumpaniji, jenħtieġ li dawn ikunu intitolati li jikkondividu r-riżorsi u l-informazzjoni fi ħdan il-gruppi ta' kumpaniji rispettivi tagħhom u ma' entitajiet legali oħra, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kumpanija omm li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva titħalla tissodisfa xi wħud mill-obbligi ta' diliġenza dovuta anke f'isem is-sussidjarji tagħha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Peress li l-kumpanija omm tkun qed tissodisfa dawn l-obbligi ta' diliġenza dovuta f'isem is-sussidjarji, jenħtieġ li s-sussidjarji jkunu meħtieġa jissodisfaw biss l-obbligi li jeħtieġ li jitwettqu fil-livell tas-sussidjarji minħabba n-natura tagħhom. Jenħtieġ li l-possibbiltà li jiġu ssodisfati l-obbligi fil-livell ta' grupp tkun limitata għall-kumpaniji omm u għas-sussidjarji li t-tnejn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Din il-limitazzjoni hija meħtieġa għall-finijiet ta' infurzar amministrattiv fejn, minbarra l-obbligi li jibqgħu tas-sussidjarji, jenħtieġ li l-kumpanija omm tkun responsabbli għat-twettiq tal-obbligi ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li l-awtorità superviżorja tal-kumpanija omm tkun kompetenti biex timmonitorja u tivvaluta l-issodisfar tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-grupp kollu, minbarra l-obbligi li jibqgħu tas-sussidjarji fejn jenħtieġ li l-awtorità superviżorja kompetenti tkun dik tas-sussidjarja rilevanti. Jekk is-sussidjarja ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-kumpanija omm ma tistax tissodisfa d-diliġenza dovuta f'isem is-sussidjarja peress li s-sussidjarja mhijiex obbligata twettaq id-diliġenza dovuta. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-kumpanija omm tkopri l-operazzjonijiet tas-sussidjarja bħala parti mill-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħha stess. Jekk is-sussidjarji jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, iżda l-kumpanija omm ma taqax taħtu, jenħtieġ li xorta waħda jitħallew jikkondividu r-riżorsi u l-informazzjoni fi ħdan il-grupp ta' kumpaniji. Madankollu, is-sussidjarji jkunu responsabbli biex jissodisfaw l-obbligi ta' diliġenza dovuta skont din id-Direttiva.

(16b) Jenħtieġ li l-issodisfar tal-obbligi ta' diliġenza dovuta fil-livell ta' grupp ikun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ċivili tas-sussidjarji fir-rigward tal-vittmi tad-dannu. Jekk il-kondizzjonijiet għar-responsabbiltà ċivili jiġu ssodisfati, is-sussidjarja tista' tinżamm responsabbli għad-dannu li jkun seħħ, irrispettivament minn jekk l-obbligi ta' diliġenza dovuta jkunux twettqu mis-sussidjarja jew mill-kumpanija omm f'isem is-sussidjarja.

(16c) F'konformità mal-liġi eżistenti tal-Unjoni, meta jikkondividu informazzjoni biex jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-kumpaniji jew l-entitajiet legali ma jkunux meħtieġa jiżvelaw lis-sieħeb kummerċjali tagħhom informazzjoni li titqies bħala sigriet kummerċjali kif definit fid-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37].

(17) L-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali jistgħu jseħħu fl-operazzjonijiet proprji tal-kumpaniji, fl-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u tas-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen tal-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari fil-livell tal-akkwist tal-materja prima, fil-manifattura, jew fil-livell tar-rimi tal-prodott jew tal-iskart. Sabiex id-diliġenza dovuta jkollha impatt sinifikanti, jenħtieġ li din tkopri l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali ġġenerati matul il-biċċa l-kbira miċ-ċiklu tal-ħajja tal-produzzjoni u l-użu u r-rimi tal-prodott jew tal-forniment tas-servizzi, fil-livell tal-operazzjonijiet proprji tal-kumpaniji, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u tas-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen tal-attivitajiet tagħhom.

---

37 Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

(18) Jenħtieġ li l-katina tal-attivitajiet tkopri attivitajiet relatati mal-produzzjoni u l-provvista ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi minn kumpanija, inkluż attivitajiet ta' sħab kummerċjali diretti u indiretti li jfasslu, jestrattaw, jimmanifatturaw, jittrasportaw, jaħżnu u jfornu materja prima, prodotti, partijiet ta' prodotti, jew jipprovdu servizzi lill-kumpanija li huma meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet tal-kumpanija. Barra minn hekk jenħtieġ li l-katina tal-attivitajiet tkopri attivitajiet ta' sħab kummerċjali diretti u indiretti li jiddistribwixxu, jittrasportaw, jaħżnu u jarmu l-prodott, inkluż fost oħrajn iż-żarmar tal-prodott, ir-riċiklaġġ, l-ikkompostjar jew ir-rimi tiegħu f'miżbla, fejn dawk l-attivitajiet jitwettqu għall-kumpanija jew f'isem il-kumpanija. Jenħtieġ li r-rimi tal-prodott mill-konsumaturi jkun eskluż sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà tal-obbligi ta' diliġenza dovuta. Barra minn hekk jenħtieġ li l-katina tal-attivitajiet ma tinkludix id-distribuzzjoni, it-trasport, il-ħżin u r-rimi ta' prodott li huwa soġġett għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' Stat Membru, jiġifieri l-kontroll tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew il-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra skont kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni, wara li l-esportazzjoni tal-prodott tkun awtorizzata.

[38] Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

(19) Għal impriżi finanzjarji regolati, id-definizzjoni tat-terminu "katina ta' attivitajiet" […] **jenħtieġ li tinkludi wkoll il-forniment ta'** servizzi finanzjarji […] **skont it-tifsira ta' din id-Direttiva jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li japplika din id-Direttiva wkoll għall-forniment ta' tali servizzi. F'tali każ, id-definizzjoni tat-terminu "katina ta' attivitajiet"** jenħtieġ li tiġi adattata biex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tagħhom bil-ħsieb li tinkludi attivitajiet li jallokaw il-kapital u jipprovdu kopertura tal-assigurazzjoni lill-ekonomija reali. Għaldaqstant, huwa xieraq li fid-definizzjoni tat-terminu "katina tal-attivitajiet" ma jiġux inklużi servizzi finanzjarji għajr dawk is-servizzi li jirriżultaw direttament f'allokazzjoni ta' kapital jew fil-kopertura tar-riskju permezz tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. Fir-rigward ta' impriżi finanzjarji regolati li jipprovdu servizzi finanzjarji, jenħtieġ li "katina tal-attivitajiet" fir-rigward tal-forniment ta' tali servizzi tkun limitata għall-attivitajiet tal-kontropartijiet li jirċievu tali servizzi, u s-sussidjarji tagħhom li jibbenefikaw mis-servizz li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta mas-servizz inkwistjoni. Jenħtieġ li l-attivitajiet tas-sħab kummerċjali fil-ktajjen tal-attivitajiet ta' dawk il-kontropartijiet ma jkunux koperti. Jenħtieġ li l-kontropartijiet li huma unitajiet domestiċi jew persuni fiżiċi li ma jaġixxux f'kapaċità professjonali jew kummerċjali, kif ukoll intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ma jitqisux bħala parti mill-katina tal-attivitajiet tal-impriża finanzjarja.

(20) […]

(21) Skont din id-Direttiva, il-kumpaniji stabbiliti fl-Unjoni b'medja ta' aktar minn 500 impjegat u fatturat nett globali li jaqbeż il-EUR 150 miljun fl-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew addottati jew kellhom jiġu addottati dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikkonformaw mad-diliġenza dovuta, dment li jissodisfaw dawk il-kriterji għal sentejn finanzjarji konsekuttivi. Fir-rigward ta' kumpaniji li ma jissodisfawx dawk il-kriterji, iżda li kellhom medja ta' aktar minn 250 impjegat u fatturat nett globali ta' aktar minn EUR 40 miljun fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja u li joperaw f'settur b'impatt għoli wieħed jew aktar, dment li jissodisfaw dawk il-kriterji għal sentejn finanzjarji konsekuttivi, id-diliġenza dovuta jenħtieġ li tapplika tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex tipprevedi perjodu ta' adattament itwal. Sabiex jiġi żgurat piż proporzjonat, jenħtieġ li l-kumpaniji li joperaw f'tali setturi b'impatt għoli jkunu meħtieġa jikkonformaw ma' diliġenza dovuta aktar immirata. Il-ħaddiema temporanji tal-aġenziji, inkluż dawk stazzjonati skont l-Artikolu 1(3), punt (c), tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39], kif emendata bid-Direttiva 2018/957/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu tan-numru ta' impjegati fil-kumpanija tal-utenti. Il-ħaddiema stazzjonati skont l-Artikolu 1(3)(a) u (b) tad-Direttiva 96/71/KE, kif emendata mid-Direttiva 2018/957/UE, jenħtieġ li jiġu inklużi biss fil-kalkolu tan-numru ta' impjegati tal-kumpanija mittenti. Jenħtieġ li l-ħaddiema staġjonali jiġu inklużi fil-kalkolu tal-għadd ta' impjegati proporzjonalment għall-għadd ta' xhur li huma impjegati għalihom.

---

39 Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

40 Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

(22) Sabiex jiġu riflessi l-oqsma ta' prijorità ta' azzjoni internazzjonali mmirati lejn l-indirizzar tad-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet ambjentali, l-għażla ta' setturi b'impatt għoli għall-finijiet ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tkun ibbażata fuq gwida settorjali eżistenti tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta. Jenħtieġ li s-setturi li ġejjin jitqiesu bħala ta' impatt għoli għall-finijiet ta' din id-Direttiva: il-manifattura tat-tessuti, tal-ġilda u tal-prodotti relatati (inkluż ix-xedd tas-saqajn), u l-kummerċ bl-ingrossa tat-tessuti, tal-ħwejjeġ u tax-xedd tas-saqajn; l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd (inkluż l-akkwakultura), il-manifattura ta' prodotti tal-ikel u x-xorb, u l-kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima agrikola, annimali ħajjin, injam, ikel u xorb; l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali irrispettivament minn fejn jiġu estratti (inklużi żejt grezz, gass naturali, faħam, linjite, metalli u minerali tal-metall, kif ukoll il-minerali u l-prodotti tal-barrieri mhux metalliċi l-oħrajn kollha), il-manifattura ta' prodotti tal-metall bażiċi, prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn u prodotti tal-metall fabbrikat (ħlief makkinarju u tagħmir), u n-negozju bl-ingrossa ta' riżorsi minerali, prodotti minerali bażiċi u intermedji (inklużi metalli u minerali tal-metall, materjali tal-kostruzzjoni, fjuwils, sustanzi kimiċi u prodotti intermedji oħrajn). Jenħtieġ li dawn is-setturi jinftiehmu bħala li jkopru s-setturi relatati tal-attivitajiet ekonomiċi assoċjati mal-klassifikazzjoni statistika applikabbli tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41]. Fir-rigward tas-settur finanzjarju, minħabba l-ispeċifiċitajiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-katina ta' attivitajiet u s-servizzi offruti, anke jekk ikun kopert minn gwida tal-OECD speċifika għas-settur, jenħtieġ li dan ma jifformax parti mis-setturi b'impatt għoli koperti minn din id-Direttiva. Fl-istess ħin, f'dan is-settur, il-kopertura usa' tal-impatti negattivi reali u potenzjali jenħtieġ li tiġi żgurata billi jiġu inklużi wkoll kumpaniji kbar ħafna fil-kamp ta' applikazzjoni li huma impriżi finanzjarji regolati, anke jekk ma jkollhomx forma ġuridika b'responsabbiltà limitata.

---

[41] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(23) Sabiex jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi ta' din id-Direttiva li jindirizzaw impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-ambjent fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-kumpaniji, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji u tas-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen tal-operazzjonijiet tal-kumpaniji, jenħtieġ li jiġu koperti wkoll kumpaniji ta' pajjiżi terzi b'operazzjonijiet sinifikanti fl-UE. B'mod aktar speċifiku, jenħtieġ li d-Direttiva tapplika għal kumpaniji ta' pajjiżi terzi li jġġeneraw fatturat nett ta' mill-inqas EUR 150 miljun fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja, jew fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun iżda inqas minn EUR 150 miljun iġġenerat fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja, dment li mill-inqas EUR 20 miljun ikunu ġew iġġenerati f'wieħed jew aktar mis-setturi b'impatt għoli. Il-kumpaniji jridu jissodisfaw dawk il-kriterji għal sentejn finanzjarji konsekuttivi.

(24) Għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jintgħażel il-kriterju tal-fatturat deskritt peress li joħloq konnessjoni territorjali bejn il-kumpaniji ta' pajjiżi terzi u t-territorju tal-Unjoni. Il-fatturat huwa indikatur tal-effetti li l-attivitajiet ta' dawk il-kumpaniji jista' jkollhom fuq is-suq intern. F'konformità mad-dritt internazzjonali, tali effetti jiġġustifikaw l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal kumpaniji ta' pajjiżi terzi. Sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tal-fatturat rilevanti tal-kumpaniji kkonċernati, jenħtieġ li jintużaw il-metodi għall-kalkolu tal-fatturat nett għal kumpaniji ta' pajjiżi terzi kif stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2013/34 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42]. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv ta' din id-Direttiva, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li ma jiġix applikat livell limitu għall-impjegati sabiex jiġi ddeterminat liema kumpaniji ta' pajjiżi terzi jaqgħu taħt din id-Direttiva, peress li l-kunċett ta' "impjegati" adottat għall-finijiet ta' din id-Direttiva huwa bbażat fuq id-dritt tal-Unjoni u ma setax jiġi traspost faċilment barra mill-Unjoni. Fin-nuqqas ta' metodoloġija ċara u konsistenti, inkluż fl-oqfsa kontabilistiċi, sabiex jiġu ddeterminati l-impjegati ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi, tali limitu tal-impjegati għalhekk joħloq inċertezza legali u jkun diffiċli li jiġi applikat għall-awtoritajiet superviżorji.

---

42 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Id-definizzjoni tal-fatturat jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-Direttiva 2013/34/UE li diġà stabbiliet il-metodi għall-kalkolu tal-fatturat nett għal kumpaniji mhux tal-Unjoni, peress li d-definizzjonijiet tal-fatturat u tad-dħul huma simili wkoll fl-oqfsa internazzjonali tal-kontabilità. Bil-għan li jiġi żgurat li l-awtorità superviżorja tkun taf liema kumpaniji ta' pajjiżi terzi jiġġeneraw il-fatturat meħtieġ fl-Unjoni sabiex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li din id-Direttiva tirrikjedi li r-rappreżentant awtorizzat tal-kumpanija ta' pajjiż terz jew il-kumpanija nnifisha jinformaw l-awtorità superviżorja fl-Istat Membru fejn ir-rappreżentant awtorizzat tal-kumpanija ta' pajjiż terz ikun domiċiljat jew stabbilit u, fejn ikun differenti, awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fih il-kumpanija ġġenerat il-biċċa l-kbira mill-fatturat nett tagħha fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja li l-kumpanija hija kumpanija li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jekk ikun meħtieġ biex jiġi determinat f'liema Stat Membru l-kumpanija ta' pajjiż terz iġġenerat il-biċċa l-kbira tal-fatturat nett tagħha fl-Unjoni, l-Istat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru dwar il-fatturat nett tal-kumpanija ta' pajjiż terz iġġenerat fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sistema biex tiżgura tali skambju ta' informazzjoni.

(25) Sabiex jinkiseb kontribut sinifikanti għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, jenħtieġ li titwettaq id-diliġenza dovuta skont din id-Direttiva fir-rigward tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni li jirriżultaw mill-ksur ta' wieħed mid-drittijiet minquxa fl-istrumenti internazzjonali kif elenkati fl-Anness I, il-Parti I, it-Taqsima I ta' din id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata kopertura komprensiva tad-drittijiet tal-bniedem, abbuż ta' dritt tal-bniedem li mhuwiex elenkat speċifikament fl-Anness I, il-Parti I, it-Taqsima I li jista' jiġi abbużat minn kumpanija, mis-sussidjarja jew mis-sieħeb kummerċjali tagħha u li jfixkel direttament interess legali protett fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem elenkati fl-Anness I, il-Parti I, it-Taqsima 2 jenħtieġ li jifforma wkoll parti mill-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem koperti minn din id-Direttiva, dment li l-kumpanija kkonċernata tkun setgħet identifikat b'mod raġonevoli tali abbuż tad-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet tagħha stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarja tagħha u l-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tagħha, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ speċifiku, bħan-natura u l-firxa tal-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpanija u l-katina ta' attivitajiet, is-settur ekonomiku u l-kuntest ġeografiku u operazzjonali tagħha. Id-diliġenza dovuta jenħtieġ li tkompli tinkludi impatti ambjentali negattivi li jirriżultaw mill-ksur ta' waħda mill-projbizzjonijiet u l-obbligi elenkati fl-Anness I, il-Parti II ta' din id-Direttiva.

(26) Meta jkunu qed jivvalutaw l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-kumpaniji għandhom gwida għad-dispożizzjoni tagħhom li turi kif l-attivitajiet tagħhom jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u liema mġiba korporattiva hija pprojbita f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment. Tali gwida hija inkluża pereżempju fil-United Nations Guiding Principles Reporting Framework (Qafas ta' Rapportar tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti)[43] u fil-United Nations Guiding Principles Interpretative Guide (Gwida Interpretattiva tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti)[44] jew fil-Human Rights Translated 2.0: A Business Reference Guide (Id-Drittijiet tal-Bniedem Spjegati 2.0: Gwida ta' Referenza għan-Negozju)[45].

(26a) Sabiex iwettqu diliġenza dovuta sinifikanti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, jenħtieġ li l-kumpaniji jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess kollu tat-twettiq tal-azzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati tal-kumpanija jinkludu l-impjegati tal-kumpanija, l-impjegati tas-sussidjarji tal-kumpanija, it-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-konsumaturi u individwi, gruppi, komunitajiet jew entitajiet oħra li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma jew jistgħu jiġu affettwati mill-prodotti, is-servizzi u l-operazzjonijiet tal-kumpanija, is-sussidjarji jew is-sħab kummerċjali tagħha. L-individwi possibbilment affettwati jistgħu jkunu, pereżempju, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent kif mifhum skont id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-gruppi jew il-komunitajiet possibbilment affettwati jistgħu jkunu, pereżempju, popli indiġeni kif protetti skont id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni. L-entitajiet possibbilment affettwati jistgħu jkunu, pereżempju, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jew istituzzjonijiet ambjentali.

43 https://www.ungpreporting.org/wp-content/uploads/UNGPReportingFramework_withguidance2017.pdf.
44 https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Business/RtRInterpretativeGuide.pdf.
45 https://www.ohchr.org/sites/default/files/Documents/Publications/HRT_2_0_EN.pdf

(27) Sabiex iwettqu diliġenza dovuta xierqa tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u l-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji, jenħtieġ li l-kumpaniji koperti minn din id-Direttiva jintegraw id-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija, jidentifikaw, jipprevjenu u jnaqqsu kif ukoll itemmu u jimminimizzaw il-firxa tal-impatti negattivi potenzjali u reali fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, jistabbilixxu u jżommu fis-seħħ proċedura għall-ilmenti, jimmonitorjaw l-effettività tal-miżuri meħuda f'konformità mar-rekwiżiti li huma stabbiliti f'din id-Direttiva u jikkomunikaw pubblikament dwar id-diliġenza dovuta tagħhom. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-passi meħuda għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti negattivi potenzjali u għat-tmiem, jew meta dan ma jkunx possibbli, għall-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi reali jenħtieġ li jiġu distinti b'mod ċar f'din id-Direttiva.

(28) Sabiex jiġi żgurat li d-diliġenza dovuta tifforma parti mill-politiki u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpaniji, u f'konformità mal-qafas internazzjonali rilevanti, jenħtieġ li l-kumpaniji jintegraw id-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija, u jkollhom fis-seħħ politika ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li l-politika tad-diliġenza dovuta tinkludi deskrizzjoni tal-approċċ tal-kumpanija, inkluż fuq perjodu ta' żmien twil, għad-diliġenza dovuta, kodiċi ta' kondotta li jiddeskrivi r-regoli u l-prinċipji li jridu jiġu segwiti mill-impjegati u s-sussidjarji tal-kumpanija, u, fejn rilevanti, is-sħab kummerċjali diretti jew indiretti tal-kumpanija, u deskrizzjoni tal-proċessi fis-seħħ biex tiġi implimentata d-diliġenza dovuta, inkluż il-miżuri meħuda biex tiġi vverifikata l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta u biex tiġi estiża l-applikazzjoni tiegħu għas-sħab kummerċjali. Il-kodiċi ta' kondotta jenħtieġ li japplika fil-funzjonijiet u l-operazzjonijiet korporattivi rilevanti kollha, inklużi d-deċiżjonijiet dwar l-akkwist u x-xiri. Jenħtieġ ukoll li l-kumpaniji jaġġornaw il-politika ta' diliġenza dovuta tagħhom mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, u mill-inqas kull 24 xahar. Jenħtieġ li bidla sinifikanti tinftiehem bħala tali bidla fl-*istatus quo* tal-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji jew tas-sħab kummerċjali tagħha, l-ambjent legali jew tan-negozju jew kwalunkwe bidla sostanzjali oħra mis-sitwazzjoni tal-kumpanija li l-kumpanija tista' tkun raġonevolment mistennija li tirreaġixxi għaliha u taġġorna l-politika. Eżempji ta' bidla sinifikanti jistgħu jkunu l-każijiet meta l-kumpanija topera f'settur ekonomiku ġdid jew f'żona ġeografika ġdida, tibda tipproduċi prodotti ġodda jew tbiddel il-mod tal-produzzjoni tal-prodotti eżistenti bl-użu ta' teknoloġija b'impatti negattivi potenzjalment ogħla, jew tbiddel l-istruttura korporattiva tagħha permezz ta' ristrutturar jew fużjonijiet jew akkwiżizzjonijiet. L-inkorporazzjoni tad-diliġenza dovuta fis-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju għandha tinftiehem skont il-qafas internazzjonali rilevanti biex jiġi żgurat li l-obbligi ta' diliġenza dovuta jiġu stabbiliti u ssorveljati. Sabiex jissodisfaw dan l-obbligu, il-kumpaniji jenħtieġ li jitħallew jorganizzaw internament skont il-ħtiġijiet tagħhom, pereżempju billi jużaw sistemi ta' ġestjoni eżistenti, jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija jew joħolqu uffiċjal għad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent.

(29) Sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' diliġenza dovuta, il-kumpaniji jeħtieġ li jieħdu miżuri xierqa fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u t-tmiem tal-impatti negattivi. Jenħtieġ li "miżura xierqa" tfisser miżura li tkun kapaċi tikseb l-objettivi tad-diliġenza dovuta, proporzjonali mal-grad ta' severità u l-probabbiltà tal-impatt negattiv, u raġonevolment disponibbli għall-kumpanija, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku, inkluż in-natura u l-firxa tal-operazzjonijiet tan-negozju tal-kumpanija u l-karatteristiċi tas-settur ekonomiku u tas-sieħeb kummerċjali speċifiku. Jekk ma tkunx tista' tinkiseb informazzjoni meħtieġa minħabba ostakli fattwali jew legali, pereżempju minħabba li sieħeb kummerċjali jirrifjuta li jipprovdi informazzjoni u ma hemm l-ebda raġuni legali biex dan jiġi infurzat, tali ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu bħala r-responsabbiltà tal-kumpanija.

(30) Skont l-obbligi ta' diliġenza dovuta stipulati minn din id-Direttiva, jenħtieġ li kumpanija tidentifika l-impatti negattivi reali jew potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali. Sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni komprensiva tal-impatti negattivi, tali identifikazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva. Pereżempju, fir-rigward tal-impatti negattivi ambjentali, jenħtieġ li l-kumpanija tikseb informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-linja bażi f'siti jew f'faċilitajiet ta' riskju ogħla fil-ktajjen ta' attivitajiet tagħha. Meta tidentifika l-impatti negattivi, il-kumpanija jenħtieġ li tkun tista' l-ewwel timmappja l-oqsma kollha tal-operazzjonijiet tagħha, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħha u, fejn relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, is-sħab kummerċjali tagħha, u abbażi tar-riżultati, twettaq valutazzjoni fil-fond li tiffoka fuq l-oqsma fejn l-impatti negattivi huma l-aktar probabbli li jkunu preżenti jew ikunu l-aktar sinifikanti. Meta tidentifika l-impatti negattivi, jenħtieġ li l-kumpanija tqis il-fatturi ta' riskju possibbli, bħal jekk is-sussidjarja jew is-sieħeb kummerċjali jkunux kumpanija li tkun kisret id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Il-kumpanija tista' tikseb l-informazzjoni meħtieġa minn deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji li jkun fihom penali li jenħtieġ li jiġu ppubblikati mill-awtoritajiet superviżorji kif ukoll min-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji sabiex ikun disponibbli sors uniku ta' informazzjoni għall-kumpaniji. Jenħtieġ li l-identifikazzjoni tal-impatti negattivi tinkludi l-valutazzjoni tal-kuntest tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali b'mod dinamiku u f'intervalli regolari: mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, iżda mill-inqas kull 24 xahar, matul il-ħajja ta' attività jew relazzjoni. Jenħtieġ li bidla sinifikanti tinftiehem bħala tali bidla fl-*istatus quo* tal-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, tal-operazzjonijiet tas-sussidjarji jew tas-sħab kummerċjali tagħha, tal-ambjent legali jew tan-negozju jew kwalunkwe bidla sostanzjali oħra mis-sitwazzjoni tal-kumpanija, inkluż apprendiment dwar l-impatt negattiv minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li l-kumpanija tista' tkun raġonevolment mistennija li tirreaġixxi għaliha u tidentifika l-impatti negattivi, possibbilment tipprijoritizzahom u tipprevenihom jew tnaqqashom jew ittemmhom jew timminimizzahom. Eżempji ta' bidla sinifikanti jistgħu jkunu l-każijiet meta l-kumpanija topera f'settur ekonomiku ġdid jew f'żona ġeografika ġdida, tibda tipproduċi prodotti ġodda jew tbiddel il-mod tal-produzzjoni tal-prodotti eżistenti bl-użu ta' teknoloġija b'impatt negattiv potenzjalment ogħla, jew tbiddel l-istruttura korporattiva tagħha permezz ta' ristrutturar jew fużjonijiet jew akkwiżizzjonijiet. L-intrapriżi finanzjarji regolati li jipprovdu servizzi finanzjarji jenħtieġ li jidentifikaw l-impatti negattivi biss fil-bidu tas-servizz u jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jivvalutaw l-impatti negattivi b'mod dinamiku jew f'intervalli regolari.

Meta jidentifikaw impatti negattivi, il-kumpaniji jenħtieġ li jidentifikaw u jivvalutaw ukoll l-impatt tal-mudell u l-istrateġiji kummerċjali ta' sieħeb kummerċjali, inkluż il-prattiki tan-negozjar, tal-akkwist u tal-ipprezzar.

(31) Sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq il-kumpaniji iżgħar li joperaw f'setturi b'impatt għoli li huma koperti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li dawk il-kumpaniji jkunu obbligati biss jidentifikaw dawk l-impatti negattivi reali jew potenzjali li huma rilevanti għas-settur rispettiv.

(32) Meta l-kumpanija ma tkunx tista' tipprevjeni, tnaqqas, ittemm jew timminimizza l-impatti negattivi reali u potenzjali kollha identifikati fl-istess ħin bis-sħiħ, jenħtieġ li tipprijoritizzahom abbażi tas-severità u tal-probabbiltà tal-impatt negattiv. F'konformità mal-qafas internazzjonali rilevanti, is-severità ta' impatt negattiv jenħtieġ li tiġi vvalutata abbażi tal-gravità tiegħu (l-iskala tal-impatt negattiv), l-għadd ta' persuni jew il-firxa tal-ambjent affettwat (l-ambitu tal-impatt negattiv), u d-diffikultà li tiġi restawrata s-sitwazzjoni prevalenti qabel l-impatt (karattru irrimedjabbli tal-impatt negattiv). Min-naħa l-oħra, l-influwenza attwali jew potenzjali tal-kumpanija fuq is-sħab kummerċjali tagħha, il-livell ta' involviment tal-kumpanija fl-impatt negattiv, il-prossimità għas-sussidjarja jew is-sieħeb kummerċjali, jew ir-responsabbiltà potenzjali tagħha mhumiex fatturi rilevanti fil-prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi. Bħala riżultat tal-prijoritizzazzjoni, wara li jiġu indirizzati l-aktar impatti negattivi sinifikanti fi żmien raġonevoli, il-kumpanija jenħtieġ li tkun obbligata tindirizza l-impatti negattivi inqas sinifikanti. Meta jiġi vvalutat żmien raġonevoli, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq iċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku, inkluż ir-riżorsi tal-kumpanija u s-settur ekonomiku li fih topera l-kumpanija, is-severità tal-impatt negattiv prijoritizzat li l-kumpanija tindirizza fi żmien partikolari, u l-iskala tal-impatt negattiv prijoritizzat f'mument partikolari.

(33) Skont l-obbligi ta' diliġenza dovuta stipulati minn din id-Direttiva, jekk kumpanija tidentifika impatti negattivi potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem jew l-ambjent, jenħtieġ li tieħu miżuri xierqa sabiex tipprevjenihom jew tnaqqashom b'mod adegwat. Sabiex il-kumpaniji jiġu pprovduti b'ċarezza u ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva tistipula l-azzjonijiet kollha li jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu mistennija jieħdu għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' impatti negattivi potenzjali meta jkun rilevanti skont iċ-ċirkostanzi. Meta jiġu vvalutati l-miżuri xierqa għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni adegwata tal-impatti negattivi, għandu jitqies kif xieraq l-hekk imsejjaħ "livell ta' involviment tal-kumpanija f'impatt negattiv" f'konformità mal-oqfsa internazzjonali u l-kapaċità tal-kumpanija li tinfluwenza lis-sieħeb kummerċjali li jkun qed jikkawża l-impatt negattiv. Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu obbligati jipprevjenu jew inaqqsu l-impatti negattivi li jikkawżaw waħedhom (l-hekk imsejjaħ "li jikkawża" l-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali) jew b'mod konġunt mas-sussidjarji jew is-sħab kummerċjali tagħhom (l-hekk imsejħa "jikkontribwixxu" għall-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali). L-ikkawżar b'mod konġunt tal-impatt negattiv mhuwiex limitat għal implikazzjoni ugwali tal-kumpanija u tas-sussidjarja jew tas-sieħeb kummerċjali tagħha fl-impatt negattiv, iżda jenħtieġ li jkopri l-każijiet kollha tal-atti jew tal-ommissjonijiet tal-kumpanija li jikkawżaw l-impatt negattiv flimkien mal-atti jew mal-ommissjonijiet tas-sussidjarji jew tas-sħab kummerċjali. Meta l-kumpaniji ma jkunux qed jikkawżaw l-impatti negattivi li jseħħu fil-katina tal-attivitajiet tagħhom stess jew b'mod konġunt ma' entitajiet ġuridiċi oħrajn, iżda l-impatt negattiv ikun ikkawżat mis-sieħeb kummerċjali tagħhom fil-ktajjen tal-attivitajiet tal-kumpaniji (l-hekk imsejħa "marbuta direttament ma'" l-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali), jenħtieġ li dawn ikunu obbligati jużaw l-influwenza tagħhom biex jipprevjenu jew jimmitigaw l-impatt negattiv ikkawżat mis-sħab kummerċjali tagħhom jew biex iżidu l-influwenza tagħhom biex jagħmlu dan. L-użu biss tal-kunċett li "jikkawża" l-impatt negattiv minflok it-termini msemmija hawn fuq użati fl-oqfsa internazzjonali jevita l-konfużjoni ma' termini legali eżistenti fis-sistemi legali nazzjonali filwaqt li jkopri l-istess relazzjonijiet kawżali kif deskritti f'dawn l-oqfsa. F'dan il-kuntest, f'konformità mal-oqfsa internazzjonali, l-influwenza tal-kumpanija fuq sieħeb kummerċjali jenħtieġ li tinkludi, minn naħa, il-kapaċità tagħha li tipperswadi lis-sieħeb kummerċjali sabiex jipprevjeni impatti negattivi (pereżempju permezz ta' setgħa tas-suq, ir-rekwiżiti ta' qabel il-kwalifika jew l-irbit tal-inċentivi kummerċjali mad-drittijiet tal-bniedem u l-prestazzjoni ambjentali) u, min-naħa l-oħra, il-grad ta' influwenza jew ingranaġġ li l-kumpanija tista' teżerċita b'mod raġonevoli, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni mas-sieħeb kummerċjali inkwistjoni jew l-involviment ma' kumpanija oħra li tkun is-sieħeb kummerċjali dirett tas-sieħeb kummerċjali assoċjat mal-impatt negattiv.

(34) Sabiex jikkonformaw mal-obbligu ta' prevenzjoni u mitigazzjoni skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet kollha li ġejjin, meta jkun rilevanti skont iċ-ċirkostanzi. Meta jkun meħtieġ minħabba l-kumplessità tal-miżuri ta' prevenzjoni, jenħtieġ li il-kumpaniji jiżviluppaw u jimplimentaw pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni. Jenħtieġ li l-kumpaniji jfittxu li jiksbu assigurazzjonijiet kuntrattwali minn sieħeb kummerċjali dirett li jkun se jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta jew mal-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, inkluż billi jintalbu assigurazzjonijiet kuntrattwali korrispondenti mis-sħab tiegħu sal-punt li l-attivitajiet tagħhom ikunu parti mill-katina ta' attivitajiet tal-kumpaniji. Jenħtieġ li l-assigurazzjonijiet kuntrattwali jkunu akkumpanjati minn miżuri xierqa sabiex tiġi vverifikata l-konformità. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpanija tkun obbligata biss li tfittex l-assigurazzjonijiet kuntrattwali, peress li l-kisba tagħhom tista' tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi. Sabiex tiġi żgurata prevenzjoni komprensiva tal-impatti negattivi potenzjali, jenħtieġ li l-kumpaniji jagħmlu wkoll investimenti finanzjarji jew mhux finanzjarji li għandhom l-għan li jipprevjenu impatti negattivi, u jikkollaboraw ma' kumpaniji oħrajn. Jenħtieġ li l-kumpaniji jipprovdu wkoll appoġġ immirat u proporzjonat għal SME li hija sieħeb kummerċjali tal-kumpanija, fejn il-vijabbiltà tal-SME tista' tiġi pperikolata, bħall-finanzjament, pereżempju, permezz ta' finanzjament dirett, self b'imgħax baxx, garanziji ta' akkwist kontinwu, u assistenza fl-iżgurar tal-finanzjament, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta jew tal-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, jew gwida teknika bħal fil-forma ta' taħriġ jew titjib tas-sistemi ta' ġestjoni. Jenħtieġ li l-ipperikolar tal-vijabbiltà ta' SME jiġi interpretat bħala li possibbilment jikkawża falliment tal-SME jew li jqiegħed lill-SME f'sitwazzjoni fejn il-falliment ikun imminenti. Jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji**, meta jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva,** ma jkunux meħtieġa jipprovdu appoġġ immirat u proporzjonat għal SME peress li l-katina tal-attivitajiet tagħhom ma tkoprix l-SMEs.

(35) Sabiex tiġi riflessa l-firxa sħiħa ta' għażliet għall-kumpanija f'każijiet fejn l-impatti potenzjali ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati mill-miżuri ta' prevenzjoni jew minimizzazzjoni deskritti, jenħtieġ li din id-Direttiva tirreferi wkoll għall-possibbiltà li l-kumpanija tfittex li tikkonkludi kuntratt mas-sieħeb kummerċjali indirett, bil-għan li tinkiseb konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija jew ma' pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, u twettaq miżuri xierqa sabiex tiġi vverifikata l-konformità tas-sieħeb kummerċjali indirett mal-kuntratt.

(35a) Huwa possibbli li l-prevenzjoni tal-impatti negattivi teħtieġ kollaborazzjoni ma' kumpanija oħra, pereżempju, fil-livell ta' sieħeb kummerċjali indirett ma' kumpanija li għandha relazzjoni kuntrattwali diretta mas-sieħeb kummerċjali indirett inkwistjoni. F'xi każijiet, kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra tista' tkun l-uniku mod realistiku għall-prevenzjoni ta' impatti negattivi kkawżati anke minn sħab kummerċjali diretti jekk l-influwenza tal-kumpanija ma tkunx biżżejjed. Jenħtieġ li l-kumpanija tikkollabora mal-entità li tista' tipprevjeni jew tnaqqas bl-aktar mod effettiv l-impatti negattivi waħedha jew b'mod konġunt mal-kumpanija, jew ma' entitajiet ġuridiċi oħrajn, filwaqt li tirrispetta l-liġi applikabbli, b'mod partikolari d-dritt tal-kompetizzjoni.

(36) Sabiex jiżguraw l-effettività tat-tmiem jew tal-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi attwali, jenħtieġ li l-kumpaniji jipprijoritizzaw l-involviment mas-sħab kummerċjali fil-katina ta' attivitajiet, minflok ma jitterminaw r-relazzjoni kummerċjali, bħala l-aħħar istanza wara li jipprovaw mingħajr suċċess li jipprevjenu u jnaqqsu impatti negattivi potenzjali. Jenħtieġ li t-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali bħala l-aħħar istanza tfisser li ma hemmx possibbiltajiet inqas drastiċi disponibbli u jidher li ftit li xejn hemm prospett li tiżdied l-influwenza tal-kumpanija fuq is-sħab kummerċjali li tikkawża l-impatt negattiv. Madankollu, jenħtieġ ukoll li d-Direttiva, għal każijiet fejn l-impatti negattivi potenzjali ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati mill-miżuri ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni deskritti, tirreferi għall-obbligu għall-kumpaniji li jżommu lura milli jidħlu f'relazzjonijiet ġodda jew li jestendu r-relazzjonijiet eżistenti mas-sieħeb kummerċjali inkwistjoni u, meta l-liġi li tirregola r-relazzjonijiet tagħhom tagħtihom id-dritt li jagħmlu hekk, jew jissospendu temporanjament ir-relazzjonijiet kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, filwaqt li jsegwu l-isforzi ta' prevenzjoni jew mitigazzjoni, jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li dawn l-isforzi għandhom jirnexxu fuq perjodu ta' żmien qasir; jew li jġibu fi tmiemha r-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati. Sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jissodisfaw dak l-obbligu, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu d-disponibbiltà ta' għażla li tiġi sospiża b'mod temporanju u tterminata r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom, ħlief għall-każijiet fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom, bħalma hu l-każ tal-assigurazzjoni obbligatorja. Is-sempliċi fatt li pajjiż terz ma jkunx irratifika jew implimenta fil-liġi nazzjonali tiegħu wieħed mill-istrumenti elenkati fl-Anness I għal din id-Direttiva, ma jinvolvi l-ebda obbligu li r-relazzjoni kummerċjali tiġi sospiża b'mod temporanju jew terminata.

(36a) F'xi każijiet, jenħtieġ li l-kumpaniji ma jkunux obbligati li jitterminaw ir-relazzjoni kummerċjali. Jenħtieġ li l-kumpaniji ma jkunux meħtieġa jitterminaw ir-relazzjoni kummerċjali jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li t-terminazzjoni tista' tirriżulta f'impatt negattiv aktar sever. Dan huwa f'konformità mal-qafas internazzjonali, jenħtieġ li jitqiesu l-interessi ta' dawk milquta ħażin. Pereżempju, it-terminazzjoni ta' relazzjoni kummerċjali li fiha nstab impatt negattiv potenzjali minħabba t-tħaddim tat-tfal tista' tesponi lit-tfal għal impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem saħansitra aktar severi. Bl-istess mod, jista' jkun hemm impatt negattiv aktar sever jekk il-ħaddiema jiġu mċaħħda mill-paga li tiggarantixxi l-għajxien minħabba t-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali mal-impjegatur tagħhom sabiex itemmu impatt negattiv potenzjali li jikkonsisti fil-ksur tad-dritt għal negozjar kollettiv. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-kumpanija ma tkunx meħtieġa tittermina r-relazzjoni kummerċjali mas-sieħeb kummerċjali kruċjali tagħha li jipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għan-negozju tal-kumpanija, jekk it-terminazzjoni tkun tikkawża preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija. Jenħtieġ li preġudizzju sostanzjali jiġi interpretat bħala effett negattiv u sinifikanti fuq is-sitwazzjoni legali, finanzjarja jew ekonomika tal-kumpanija jew fuq il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, inkluż fil-perspettiva fuq perjodu ta' żmien twil, bħal effett li jwassal għall-probabbiltà ta' insolvenza. Sabiex ma jiddgħajfux l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li d-deċiżjoni li ma titterminax ir-relazzjoni kummerċjali tkun soġġetta għal kondizzjonijiet sussegwenti. Jenħtieġ li l-kumpanija tkun meħtieġa tirrapporta lilha nnifisha lill-awtorità superviżorja u tiġġustifika kif xieraq ir-raġunijiet għaliex ma terminatx ir-relazzjoni kummerċjali u tkompli timmonitorja l-impatt negattiv potenzjali b'azzjonijiet potenzjali li għandhom jittieħdu għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-impatt negattiv, tivvaluta mill-ġdid perjodikament id-deċiżjoni li ma titterminax ir-relazzjoni kummerċjali u tfittex relazzjonijiet kummerċjali alternattivi. Sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar it-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali japplikaw biss għal ftehimiet kummerċjali konklużi mill-kumpanija wara l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(36b) Kif inhu enfasizzat ukoll fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali**,** l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi finanzjarji jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti. L-impriżi finanzjarji regolati huma mistennija jikkunsidraw l-impatti negattivi matul il-proċess ta' finanzjament u assigurazzjoni tagħhom u jużaw l-hekk imsejjaħ "ingranaġġ" tagħhom biex jinfluwenzaw lill-kumpaniji li jipprovdulhom finanzjament jew assigurazzjoni, biex jipprevjenu jew inaqqsu l-impatti negattivi potenzjali tal-kumpaniji. F'xi ċirkostanzi, it-terminazzjoni immedjata jew is-sospensjoni ta' servizzi finanzjarji jistgħu jkunu diffiċli jew saħansitra impossibbli (pereżempju assigurazzjoni mandatorja). F'każijiet oħra, meta impriża finanzjarja regolata teżerċita ingranaġġ, is-sospensjoni u t-tmiem tas-servizzi finanzjarji, jista' ma jkunx xieraq li jiġu sospiżi jew jintemmu s-servizzi finanzjarji peress li l-votazzjoni u l-involviment, b'mod partikolari l-involviment kollettiv ma' investituri jew kredituri, jista' jkollhom possibbiltajiet aħjar li jipprevjenu jew li jnaqqsu l-impatt negattiv. Għal dawn ir-raġunijiet, id-Direttiva ma teħtieġx li l-impriżi finanzjarji regolati**, meta jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva,** jissospendu temporanjament jew itemmu r-relazzjoni kummerċjali. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji regolati jkunu meħtieġa jkomplu jimmonitorjaw l-impatt negattiv u jkomplu bl-isforzi biex jipprevjenu jew inaqqsu l-impatt negattiv.

(37) Fir-rigward tas-sħab kummerċjali diretti u indiretti, il-kooperazzjoni tal-industrija, l-iskemi tal-industrija u l-inizjattivi b'diversi partijiet ikkonċernati jistgħu jgħinu sabiex jinħoloq ingranaġġ addizzjonali biex jiġu identifikati, imnaqqsa u evitati l-impatti negattivi. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli għall-kumpaniji li jiddependu fuq inizjattivi bħal dawn sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta stabbiliti f'din id-Direttiva sal-punt li skemi u inizjattivi bħal dawn ikunu xierqa sabiex jappoġġaw it-twettiq ta' dawk l-obbligi. Il-kumpaniji jistgħu jivvalutaw, fuq inizjattiva tagħhom stess, l-allinjament ta' dawn l-iskemi u l-inizjattivi mal-obbligi skont din id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata informazzjoni sħiħa dwar inizjattivi bħal dawn, jenħtieġ li d-Direttiva tirreferi wkoll għall-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar skemi jew inizjattivi bħal dawn u r-riżultati tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, toħroġ gwida għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-iskemi tal-industrija u tal-inizjattivi b'diversi partijiet ikkonċernati.

(38) Skont l-obbligi ta' diliġenza dovuta stipulati minn din id-Direttiva, jekk kumpanija tidentifika impatti negattivi reali fuq id-drittijiet tal-bniedem jew l-ambjent, jenħtieġ li din tieħu miżuri xierqa sabiex dawn jintemmu. Jista' jkun mistenni li kumpanija tkun tista' ttemm l-impatti negattivi reali fl-operazzjonijiet tagħha stess u dawk tas-sussidarji tagħha. Madankollu, jenħtieġ li jiġi ċċarat li, fir-rigward tas-sħab kummerċjali, meta ma jkunux jistgħu jinġiebu fi tmiemhom impatti negattivi, jenħtieġ li l-kumpaniji jimminimizzaw il-firxa ta' tali impatti. Jenħtieġ li l-minimizzazzjoni tal-firxa tal-impatti negattivi tirrikjedi riżultat li jkun l-eqreb possibbli sabiex jinġieb fi tmiemu l-impatt negattiv. Sabiex il-kumpaniji jiġu pprovduti b'ċarezza u ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva tiddefinixxi liema azzjonijiet jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu meħtieġa jieħdu sabiex jinġiebu fi tmiemhom l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u dawk ambjentali u jimminimizzaw il-firxa tagħhom, meta jkun rilevanti skont iċ-ċirkostanzi. Meta jiġu vvalutati l-miżuri xierqa għat-tmiem jew għall-minimizzazzjoni tal-firxa tal-impatti negattivi, għandu jitqies l-hekk imsejjaħ "livell ta' involviment tal-kumpanija f'impatt negattiv" f'konformità mal-oqfsa internazzjonali u l-kapaċità tal-kumpanija li tinfluwenza lis-sieħeb kummerċjali li jkun qed jikkawża l-impatt negattiv. Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu obbligati jtemmu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatti negattivi li jikkawżaw waħedhom (l-hekk imsejjaħ "li jikkawża" l-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali) jew b'mod konġunt mas-sussidjarji jew mas-sħab kummerċjali tagħhom (l-hekk imsejħa "jikkontribwixxu" għall-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali). L-ikkawżar b'mod konġunt tal-impatt negattiv mhuwiex limitat għal implikazzjoni ugwali tal-kumpanija u tas-sussidjarja jew tas-sieħeb kummerċjali tagħha fl-impatt negattiv, iżda jenħtieġ li jkopri l-każijiet kollha tal-atti jew tal-ommissjonijiet tal-kumpanija li jikkawżaw l-impatt negattiv flimkien mal-atti jew mal-ommissjonijiet tas-sussidjarji jew tas-sħab kummerċjali. Meta l-kumpaniji ma jkunux qed jikkawżaw l-impatti negattivi li jseħħu fil-katina tal-attivitajiet tagħhom stess jew b'mod konġunt ma' entitajiet ġuridiċi oħrajn, iżda l-impatt negattiv ikun ikkawżat mis-sieħeb kummerċjali tagħhom fil-ktajjen tal-attivitajiet tal-kumpaniji (l-hekk imsejħa "marbuta direttament ma'"l-impatt negattiv kif imsemmi fil-qafas internazzjonali), jenħtieġ li dawn ikunu obbligati jużaw l-influwenza tagħhom biex itemmu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatt negattiv ikkawżat mis-sussidjarji jew mis-sħab kummerċjali tagħhom jew biex iżidu l-influwenza tagħhom biex jagħmlu dan. L-użu biss tal-kunċett li "jikkawża" l-impatt negattiv minflok it-termini msemmija hawn fuq użati fl-oqfsa internazzjonali jevita l-konfużjoni ma' termini legali eżistenti fis-sistemi legali nazzjonali filwaqt li jkopri l-istess relazzjonijiet kawżali kif deskritti f'dawn l-oqfsa.

F'dan il-kuntest, f'konformità mal-oqfsa internazzjonali, l-influwenza tal-kumpanija fuq sieħeb kummerċjali jenħtieġ li tinkludi, minn naħa, il-kapaċità tagħha li tipperswadi lis-sieħeb kummerċjali sabiex jipprevjeni impatti negattivi (pereżempju permezz tas-setgħa tas-suq, ir-rekwiżiti ta' qabel il-kwalifika jew l-irbit tal-inċentivi kummerċjali mad-drittijiet tal-bniedem u l-prestazzjoni ambjentali) u, min-naħa l-oħra, il-grad ta' influwenza jew ingranaġġ li l-kumpanija tista' teżerċita b'mod raġonevoli, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni mas-sieħeb kummerċjali inkwistjoni jew l-involviment ma' kumpanija oħra li tkun is-sieħeb kummerċjali dirett tas-sieħeb kummerċjali assoċjat mal-impatt negattiv.

(39) Sabiex jikkonformaw mal-obbligu li jġibu fi tmiemhom u jimminimizzaw il-firxa tal-impatti negattivi reali skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet kollha li ġejjin, meta jkun rilevanti skont iċ-ċirkostanzi. Jenħtieġ li dawn jinnewtralizzaw l-impatt negattiv jew jimminimizzaw il-firxa tiegħu, b'azzjoni proporzjonata għas-sinifikat u l-ambitu tal-impatt negattiv u għall-involviment tal-kumpanija fl-impatt negattiv. Meta jkun meħtieġ minħabba l-fatt li l-impatt negattiv ma jkunx jista' jinġieb fi tmiemu minnufih, jenħtieġ li l-kumpaniji jiżviluppaw u jimplimentaw pjan ta' azzjoni korrettiva bi skedi ta' żmien raġonevoli u definiti b'mod ċar għall-azzjoni u indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għall-kejl tat-titjib. Jenħtieġ li l-kumpaniji jfittxu wkoll li jiksbu assigurazzjonijiet kuntrattwali minn sieħeb kummerċjali dirett li se jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija u, kif meħtieġ, ma' pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, inkluż billi jfittxu assigurazzjonijiet kuntrattwali korrispondenti mis-sħab tagħhom, sal-punt li l-attivitajiet tiegħu jkunu parti mill-katina tal-attivitajiet tal-kumpanija. L-assigurazzjonijiet kuntrattwali jenħtieġ li jkunu akkumpanjati mill-miżuri xierqa biex tiġi vverifikata l-konformità. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpanija tkun obbligata biss li tfittex l-assigurazzjonijiet kuntrattwali, peress li l-kisba tagħhom tista' tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi. Jenħtieġ li l-kumpaniji jagħmlu wkoll investimenti finanzjarji jew mhux finanzjarji li jkollhom l-għan li jwaqqfu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatt negattiv, jipprovdu appoġġ immirat u proporzjonat għal SMEs li jkunu sħab kummerċjali tal-kumpanija, fejn il-vijabbiltà tal-SME tkun tista' tiġi pperikolata u jikkollaboraw ma' entitajiet oħrajn, inkluż, meta jkun rilevanti, li tiżdied il-kapaċità tal-kumpanija li ġġib fi tmiemu l-impatt negattiv. Jenħtieġ li l-ipperikolar tal-vijabbiltà ta' SME jiġi interpretat bħala li possibbilment jikkawża falliment tal-SME jew li jqiegħed lill-SME f'sitwazzjoni fejn il-falliment ikun imminenti. Jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji**, meta jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva,** ma jkunux meħtieġa jipprovdu appoġġ immirat u proporzjonat għal SME peress li l-katina tal-attivitajiet tagħhom ma tkoprix l-SMEs. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-kumpaniji jipprovdu rimedju lill-persuni u lill-komunitajiet affettwati li għandu jikkonsisti f'kumpens finanzjarju jew mhux finanzjarju li għandu jkun proporzjonat għall-importanza (l-iskala tal-impatt negattiv, il-gravità) u l-ambitu (l-għadd ta' persuni jew il-firxa tal-ambjent affettwat) tal-impatt negattiv u l-involviment tal-kumpanija fl-impatt negattiv. Il-kumpens finanzjarju jew mhux finanzjarju jista' jikkonsisti mir-restituzzjoni tal-persuna jew persuni affettwati mis-sitwazzjoni li kienu jkunu fiha kieku l-impatt negattiv reali ma jkunx seħħ.

(40) Sabiex tiġi riflessa l-firxa sħiħa ta' għażliet għall-kumpanija f'każijiet fejn l-impatti reali ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati mill-miżuri deskritti, jenħtieġ li din id-Direttiva tirreferi wkoll għall-possibbiltà li l-kumpanija tfittex li tikkonkludi kuntratt mas-sieħeb kummerċjali indirett, bil-għan li tinkiseb konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija jew ma' pjan ta' azzjoni korrettiva, u twettaq miżuri xierqa sabiex tiġi vverifikata l-konformità tas-sieħeb kummerċjali indiretta mal-kuntratt.

(41) Sabiex jiżguraw l-effettività tat-tmiem jew tal-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi reali, jenħtieġ li l-kumpaniji jipprijoritizzaw l-involviment mas-sħab kummerċjali fil-katina tal-attivitajiet, minflok ma jġibu fi tmiemha r-relazzjoni kummerċjali, bħala l-aħħar istanza wara li jipprovaw mingħajr suċċess li jġibu fi tmiemhom jew jimminimizzaw l-impatti negattivi reali. Jenħtieġ li t-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali bħala l-aħħar istanza tfisser li ma hemmx possibbiltajiet inqas drastiċi disponibbli u jidher li ftit li xejn hemm prospett li tiżdied l-influwenza tal-kumpanija fuq is-sħab kummerċjali li tikkawża l-impatt negattiv. Madankollu, jenħtieġ ukoll li din id-Direttiva, għal każijiet fejn l-impatti negattivi reali ma jkunux jistgħu jinġiebu fi tmiemhom jew il-firxa tagħhom ma tkunx minimizzata b'mod adegwat permezz tal-miżuri deskritti, tirreferi għall-obbligu għall-kumpaniji li jżommu lura milli jidħlu f'relazzjonijiet ġodda jew li jestendu r-relazzjonijiet eżistenti mas-sieħeb kummerċjali inkwistjoni u, meta l-liġi li tirregola r-relazzjonijiet tagħhom tagħtihom id-dritt li jagħmlu hekk, jew jissospendu temporanjament ir-relazzjonijiet kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, filwaqt li jsegwu l-isforzi biex itemmu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatt negattiv, jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li dawn l-isforzi għandhom jirnexxu fuq perjodu ta' żmien qasir, jew jitterminaw ir-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati. Sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jissodisfaw dak l-obbligu, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu d-disponibbiltà ta' għażla li jiġu sospiżi u jintemmu b'mod temporanju r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom, ħlief għall-każijiet fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom, bħalma hu l-każ tal-assigurazzjoni obbligatorja. Is-sempliċi fatt li pajjiż terz ma jkunx irratifika jew implimenta fil-liġi nazzjonali tiegħu wieħed mill-istrumenti elenkati fl-Anness I għal din id-Direttiva, ma jinvolvi l-ebda obbligu li r-relazzjoni kummerċjali tiġi sospiża jew mitmuma b'mod temporanju.

(41a) F'xi każijiet, jenħtieġ li l-kumpaniji ma jkunux obbligati li jtemmu r-relazzjoni kummerċjali. Jenħtieġ li l-kumpaniji ma jkunux meħtieġa jtemmu r-relazzjoni kummerċjali jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li t-terminazzjoni tista' tirriżulta f'impatt negattiv aktar sever. Dan huwa f'konformità mal-qafas internazzjonali, jenħtieġ li jitqiesu l-interessi ta' dawk milquta ħażin. Pereżempju, it-terminazzjoni ta' relazzjoni kummerċjali li fiha nstab it-tħaddim tat-tfal tista' tesponi lit-tfal għal impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem saħansitra aktar severi. Bl-istess mod, jista' jkun hemm impatt negattiv aktar sever jekk il-ħaddiema jiġu mċaħħda mill-paga li tiggarantixxi l-għajxien minħabba t-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali mal-impjegatur tagħhom sabiex itemmu impatt negattiv li jikkonsisti fil-ksur tad-dritt għal negozjar kollettiv. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-kumpanija ma tkunx meħtieġa ttemm ir-relazzjoni kummerċjali mas-sieħeb kummerċjali kruċjali tagħha li jipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għan-negozju tal-kumpanija, jekk it-terminazzjoni tkun tikkawża preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija. Jenħtieġ li preġudizzju sostanzjali jiġi interpretat bħala effett negattiv u sinifikanti fuq is-sitwazzjoni legali, finanzjarja jew ekonomika tal-kumpanija jew fuq il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, inkluż fil-perspettiva fuq perjodu ta' żmien twil, bħal effett li jwassal għall-probabbiltà ta' insolvenza. Sabiex ma jiddgħajfux l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li d-deċiżjoni li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali tkun soġġetta għal kondizzjonijiet sussegwenti. Jenħtieġ li l-kumpanija tkun meħtieġa tirrapporta lilha nnifisha lill-awtorità superviżorja u tiġġustifika kif xieraq ir-raġunijiet għaliex ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali u tkompli timmonitorja l-impatt negattiv reali b'azzjonijiet potenzjali li jridu jittieħdu biex tintemm jew tiġi minimizzata l-firxa tal-impatt negattiv, tivvaluta mill-ġdid perjodikament id-deċiżjoni li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali u tfittex relazzjonijiet kummerċjali oħrajn. Sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar it-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali japplikaw biss għal ftehimiet kummerċjali konklużi mill-kumpanija wara l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(41b) Kif inhu enfasizzat ukoll fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi finanzjarji jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti. L-impriżi finanzjarji regolati huma mistennija jikkunsidraw l-impatti negattivi matul il-proċess ta' finanzjament u assigurazzjoni tagħhom u jużaw l-hekk imsejjaħ "ingranaġġ" tagħhom biex jinfluwenzaw lill-kumpaniji li jipprovdulhom finanzjament jew assigurazzjoni, biex itemmu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatti negattivi tal-kumpaniji. F'xi ċirkostanzi, it-terminazzjoni immedjata jew is-sospensjoni ta' servizzi finanzjarji jistgħu jkunu diffiċli jew saħansitra impossibbli (eż. assigurazzjoni mandatorja). F'każijiet oħra, meta impriża finanzjarja regolata teżerċita ingranaġġ, jista' ma jkunx xieraq li jiġu sospiżi jew jintemmu s-servizzi finanzjarji peress li l-votazzjoni u l-involviment, b'mod partikolari l-involviment kollettiv ma' investituri jew kredituri, jista' jkollhom possibbiltajiet aħjar li jtemmu jew jimminimizzaw il-firxa tal-impatt negattiv. Għal dawn ir-raġunijiet, id-Direttiva ma teħtieġx li l-impriżi finanzjarji regolati**, meta jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva,** jissospendu temporanjament jew itemmu r-relazzjoni kummerċjali. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji regolati jkunu meħtieġa jkomplu jimmonitorjaw l-impatt negattiv u jkomplu bl-isforzi biex itemmu u jimminimizzaw il-firxa tal-impatt negattiv.

(42) Jenħtieġ li l-kumpaniji jipprovdu l-possibbiltà li l-persuni u l-organizzazzjonijiet jissottomettu lmenti direttament lilhom f'każ ta' tħassib leġittimu dwar l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, reali jew potenzjali. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq il-kumpaniji, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedura kollaborattiva tal-ilmenti, bħal dawk stabbiliti b'mod konġunt mill-kumpaniji (pereżempju, minn grupp ta' kumpaniji), permezz ta' assoċjazzjonijiet tal-industrija jew inizjattivi b'diversi partijiet ikkonċernati, minflok ma jistabbilixxu l-proċedura tal-ilmenti waħedhom. L-organizzazzjonijiet li jistgħu jippreżentaw ilmenti bħal dawn jenħtieġ li jinkludu t-trade unions u rappreżentanti ta' ħaddiema oħra li jirrappreżentaw individwi li jaħdmu fil-katina tal-attivitajiet ikkonċernata u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fl-oqsma relatati mal-impatt negattiv ikkonċernat meta jkollhom għarfien dwar impatt negattiv potenzjali jew reali. Jenħtieġ li l-kumpaniji jistabbilixxu proċedura ġusta, aċċessibbli u trasparenti sabiex jittrattaw dawk l-ilmenti u jinfurmaw lill-ħaddiema, lit-trade unions u lir-rappreżentanti ta' ħaddiema oħra, meta jkun rilevanti, dwar tali proċeduri. Jenħtieġ li t-terminu "ġust, aċċessibbli u trasparenti" jinftiehem f'konformità mal-prinċipju 31 tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jirrikjedu li l-proċeduri jkunu leġittimi, aċċessibbli, prevedibbli, ekwi, trasparenti, kompatibbli mad-drittijiet u sors ta' apprendiment kontinwu. Jenħtieġ li l-proċedura tiżgura l-kunfidenzjalità tal-identità tal-ilmentatur, u l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata kull forma ta' ritaljazzjoni mill-kumpanija u s-sussidjarji tagħha. Jenħtieġ li r-ritaljazzjoni tinftiehem bħala kwalunkwe att jew ommissjoni diretta jew indiretta li tkun imqanqla mis-sottomissjoni ta' lment u li tikkawża jew li tista' tikkawża detriment mhux ġustifikat għall-ilmentatur. Jenħtieġ li r-rikors għall-mekkaniżmu tal-ilmenti u tar-rimedju ma jipprevjenix lill-ilmentatur milli jirrikorri għal rimedji ġudizzjarji jew milli jissottometti tħassib sostanzjat lill-awtoritajiet superviżorji. F'konformità mal-istandards internazzjonali, jenħtieġ li l-ilmentaturi jkunu intitolati li jitolbu segwitu xieraq mill-kumpanija dwar l-ilment u li jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-kumpanija f'livell xieraq sabiex jiddiskutu impatti negattivi severi potenzjali jew reali li huma s-suġġett tal-ilment. Jenħtieġ li dan l-aċċess ma jwassalx għal solleċitazzjonijiet mhux raġonevoli tal-kumpaniji.

(42a) Minħabba lista usa' ta' persuni jew organizzazzjonijiet intitolati li jressqu lment u kamp ta' applikazzjoni usa' tas-suġġetti tal-ilmenti, il-proċedura tal-ilmenti tinftiehem legalment bħala mekkaniżmu separat għall-proċedura ta' rapportar intern stabbilita mill-kumpaniji f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46]. Jekk il-ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dik id-Direttiva jista' jitqies bħala impatt negattiv u l-persuna li tirrapporta tkun impjegata tal-kumpanija li tkun affettwata direttament mill-impatt negattiv, allura l-persuna tkun tista' tuża ż-żewġ proċeduri - il-mekkaniżmu tal-ilmenti f'konformità ma' din id-Direttiva jew il-proċedura ta' rapportar intern stipulati f'konformità ma' dik id-Direttiva. Madankollu, jekk waħda mill-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ma tiġix issodisfata, imbagħad il-persuna tkun tista' tipproċedi biss permezz ta' waħda mill-proċeduri.

[46] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

(43) Jenħtieġ li l-kumpaniji jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri ta' diliġenza dovuta tagħhom, b'konsiderazzjoni xierqa tal-informazzjoni rilevanti mill-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li jwettqu valutazzjonijiet perjodiċi tal-operazzjonijiet tagħhom stess, dawk tas-sussidjarji tagħhom u, meta relatati mal-ktajjen tal-attivitajiet tal-kumpanija, dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom, sabiex jimmonitorjaw l-effettività tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem u l-minimizzazzjoni tal-firxa tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u dawk ambjentali. Tali valutazzjonijiet jenħtieġ li jivverifikaw li l-impatti negattivi jiġu identifikati kif xieraq, li jiġu implimentati miżuri ta' diliġenza dovuta u li fil-fatt ikunu ġew evitati jew mitmuma l-impatti negattivi. Sabiex jiġi żgurat li tali valutazzjonijiet ikunu aġġornati, jenħtieġ li dawn jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li tkun seħħet bidla sinifikanti, iżda mill-inqas kull 24 xahar u sadanittant jiġu riveduti jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li setgħu rriżultaw riskji ġodda sinifikanti ta' impatt negattiv. Jenħtieġ li bidla sinifikanti tinftiehem bħala tali bidla fl-*istatus quo* tal-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, tal-operazzjonijiet tas-sussidjarji jew tas-sħab kummerċjali tagħha, tal-ambjent legali jew tan-negozju jew kwalunkwe bidla sostanzjali oħra mis-sitwazzjoni tal-kumpanija, inkluż apprendiment dwar l-impatt negattiv minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li l-kumpanija tista' tkun raġonevolment mistennija li tirreaġixxi għaliha u tivvalutaha. Eżempji ta' bidla sinifikanti jistgħu jkunu l-każijiet meta l-kumpanija topera f'settur ekonomiku ġdid jew f'żona ġeografika ġdida, tibda tipproduċi prodotti ġodda jew tbiddel il-mod tal-produzzjoni tal-prodotti eżistenti bl-użu ta' teknoloġija b'impatt negattiv potenzjalment ogħla, jew tbiddel l-istruttura korporattiva tagħha permezz ta' ristrutturar jew fużjonijiet jew akkwiżizzjonijiet. Jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji jwettqu valutazzjoni perjodika biss tal-operazzjonijiet tagħhom**,** [...] dawk tas-sussidjarji tagħhom [...] **u, meta jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva lis-sħab kummerċjali tagħhom,** [...] **tal-**effettività tal-miżuri meħuda biex jiġi evitat jew jittaffa l-impatt negattiv potenzjali jew jintemm l-impatt negattiv reali li jkun ġie identifikat qabel il-forniment tas-servizz finanzjarju lis-sieħeb kummerċjali kkonċernat, jew jitnaqqas kemm jista' jkun. Jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda valutazzjoni ulterjuri mill-impriżi finanzjarji fir-rigward tas-sħab kummerċjali tagħhom **li lilhom jipprovdu servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva** matul l-eżistenza tar-relazzjoni mas-sieħeb kummerċjali.

(44) Bħal fl-istandards internazzjonali eżistenti stabbiliti mill-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-qafas tal-OECD, dan jifforma parti mir-rekwiżit ta' diliġenza dovuta sabiex tiġi kkomunikata informazzjoni rilevanti esternament dwar il-politiki , il-proċessi u l-attivitajiet ta' diliġenza dovuta mwettqa sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-impatti negattivi reali jew potenzjali, inklużi s-sejbiet u l-eżiti ta' dawk l-attivitajiet. Id-Direttiva 2013/34/UE tistabbilixxi l-obbligi tar-rapportar rilevanti fir-rigward tas-sostenibbiltà korporattiva għall-kumpaniji koperti minn din id-Direttiva. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, jenħtieġ għalhekk li din id-Direttiva ma tintroduċi l-ebda obbligu ta' rapportar ġdid minbarra dawk skont id-Direttiva 2013/34/UE għall-kumpaniji koperti minn dik id-Direttiva kif ukoll l-istandards ta' rapportar li jenħtieġ li jiġu żviluppati skontha. Fir-rigward ta' kumpaniji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, iżda li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 2013/34/UE, sabiex jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jikkomunikaw bħala parti mid-diliġenza dovuta skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom dikjarazzjoni annwali dwar is-sena finanzjarja f'lingwa abitwali fl-isfera tan-negozju internazzjonali.

(45) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kumpaniji mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tagħhom permezz tal-katina tal-attivitajiet tagħhom u jiġi limitat it-trasferiment tal-piż tal-konformità fuq is-sħab kummerċjali tal-SMEs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar il-klawżoli kuntrattwali mudell, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

(46) Sabiex tipprovdi appoġġ u għodod prattiċi lill-kumpaniji jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kif il-kumpaniji jenħtieġ li jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta, il-Kummissjoni, bl-użu ta' linji gwida u standards internazzjonali rilevanti bħala referenza, u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u meta jkun xieraq ma' korpi internazzjonali li jkollhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta, jenħtieġ li joħorġu linji gwida, inkluż għal setturi speċifiċi jew għal impatti negattivi speċifiċi jew l-interazzjoni ta' din id-Direttiva u atti leġiżlattivi oħrajn tal-Unjoni li għandhom l-istess objettivi u li jipprevedu obbligi aktar estensivi jew aktar speċifiċi.

(47) Għalkemm l-SMEs ma humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dawn jistgħu jiġu affettwati mid-dispożizzjonijiet tagħha bħala kuntratturi jew sottokuntratturi (sħab kummerċjali diretti jew indiretti) għall-kumpaniji koperti mill-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, l-għan huwa li jitnaqqas il-piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-SMEs, li ħafna minnhom diġà qed ibatu fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u sanitarja globali. Sabiex jappoġġaw lill-SMEs, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu u joperaw, individwalment jew b'mod konġunt, siti web, portali jew pjattaformi dedikati biex jipprovdu informazzjoni u appoġġ għall-kumpaniji, u l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw ukoll finanzjarjament lill-SMEs u jgħinuhom jibnu l-kapaċità. Il-kumpaniji li s-sieħeb kummerċjali tagħhom ikun SME, huma mħeġġa wkoll jappoġġawh sabiex jikkonformaw mal-miżuri ta' diliġenza dovuta, f'każ li tali rekwiżiti jipperikolaw il-vijabbiltà tal-SMEs u jużaw rekwiżiti ġusti, raġonevoli, mhux diskriminatorji u proporzjonati fir-rigward tal-SMEs.

(48) Sabiex tikkomplementa l-appoġġ tal-Istati Membri lill-SMEs, il-Kummissjoni tista' tibni fuq għodod, proġetti u azzjonijiet oħra eżistenti tal-Unjoni li jgħinu fl-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Tista' tistabbilixxi miżuri ġodda ta' appoġġ li jipprovdu għajnuna lill-kumpaniji, inklużi l-SMEs dwar ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta, inkluż osservatorju għat-trasparenza tal-katina tal-attivitajiet u l-faċilitazzjoni ta' inizjattivi konġunti tal-partijiet ikkonċernati.

(49) Il-Kummissjoni tista' tikkomplementa l-miżuri ta' appoġġ tal-Istati Membri li huma mibnija fuq azzjoni tal-Unjoni eżistenti biex tappoġġa lill-operaturi ekonomiċi upstream jibnu l-kapaċità li b'mod effettiv jipprevjenu u jnaqqsu l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent tal-operazzjonijiet u r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċifika lill-isfidi ffaċċjati minn sidien żgħar. Fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-viċinat tagħhom, l-iżvilupp u strumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali sabiex jappoġġaw lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u lill-operaturi ekonomiċi upstream f'pajjiżi terzi li jindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem negattivi u l-impatti ambjentali tal-operazzjonijiet tagħhom u r-relazzjonijiet kummerċjali upstream. Dan jista' jinkludi ħidma mal-gvernijiet tal-pajjiżi sħab, mas-settur privat lokali u mal-partijiet ikkonċernati dwar l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent.

(50) Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-kumpaniji jadottaw pjan sabiex jiżguraw li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. F'każ li l-klima tiġi jew kellha tiġi identifikata bħala riskju prinċipali għal jew impatt prinċipali tal-operazzjonijiet tal-kumpanija, jenħtieġ li l-kumpanija tinkludi objettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-pjan tagħha.

(51) […]

(52) Sabiex tkun tista' ssir is-sorveljanza effettiva ta' u, meta jkun meħtieġ, l-infurzar ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li dawk il-kumpaniji jaħtru rappreżentant awtorizzat b'mandat suffiċjenti fl-Unjoni u jipprovdu informazzjoni relatata mar-rappreżentanti awtorizzati tagħhom. Jenħtieġ li jkun possibbli għar-rappreżentant awtorizzat li jiffunzjona wkoll bħala punt ta' kuntatt, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti ta' din id-Direttiva. Jekk il-kumpanija ta' pajjiż terz ma taħtarx ir-rappreżentant awtorizzat, l-Istati Membri kollha li fihom topera l-kumpanija jenħtieġ li jkunu kompetenti biex jinfurzaw it-twettiq ta' dan l-obbligu, speċjalment biex jaħtru persuna ġuridika jew fiżika f'wieħed mill-Istati Membri fejn topera, f'konformità mal-qafas ta' infurzar stabbilit fil-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri li jibdew tali infurzar jinfurmaw lill-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħra permezz tan-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji sabiex Stati Membri oħrajn ma jinfurzawhomx.

(53) Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-kumpaniji u jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtorità superviżorja nazzjonali waħda jew aktar. Jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' natura pubblika, indipendenti mill-kumpaniji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew minn interessi oħra tas-suq, u ħielsa minn kunflitti ta' interess. F'konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw finanzjament xieraq tal-awtorità kompetenti. Jenħtieġ li jkunu intitolati jwettqu investigazzjonijiet, fuq inizjattiva tagħhom stess jew abbażi ta' tħassib sostanzjat li jitqajjem skont din id-Direttiva. Meta jkunu jeżistu awtoritajiet kompetenti skont il-leġiżlazzjoni settorjali, l-Istati Membri jistgħu jidentifikawhom bħala responsabbli għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Huma jistgħu jaħtru awtoritajiet għas-superviżjoni ta' impriża finanzjarja regolata wkoll bħala awtoritajiet superviżorji għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(54) Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv tal-miżuri nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali dissważivi, proporzjonati u effettivi għall-ksur ta' dawk il-miżuri. Sabiex tali reġim ta' penali ikun effettiv, il-penali li jridu jiġu imposti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ li jinkludu penali pekunarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-penali pekunarja tkun proporzjonata mal-fatturat nett tal-kumpanija meta tiġi imposta. Madankollu, jenħtieġ li dan ma jobbligax lill-Istati Membri li, f'kull każ jibbażaw il-penali pekunarja biss fuq il-fatturat nett tal-kumpanija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jibbażaw il-penali wkoll fuq kriterji oħra, bħas-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeċiedu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jekk jenħtieġx li l-penali jiġu imposti direttament mill-awtoritajiet superviżorji, f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra jew permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Sabiex tiġi żgurata sorveljanza pubblika tal-applikazzjoni tar-regoli stipulati f'din id-Direttiva, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji li jkun fihom penali imposti fuq kumpaniji minħabba nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva, jiġu ppubblikati, jintbagħtu lin-Network Ewropew ta' Awtoritajiet Superviżorji u jibqgħu disponibbli għall-pubbliku għal mill-inqas 3 snin. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ppubblikata ma jkun fiha l-ebda data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]. Il-pubblikazzjoni ta' isem il-kumpanija hija permessa anki jekk ikun fiha isem ta' persuna fiżika.

---

[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(55) Sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar konsistenti tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jikkooperaw u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom. Għal dak il-għan jenħtieġ li jiġi stabbilit Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji mill-Kummissjoni u jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jassistu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u jipprovdu assistenza reċiproka.

(56) Sabiex jiġi żgurat kumpens effettiv għall-vittmi ta' impatti negattivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu regoli li jirregolaw ir-responsabbiltà ċivili tal-kumpaniji għal dannu kkawżat lil persuna fiżika jew ġuridika, bil-kondizzjoni li l-kumpanija tkun naqset intenzjonalment jew b'negliġenza milli tipprevjeni u tnaqqas l-impatti negattivi potenzjali jew li ġġib fi tmiem l-impatti reali u li timminimizza l-firxa tagħhom u bħala riżultat ta' tali nuqqas ikun ġie kkawżat dannu lill-persuna fiżika jew ġuridika. Jenħtieġ li dannu kkawżat lill-interessi legali protetti ta' persuna jinftiehem f'konformità mal-liġi nazzjonali, pereżempju mewt, ħsara fiżika jew psikoloġika, ċaħda tal-libertà personali, telf tad-dinjità tal-bniedem, jew dannu lill-proprjetà ta' persuna. Il-kondizzjoni li d-dannu jrid jiġi kkawżat lil persuna bħala riżultat tan-nuqqas tal-kumpanija li tikkonforma mal-obbligu li tindirizza l-impatt negattiv, meta d-dritt, il-projbizzjoni jew l-obbligu elenkati fl-Anness I, li l-abbuż jew il-ksur tagħhom ikun qed jirriżulta fl-impatt negattiv li kellu jiġi indirizzat, hija mmirata biex tipproteġi l-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jiġi kkawżat id-dannu, jenħtieġ li tinftiehem bħala li dannu derivattiv (ikkawżat indirettament lil persuni oħra li mhumiex il-vittmi ta' impatti negattivi u li mhumiex protetti mid-drittijiet, il-projbizzjonijiet jew l-obbligi elenkati fl-Anness I) mhijiex koperta. Pereżempju, jekk impjegat ta' kumpanija jkun ġarrab dannu minħabba l-ksur min-naħa tal-kumpanija tal-istandards tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, jenħtieġ li sid il-kera ta' tali impjegat ma jitħalliex iressaq pretensjoni kontra l-kumpanija għal telf ekonomiku kkawżat mill-impjegat li ma jkunx jista' jħallas il-kera. Il-kawżalità mhijiex regolata minn din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni li jenħtieġ li l-kumpaniji ma jinżammux responsabbli jekk id-dannu jiġi kkawżat biss mis-sħab kummerċjali fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji (l-hekk imsejħa "marbuta direttament ma'"). Jenħtieġ li l-vittmi jkollhom id-dritt għal kumpens sħiħ għad-dannu kkawżat f'konformità mal-liġi nazzjonali u f'konformità ma' tali prinċipju komuni. Id-deterrenza permezz ta' danni (jiġifieri danni punittivi) jew kwalunkwe forma oħra ta' kumpens żejjed jenħtieġ li tkun projbita.

(57) Jenħtieġ li kumpanija ma tinżammx responsabbli għal dannu li kien iseħħ xorta bl-istess mod li kieku l-kumpanija ħadet azzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva. Barra minn hekk, billi l-impatti negattivi jenħtieġ li jingħataw prijorità skont is-severità u l-probabbiltà tagħhom u jiġu indirizzati gradwalment, jekk ma jkunx possibbli li jiġu indirizzati l-impatti negattivi identifikati kollha fl-istess ħin u għalkollox, jenħtieġ li kumpanija ma tinżamm responsabbli għall-ebda dannu li jirriżulta minn xi impatt negattiv inqas sinifikanti li kien għadu ma ġiex indirizzat. Madankollu, jenħtieġ li l-korrettezza tal-prijoritizzazzjoni tal-kumpanija tal-impatti negattivi tiġi vvalutata meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-kumpanija ġewx issodisfati bħala parti mill-valutazzjoni ta' jekk il-kumpanija kisritx l-obbligu tagħha li tindirizza b'mod adegwat l-impatti negattivi identifikati.

(58) Ir-reġim ta' responsabbiltà ma jirregolax min jenħtieġ li juri li l-azzjoni tal-kumpanija kienet raġonevolment adegwata fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għalhekk din il-kwistjoni titħalla f'idejn il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tirregolax min jista' jressaq talba quddiem il-qrati nazzjonali u taħt liema kondizzjonijiet jista' jinbeda proċediment ċivili u għaldaqstant din il-kwistjoni titħalla f'idejn il-liġi nazzjonali. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li hija biss il-vittma li tista' tressaq it-talba quddiem il-qrati nazzjonali jew li organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, trade union jew entità ġuridika oħra tista' tressaq it-talba f'isem il-vittma.

(59) Fir-rigward tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili, ir-responsabbiltà ċivili ta' kumpanija għad-danni li jirriżultaw minħabba n-nuqqas tagħha li twettaq diliġenza dovuta adegwata jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ċivili tas-sussidjarji tagħha jew għar-responsabbiltà ċivili rispettiva tas-sħab kummerċjali diretti u indiretti fil-katina tal-attivitajiet. Meta l-kumpanija tkun ikkawżat id-dannu b'mod konġunt ma' sussidjarja jew ma' sieħeb kummerċjali tagħha, jenħtieġ li hija tkun responsabbli b'mod konġunt u b'mod sever ma' din is-sussidjarja jew dan is-sieħeb kummerċjali rispettiv. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet ta' responsabbiltà in solidum u dwar id-drittijiet ta' rikors għall-kumpens sħiħ imħallas minn parti responsabbli in solidum.

(59a) Jenħtieġ li r-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili skont din id-Direttiva jkunu mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali dwar ir-responsabbiltà ċivili relatati mal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem jew mal-impatti ambjentali negattivi li jipprevedu responsabbiltà f'sitwazzjonijiet mhux koperti minn din id-Direttiva jew li jipprevedu responsabbiltà aktar stretta minnha. Reġim ta' responsabbiltà aktar strett jenħtieġ li jinftiehem ukoll bħala reġim nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili li ma jipprevedix eżenzjonijiet kif previst minn din id-Direttiva, bħall-prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi.

(60) Fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn impatti ambjentali negattivi, il-persuni li jġarrbu dannu jistgħu jitolbu kumpens skont din id-Direttiva anke meta jikkoinċidu ma' pretensjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(61) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi ta' ħsara għad-drittijiet tal-bniedem u għall-ambjent jkunu jistgħu jressqu azzjoni għad-danni u jitolbu kumpens għal dannu kkawżat meta l-kumpanija tkun naqset intenzjonalment jew b'negliġenza milli tikkonforma mal-obbligi ta' diliġenza dovuta li jirriżultaw minn din id-Direttiva, jenħtieġ li din id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu r-reġim ta' responsabbiltà ċivili previst f'din id-Direttiva jkunu ta' applikazzjoni obbligatorja prevalenti f'każijiet fejn il-liġi applikabbli għal talbiet għal dak l-għan ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru, kif jista' pereżempju jkun il-każ f'konformità mar-regoli tad-dritt internazzjonali privat meta d-dannu jseħħ f'pajjiż terz. Dan ifisser li, meta jittrasponu r-reġim ta' responsabbiltà ċivili previst f'din id-Direttiva u jagħżlu l-metodi biex jinkiseb tali riżultat, l-Istati Membri jistgħu jqisu wkoll ir-regoli nazzjonali relatati kollha inkluż ir-rekwiżiti fir-rigward ta' liema persuna fiżika jew ġuridika tista' tressaq il-pretensjoni, l-istatut tal-limitazzjonijiet, l-oġġezzjonijiet u d-difiżi, u l-kalkolu tal-kumpens, sa fejn dawn ikunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi u kruċjali għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tal-Istati Membri, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tagħhom.

(62) Jenħtieġ li r-reġim ta' responsabbiltà ċivili skont din id-Direttiva jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli jimponu obbligi ulterjuri u aktar stretti fuq il-kumpaniji jew milli jieħdu miżuri ulterjuri li jkollhom l-istess objettivi bħad-Direttiva 2004/35/KE.

---

48 Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

(63) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49], id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50] u d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]. B'mod partikolari, skont dawk id-Direttivi, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jeskludu jew jistgħu jkunu meħtieġa mill-Istati Membri li jeskludu mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist jew fi proċedura tal-għoti ta' konċessjoni, fejn applikabbli, kwalunkwe operatur ekonomiku fejn jista' juri bi kwalunkwe mezz xieraq, ksur tal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol, inkluż dawk li jirriżultaw minn ċerti ftehimiet internazzjonali ratifikati mill-Istati Membri kollha u elenkati f'dawk id-Direttivi, jew li l-operatur ekonomiku huwa ħati ta' mġiba professjonali ħażina serja, li trendi l-integrità tiegħu dubjuża.

(64) […]

(65) Persuni li jaħdmu għal kumpaniji soġġetti għal obbligi ta' diliġenza dovuta skont din id-Direttiva jew li huma f'kuntatt ma' tali kumpaniji fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol jista' jkollhom rwol ewlieni fl-esponiment ta' ksur tar-regoli ta' din id-Direttiva. B'hekk jistgħu jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' tali ksur u għat-tisħiħ tal-infurzar ta' din id-Direttiva. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tapplika għar-rapportar ta' kull ksur ta' din id-Direttiva u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

---

**49** Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

**50** Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

**51** Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

(66) Sabiex tiġi speċifikata l-informazzjoni li jenħtieġ li l-kumpaniji li ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE, ikunu qed jikkomunikaw dwar il-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-determinazzjoni ta' regoli addizzjonali dwar il-kontenut u l-kriterji ta' tali rapportar, filwaqt li tiġi speċifikata informazzjoni dwar id-deskrizzjoni tad-diliġenza dovuta, l-impatti u l-azzjonijiet potenzjali u reali meħuda fir-rigward ta' dawk l-impatti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anki fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[52]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(67) Jenħtieġ li din id-Direttiva tiġi applikata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u mad-dritt għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva jeħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż ir-rekwiżiti tal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-ħżin.

(68) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53] u ta opinjoni fi … 2022.

(69) […]

---

52 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

53 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(70) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tirrapporta jekk setturi ġodda jenħtieġx li jiżdiedu mal-lista ta' setturi b'impatt għoli koperti minn din id-Direttiva, sabiex tallinjaha mal-gwida mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi jew fid-dawl ta' evidenza ċara dwar l-isfruttament tax-xogħol, ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew theddid ambjentali emerġenti ġdid, jekk il-lista ta' konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti msemmija f'din id-Direttiva jenħtieġx li tiġi emendata, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali, jew jekk id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta skont din id-Direttiva jenħtieġx li jiġu estiżi għal impatti klimatiċi negattivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tivvaluta jekk il-kriterji u l-limiti użati għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva hemmx bżonn jiġu riveduti, jekk hemmx bżonn li persuni ġuridiċi oħra jkunu koperti jew jekk id-definizzjoni tal-"katina ta' attivitajiet", inkluż il-forniment ta' investiment minn impriżi finanzjarji regolati **jew il-forniment ta' servizzi finanzjarji skont it-tifsira ta' din id-Direttiva minn impriżi finanzjarji regolati, irrispettivament mid-deċiżjoni ta' Stat Membru li japplika din id-Direttiva għall-forniment ta' servizzi finanzjarji minn impriżi finanzjarji regolati**, hemmx bżonn tiġi riveduta.

(71) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-isfruttament aħjar tal-potenzjal tas-suq uniku sabiex jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, potenzjali jew reali, fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment jew b'mod mhux koordinat, iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjonijiet, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-problemi indirizzati u l-kawżi tagħhom huma ta' dimensjoni tranżnazzjonali, peress li ħafna kumpaniji qed joperaw madwar l-Unjoni jew globalment u l-ktajjen tal-valur jespandu lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-miżuri tal-Istati Membri individwali jirriskjaw li jkunu ineffettivi u jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar:

   (a) l-obbligi għall-kumpaniji rigward l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti negattivi ambjentali, reali u potenzjali, fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom, u l-operazzjonijiet mwettqa mis-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji;

   (b) ir-responsabbiltà għal ksur tal-obbligi msemmija hawn fuq; u

   (c) l-obbligu li jiġi adottat pjan sabiex jiġi żgurat li l-mudell kummerċjali u l-istrateġija tal-kumpanija jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni għat-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ħarsien tal-ambjent jew għall-protezzjoni tal-klima prevista mil-liġi tal-Istati Membri fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien tal-ambjent u t-tibdil fil-klima skont atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjoni ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni ieħor li jkollu l-istess objettivi u li jipprevedi obbligi aktar estensivi jew aktar speċifiċi, id-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv l-ieħor tal-Unjoni għandhom jipprevalu sal-punt tal-kunflitt u għandhom japplikaw għal dawk l-obbligi speċifiċi.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kumpaniji ffurmati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpanija kellha medja ta' aktar minn 500 impjegat u kellha fatturat nett dinji ta' aktar minn EUR 150 miljun fl-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew adottati jew kellhom jiġu adottati rapporti finanzjarji annwali;

(b) il-kumpanija ma laħqitx il-limiti taħt il-punt (a), iżda kellha medja ta' aktar minn 250 impjegat u kellha fatturat nett globali ta' aktar minn EUR 40 miljun fl-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew adottati jew kellhom jiġu adottati rapporti finanzjarji annwali, dment li mill-inqas EUR 20 miljun kienu ġġenerati f'wieħed jew aktar mis-setturi li ġejjin assoċjati mal-klassifikazzjoni statistika applikabbli ta' attivitajiet ekonomiċi stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u elenkati fl-Anness II:

(i) il-manifattura tat-tessuti, tal-ġilda u tal-prodotti relatati (inkluż ix-xedd tas-saqajn), u l-kummerċ bl-ingrossa tat-tessuti, tal-ħwejjeġ u taż-żraben;

(ii) l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd (inkluż l-akkwakultura), il-manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb, u l-kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima agrikola, annimali ħajjin, injam, ikel u xorb; jew

(iii) l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali irrispettivament minn fejn jiġu estratti (inklużi żejt grezz, gass naturali, faħam, linjite, metalli u minerali tal-metall, kif ukoll il-minerali u l-prodotti tal-barrieri mhux metalliċi l-oħrajn kollha), il-manifattura ta' prodotti tal-metall bażiċi, prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn u prodotti tal-metall fabbrikat (ħlief makkinarju u tagħmir), u n-negozju bl-ingrossa ta' riżorsi minerali, prodotti minerali bażiċi u intermedji (inklużi metalli u minerali tal-metall, materjali tal-kostruzzjoni, fjuwils, sustanzi kimiċi u prodotti intermedji oħrajn).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-kumpaniji ffurmati skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz, u li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun iġġenerat fatturat nett ta' aktar minn EUR 150 miljun fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja; jew

(b) tkun iġġenerat fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun iżda mhux aktar minn EUR 150 miljun fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja, dment li mill-inqas EUR 20 miljun kienu ġġenerati f'wieħed jew aktar mis-setturi elenkati fil-paragrafu 1, punt (b).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-għadd ta' impjegati part-time għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ekwivalenti għall-full-time. Il-ħaddiema temporanji tal-aġenzija għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-għadd ta' impjegati bl-istess mod daqslikieku kienu ħaddiema impjegati direttament għall-istess perjodu ta' żmien mill-kumpanija.

3a. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kumpanija jekk il-kumpanija tkun issodisfat il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 matul sentejn finanzjarji konsekuttivi.

4. Fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru kompetenti sabiex jirregola kwistjonijiet koperti f'din id-Direttiva għandu jkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha.

5. Fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru kompetenti sabiex jirregola kwistjonijiet koperti f'din id-Direttiva għandu jkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija jkollha fergħa. Jekk il-kumpanija ma jkollhiex fergħa fi kwalunkwe Stat Membru, jew ikollha fergħat li jinsabu fi Stati Membri differenti, l-Istat Membru kompetenti biex jirregola l-kwistjonijiet koperti f'din id-Direttiva għandu jkun dak li fih il-kumpanija tkun iġġenerat il-biċċa l-kbira tal-fatturat nett tagħha fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għall-istituzzjonijiet tal-pensjonijiet li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li japplika din id-Direttiva għal tali istituzzjonijiet tal-pensjoni, dawk l-istituzzjonijiet tal-pensjoni għandhom jitqiesu bħala impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a)(iv).

7. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal prodotti finanzjarji elenkati fl-Artikolu 2, punt (12), punti (b) u (f) tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56].

**8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għal impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a)(iv), anke fir-rigward tas-sħab kummerċjali tagħhom li lilhom tali impriżi finanzjarji regolati jipprovdu s-servizzi msemmijin fl-Artikolu 3, punt (g).**

---

[54] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

[55] Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kumpanija" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) persuna ġuridika kkostitwita bħala waħda mill-forom ġuridiċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE;

(ii) persuna ġuridika kostitwita f'konformità mal-liġi ta' pajjiż terz f'forma komparabbli ma' dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE;

(iii) persuna ġuridika kostitwita bħala waħda mill-forom ġuridiċi elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 2013/34/UE jew f'konformità mal-liġi ta' pajjiż terz f'forma komparabbli ma' dawk elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva, meta tali persuna ġuridika tkun magħmula kompletament minn impriżi organizzati f'waħda mill-forom ġuridiċi li jaqgħu taħt il-punti (i) u (ii);

(iv) impriża finanzjarja regolata, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, li hija:

– istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1), punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57];ditta tal-investiment kif definita fl-Artikolu 4(1), punt (1), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58];

– maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv (AIFM) kif definit fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59], inkluż maniġer ta' Euveca skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], maniġer ta' EuSEF skont ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] u maniġer ta' ELTIF skont ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62];

---

57 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

58 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

59 Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

60 Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

61 Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

62 Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

– kumpanija tal-maniġment ta' impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definita fl-Artikolu 2(1), punt (b), tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63];

– impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64];

– impriża tar-riassigurazzjoni kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

– istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] skont l-Artikolu 2 tagħha, dment li Stat Membru ma jkunx għażel li ma japplikax dik id-Direttiva sħiħa jew partijiet minnha għal dik l-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;

---

63 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

64 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

65 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

– kontroparti ċentrali kif definita fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66];

– depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67];

– strument ta' għan speċjali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;

– "entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni" kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68];

---

**66** Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

**67** Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

**68** Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

– kumpanija holding tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (f) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jew kumpanija holding tal-assigurazzjoni b'attività mħallta kif definita fil-punt (h) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, li hija parti minn grupp tal-assigurazzjoni li huwa soġġett għal superviżjoni fil-livell tal-grupp skont l-Artikolu 213 ta' dik id-Direttiva u li ma huwiex eżentat mis-superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

– istituzzjoni ta' pagament kif definita fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69];

– istituzzjoni tal-flus elettroniċi kif definita fl-Artikolu 2, punt (1) tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70];

– fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv kif definit fl-Artikolu 2(1), punt (e) tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71];

– fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), punt (8), [tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937[72]] meta jwettaq servizz wieħed jew aktar ta' kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), punt (9), [tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937];

---

69 Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

70 Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

71 Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

72 COM/2020/593 final.

(b) "impatt ambjentali negattiv" tfisser impatt ambjentali li jirriżulta mill-ksur ta' waħda mill-projbizzjonijiet u l-obbligi elenkati fl-Anness I, Parti II;

(c) "impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem" tfisser impatt fuq il-persuni li jirriżulta minn

(i) abbuż ta' wieħed mid-drittijiet tal-bniedem elenkati fl-Anness I, Parti I Taqsima 1, billi dawk id-drittijiet tal-bniedem huma minquxa fl-istrumenti internazzjonali elenkati fl-Anness I, Parti I Taqsima 2;

(ii) abbuż ta' dritt tal-bniedem mhux elenkat fl-Anness I, Parti I Taqsima 1, iżda inkluż fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem elenkati fl-Anness I, Parti I Taqsima 2, dment li:

– id-dritt tal-bniedem jista' jiġi abbużat minn kumpanija jew entità ġuridika għajr Stat Membru jew pajjiż terz jew l-awtoritajiet tagħhom;

– l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem ifixkel direttament interess legali protett fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem elenkati fl-Anness I, Parti I Taqsima 2; u

– il-kumpanija setgħet identifikat b'mod raġonevoli tali abbuż tad-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet tagħha stess, dawk tas-sussidjarji tagħha jew tas-sħab kummerċjali tagħha, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku, inkluż in-natura u l-firxa tal-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpanija u l-katina ta' attivitajiet tagħha, il-karatteristiċi tas-settur ekonomiku u l-kuntest ġeografiku u operazzjonali;

(ca) "impatt negattiv" tfisser impatt ambjentali negattiv u impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem;

(d) "sussidjarja" tfisser persuna ġuridika li permezz tagħha tiġi eżerċitata l-attività ta' "impriża kontrollata" kif definit fl-Artikolu 2(1), punt (f), tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[73];

(e) "sieħeb kummerċjali" tfisser entità ġuridika

(i) li magħha l-kumpanija jkollha ftehim kummerċjali relatat mal-operazzjonijiet, il-prodotti jew is-servizzi tal-kumpanija jew li lilha l-kumpanija tipprovdi servizzi skont il-punt (g) ("sieħeb kummerċjali dirett"), jew

(ii) li mhijiex sieħeb kummerċjali dirett iżda li twettaq operazzjonijiet kummerċjali relatati mal-operazzjonijiet, il-prodotti jew is-servizzi tal-kumpanija ("sieħeb kummerċjali indirett");

(ea) "relazzjoni kummerċjali" tfisser relazzjoni tal-kumpanija mas-sieħeb kummerċjali tagħha;

(f) […]

(g) "katina ta' attivitajiet" tfisser:

(i) l-attivitajiet tas-sħab kummerċjali ta' kumpanija upstream relatati mal-produzzjoni ta' oġġetti jew il-forniment ta' servizzi mill-kumpanija, inkluż id-disinn, l-estrazzjoni, il-manifattura, it-trasport, il-ħżin u l-provvista ta' materja prima, prodotti jew partijiet tal-prodotti u l-iżvilupp tal-prodott jew tas-servizz, u

---

73 Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(ii) l-attivitajiet tas-sħab kummerċjali ta' kumpanija downstream relatati mad-distribuzzjoni, it-trasport, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, inkluż iż-żarmar, ir-riċiklaġġ, l-ikkompostjar jew ir-rimi f'landfill, meta s-sħab kummerċjali jwettqu dawk l-attivitajiet għall-kumpanija jew f'isem il-kumpanija, minbarra r-rimi tal-prodott mill-konsumaturi u d-distribuzzjoni, it-trasport, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li jkun soġġett għall-kontroll tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew il-kontroll tal-esportazzjoni relatat ma' armi, munizzjon jew materjali tal-gwerra, wara li tkun awtorizzata l-esportazzjoni tal-prodott.

**Soġġett għall-Artikolu 2(8), f**ir-rigward ta' impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-punt (a)(iv), it-terminu "katina ta' attivitajiet" għandu jinkludi **wkoll** […] l-attivitajiet ta':

(i) entitajiet ġuridiċi li jirċievu self dirett, għoti ta' garanziji u impenji mill-impriża finanzjarja regolata;

(ii) detenturi ta' poloz u partijiet assigurati taħt kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi mal-impriża finanzjarja regolata;

(iii) entitajiet ġuridiċi li jċedu riskju taħt kuntratt ta' riassigurazzjoni u istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali li għalihom hija pprovduta kopertura taħt kuntratt ta' riassigurazzjoni konkluż mal-impriża finanzjarja regolata;

(iv) sussidjarji tal-entitajiet ġuridiċi msemmija fil-punti (i) sa (iii) li jibbenefikaw mis-servizz imsemmi fil-punti (i) sa (iii), li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta mas-servizz inkwistjoni.

Il-katina ta' attivitajiet ta' impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-punt (a)(iv) li jipprovdu tali servizzi ma tkoprix SMEs, persuni fiżiċi u unitajiet domestiċi li jirċievu s-servizzi;

(h) "verifika indipendenti minn terzi" tfisser verifika tal-konformità minn kumpanija, jew partijiet mill-katina ta' attivitajiet tagħha, mar-rekwiżiti tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva minn espert li jkun indipendenti mill-kumpanija, ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, li jkollu esperjenza u kompetenza fi kwistjonijiet ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem u li jkun responsabbli għall-kwalità u l-affidabbiltà tal-verifika;

(i) "SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, li ma tkunx parti minn grupp kbir, peress li dawk it-termini huma definiti fl-Artikolu 3(1), (2), (3) u (7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

(j) "inizjattiva tal-industrija" tfisser kombinament ta' proċeduri ta' diliġenza dovuta volontarji fil-ktajjen ta' attivitajiet, għodod u mekkaniżmi, inkluż verifiki indipendenti minn terzi, żviluppati u ssorveljati minn gvernijiet, assoċjazzjonijiet tal-industrija jew gruppi ta' organizzazzjonijiet interessati;

(k) "rappreżentant awtorizzat" tfisser persuna fiżika jew ġuridika residenti jew stabbilita fl-Unjoni li jkollha mandat minn kumpanija skont it-tifsira tal-punt (a)(ii) li taġixxi f'isimha fir-rigward tal-konformità mal-obbligi ta' dik il-kumpanija skont din id-Direttiva;

(l) "impatt negattiv sever" tfisser impatt negattiv li min-natura tiegħu huwa partikolarment sinifikanti, jew li jaffettwa għadd kbir ta' persuni jew żona kbira tal-ambjent, jew fejn huwa partikolarment diffiċli li tiġi restawrata s-sitwazzjoni prevalenti qabel l-impatt negattiv;

(m) "fatturat nett" tfisser:

(i) il-"fatturat nett" kif definit fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/34/UE; jew

(ii) meta l-kumpanija tapplika standards internazzjonali tal-kontabilità adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[74] jew tkun kumpanija skont it-tifsira tal-punt (a)(ii), id-dħul kif definit minn jew skont it-tifsira tal-qafas ta' rapportar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew ir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija;

(n) "partijiet ikkonċernati" tfisser l-impjegati tal-kumpanija, l-impjegati tas-sussidjarji tagħha, it-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-konsumaturi, u individwi, gruppi, komunitajiet jew entitajiet oħra li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma affettwati jew jistgħu jkunu affettwati mill-prodotti, is-servizzi u l-operazzjonijiet ta' dik il-kumpanija, tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha, inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent;

(o) […]

(p) […]

(q) "miżura xierqa" tfisser miżura li tkun kapaċi tilħaq l-objettivi tad-diliġenza dovuta, proporzjonali mal-grad ta' severità u l-probabbiltà tal-impatt negattiv, u raġonevolment disponibbli għall-kumpanija, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku, inkluż in-natura u l-firxa tal-operazzjonijiet kummerċjali u l-karatteristiċi tas-settur ekonomiku u tas-sieħeb kummerċjali speċifiku tal-kumpanija;

---

74 Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

(r) "kumpanija omm" tfisser kumpanija li tikkontrolla sussidjarja waħda jew aktar skont it-tifsira tal-punt (d);

(s) "grupp ta' kumpaniji" tfisser kumpanija omm u l-kumpaniji sussidjarji kollha tagħha;

(t) "rimedju" tfisser kumpens finanzjarju jew mhux finanzjarju provdut mill-kumpanija lil persuna jew persuni affettwati mill-impatt negattiv reali, inkluż ir-restituzzjoni tal-persuna jew tal-persuni jew tal-ambjent affettwat għas-sitwazzjoni li kienu jkunu fiha, li kieku l-impatt negattiv reali ma seħħx, li għandu jkun proporzjonat għas-sinifikat u l-ambitu tal-impatt negattiv u għall-implikazzjoni tal-kumpanija fl-impatt negattiv.

*Artikolu 4*

**Diliġenza dovuta**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jwettqu diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 11 ("diliġenza dovuta") billi jwettqu l-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-integrazzjoni tad-diliġenza dovuta fil-politiki u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom f'konformità mal-Artikolu 5;

   (b) l-identifikazzjoni ta' impatti negattivi reali jew potenzjali f'konformità mal-Artikolu 6;

   (c) il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti negattivi potenzjali, u t-tmiem tal-impatti negattivi reali u l-minimizzazzjoni tal-firxa tagħhom f'konformità mal-Artikoli 7 u 8;

   (d) l-istabbiliment u ż-żamma ta' proċedura għall-ilmenti f'konformità mal-Artikolu 9;

   (e) il-monitoraġġ tal-effettività tal-politika u l-miżuri ta' diliġenza dovuta tagħhom f'konformità mal-Artikolu 10;

   (f) il-komunikazzjoni pubblika dwar id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 11.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tad-diliġenza dovuta, il-kumpaniji jkunu intitolati li jikkondividu r-riżorsi u l-informazzjoni fil-gruppi ta' kumpaniji rispettivi tagħhom u ma' entitajiet ġuridiċi oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumpanija jew entità ġuridika oħra ma tkunx obbligata tiżvela lis-sieħeb kummerċjali tagħha li jkun qed jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, informazzjoni li titqies bħala sigriet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75].

[75] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

*Artikolu 4a*

**Diliġenza dovuta fil-livell ta' grupp**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji omm li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi stipulati fl-Artikoli 5 sa 11 u fl-Artikolu 15 f'isem il-kumpaniji li huma sussidjarji tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ċivili tas-sussidjarji f'konformità mal-Artikolu 22.

2. L-issodisfar tal-obbligi ta' diliġenza dovuta minn kumpanija omm f'konformità mal-paragrafu 1 huwa soġġett għall-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sussidjarja tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-kumpanija omm tagħha u tikkoopera magħha biex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

(b) is-sussidjarja trid tirrispetta l-politika ta' diliġenza dovuta tal-kumpanija omm tagħha adattata kif xieraq biex tiżgura li l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5(1) jiġu ssodisfati fir-rigward tas-sussidjarja;

(c) is-sussidjarja tintegra d-diliġenza dovuta fil-politiki u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju kollha tagħha f'konformità mal-Artikolu 5;

(d) fejn rilevanti, is-sussidjarja tikseb l-assigurazzjonijiet kuntrattwali f'konformità mal-Artikolu 7(2), punt (b), jew l-Artikolu 8(3), punt (c);

(e) fejn rilevanti, is-sussidjarja tfittex li tikkonkludi kuntratt ma' sieħeb kummerċjali indirett f'konformità mal-Artikolu 7(3) jew l-Artikolu 8(4);

(f) fejn rilevanti, is-sussidjarja tissospendi temporanjament jew ittemm ir-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 7(5) jew l-Artikolu 8(6).

*Artikolu 5*

**L-integrazzjoni tad-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jintegraw id-diliġenza dovuta fil-politiki u fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju kollha tagħhom u li jkollhom fis-seħħ politika ta' diliġenza dovuta.

1a. Il-politika ta' diliġenza dovuta għandha tinkludi dan kollu li ġej:

(a) deskrizzjoni tal-approċċ tal-kumpanija, inkluż fit-terminu t-twil, għad-diliġenza dovuta;

(b) kodiċi ta' kondotta li jiddeskrivi r-regoli u l-prinċipji li għandhom jiġu segwiti mill-impjegati u s-sussidjarji tal-kumpanija, u s-sħab kummerċjali diretti jew indiretti tal-kumpanija, fejn rilevanti f'konformità mal-Artikolu 7(2), punt (b), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), punt (c), jew l-Artikolu 8(4); u

(c) deskrizzjoni tal-proċessi stabbiliti għall-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta, inkluż il-miżuri meħuda sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta u sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha għas-sħab kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jaġġornaw il-politika ta' diliġenza dovuta tagħhom mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, u mill-inqas kull 24 xahar.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1) jistabbilixxu u jissorveljaw l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4(1).

*Artikolu 6*

**Identifikazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jieħdu miżuri xierqa sabiex jidentifikaw impatti negattivi reali u potenzjali li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tagħhom stess jew minn dawk tas-sussidjarji tagħhom u, meta jkunu relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4.

1a. Għall-fini tal-issodisfar tal-obbligu fil-paragrafu 1, il-kumpaniji jistgħu jimmappjaw l-oqsma kollha tal-operazzjonijiet tagħhom stess, dawk tas-sussidjarji tagħhom u, fejn relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom. Abbażi tar-riżultati ta' dak l-immappjar, il-kumpaniji jistgħu jwettqu valutazzjoni fil-fond tal-oqsma fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi jkunu x'aktarx preżenti jew aktar sinifikanti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1), punt (b), u l-Artikolu 2(2), punt (b), għandhom ikunu meħtieġa biss li jidentifikaw l-impatti negattivi reali u potenzjali rilevanti għas-settur rispettiv imsemmi fl-Artikolu 2(1), punt (b).

3. Meta impriżi finanzjarji regolati, skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a)(iv), jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 3, punt (g), l-identifikazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali għandha titwettaq biss qabel ma jiġi pprovdut dak is-servizz.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-impatti negattivi msemmija fil-paragrafu 1 abbażi ta', meta jkun xieraq, informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, il-kumpaniji jkunu intitolati li jagħmlu użu minn riżorsi xierqa, inkluż rapporti indipendenti u informazzjoni miġbura permezz tal-proċedura tal-ilmenti prevista fl-Artikolu 9. Il-kumpaniji għandhom, meta jkun rilevanti, iwettqu wkoll konsultazzjonijiet ma' gruppi potenzjalment affettwati inklużi ħaddiema u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra sabiex jiġbru informazzjoni dwar l-impatti negattivi reali jew potenzjali.

*Artikolu* 6a

**Prijoritizzazzjoni ta' impatti negattivi reali u potenzjali identifikati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jagħtu prijorità lill-impatti negattivi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tagħhom stess, dawk tas-sussidjarji tagħhom jew dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom identifikati skont l-Artikolu 6 għall-issodisfar tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, fejn ma jkunx fattibbli li l-impatti negattivi identifikati kollha jiġu indirizzati fl-istess ħin b'mod sħiħ.

2. Il-prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi għandha tkun ibbażata fuq is-severità u l-probabbiltà tal-impatt negattiv. Is-severità ta' impatt negattiv għandha tiġi vvalutata abbażi tal-gravità tiegħu, l-għadd ta' persuni jew il-firxa tal-ambjent affettwati, u d-diffikultà li tiġi restawrata s-sitwazzjoni prevalenti qabel l-impatt.

3. Ladarba l-aktar impatti negattivi sinifikanti jiġu indirizzati f'konformità mal-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8 fi żmien raġonevoli, il-kumpanija għandha tindirizza l-impatti negattivi inqas sinifikanti.

*Artikolu 7*

**Prevenzjoni ta' impatti negattivi potenzjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu, jew meta l-prevenzjoni ma tkunx possibbli jew ma tkunx possibbli minnufih, inaqqsu b'mod adegwat l-impatti negattivi potenzjali li jkunu ġew identifikati, jew kellhom jiġu identifikati skont l-Artikolu 6, u, fejn meħtieġ, prijoritizzati skont l-Artikolu 6a, f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

Sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri xierqa msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandu jittieħed kont debitu ta':

a) jekk l-impatt negattiv potenzjali huwiex ikkawżat biss mill-kumpanija, ikkawżat b'mod konġunt mill-kumpanija u s-sussidjarja jew is-sieħeb kummerċjali tagħha, jew jekk huwiex ikkawżat biss mis-sieħeb kummerċjali tal-kumpanija fil-katina ta' attivitajiet tagħha;

b) jekk l-impatt negattiv potenzjali seħħx fl-operazzjonijiet tas-sussidjarja, tas-sieħeb kummerċjali dirett jew tas-sieħeb kummerċjali indirett; u

c) il-kapaċità tal-kumpanija li tinfluwenza lis-sieħeb kummerċjali li jikkawża l-impatt negattiv potenzjali.

2. Il-kumpaniji għandhom ikunu meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin, meta jkun rilevanti:

(a) meta jkun meħtieġ minħabba n-natura jew il-kumplessità tal-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni, jiżviluppaw u jimplimentaw, mingħajr dewmien żejjed, pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, bi skedi ta' żmien raġonevoli u definiti b'mod ċar għall-azzjoni u indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għall-kejl tat-titjib. Il-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni għandu jiġi żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li jkunu potenzjalment affettwati;

(b) jiksbu assigurazzjonijiet kuntrattwali minn sieħeb kummerċjali dirett li jkun se jiżgura konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija u, kif meħtieġ, ma' pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni, inkluż billi jiksbu assigurazzjonijiet kuntrattwali korrispondenti mingħand is-sħab tiegħu, sal-punt li l-attivitajiet tagħhom ikunu parti mill-katina ta' attivitajiet tal-kumpanija (kaskata kuntrattwali). Meta jinkisbu assigurazzjonijiet kuntrattwali bħal dawn, għandu japplika l-paragrafu 4;

(c) jagħmlu l-investimenti finanzjarji jew mhux finanzjarji meħtieġa, pereżempju fi proċessi u infrastrutturi tal-ġestjoni jew tal-produzzjoni;

(d) jipprovdu appoġġ immirat u proporzjonat għal SME li hija sieħba kummerċjali tal-kumpanija, fejn il-konformità mal-kodiċi ta' kondotta jew mal-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni tipperikola l-vijabbiltà tal-SME. L-appoġġ immirat u proporzjonat jista' jieħu l-forma ta' finanzjament, bħal finanzjament dirett, self b'imgħax baxx, garanziji ta' akkwist kontinwu, jew assistenza fl-iżgurar tal-finanzjament, jew gwida, bħal taħriġ jew titjib fis-sistemi ta' ġestjoni;

(e) f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż id-dritt tal-kompetizzjoni, jikkollaboraw ma' entitajiet oħrajn, inkluż, meta jkun rilevanti, biex tiżdied il-kapaċità tal-kumpanija li tipprevjeni jew tnaqqas l-impatt negattiv, b'mod partikolari meta l-ebda azzjoni oħra ma tkun xierqa jew effettiva.

3. Fir-rigward tal-impatti negattivi potenzjali li ma setgħux jiġu prevenuti jew imnaqqsa b'mod adegwat mill-azzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2, il-kumpanija tista' tfittex li tikkonkludi kuntratt ma' sieħeb kummerċjali indirett, bil-għan li tinkiseb konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija jew ma' pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni. Meta jiġi konkluż kuntratt bħal dan, għandu japplika l-paragrafu 4.

4. L-assigurazzjonijiet kuntrattwali jew il-kuntratt għandhom ikunu akkumpanjati mill-miżuri xierqa sabiex tiġi vverifikata l-konformità. Għall-finijiet tal-verifika tal-konformità, il-kumpanija tista' tirreferi għal inizjattivi industrijali xierqa jew għal verifika indipendenti minn terzi.

Meta jinkisbu assigurazzjonijiet kuntrattwali minn SME, jew jiġi konkluż kuntratt ma' SME, it-termini użati għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji. Meta jitwettqu miżuri għall-verifika tal-konformità fir-rigward tal-SMEs, il-kumpanija għandha tħallas il-kost tal-verifika indipendenti minn terzi.

5. Fir-rigward tal-impatti negattivi potenzjali skont it-tifsira tal-paragrafu 1 li ma setgħux jiġu prevenuti jew imnaqqsa b'mod adegwat mill-miżuri fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-kumpanija għandha tkun meħtieġa, bħala l-aħħar għażla, iżżomm lura milli tidħol f'relazzjonijiet ġodda jew milli testendi r-relazzjonijiet eżistenti mas-sieħeb kummerċjali li b'rabta miegħu nħoloq l-impatt jew fil-katina ta' attivitajiet li minnha jkun inħoloq l-impatt u għandha, meta l-liġi li tirregola r-relazzjonijiet tagħhom tagħtihom id-dritt li jagħmlu hekk, tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tissospendi temporanjament ir-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, filwaqt li tipprova tagħmel sforzi ta' prevenzjoni jew mitigazzjoni, jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li dawn l-isforzi jirnexxu fuq perjodu ta' żmien qasir. Jekk ma jkunx hemm aspettattiva raġonevoli bħal din jew l-isforzi ma jkunux irnexxew fuq perjodu ta' żmien qasir, il-kumpanija għandha ttemm ir-relazzjoni kummerċjali;

(b) ittemm ir-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati jekk l-impatt negattiv potenzjali jkun sever.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu d-disponibbiltà ta' għażla biex jissospendu temporanjament u jtemmu r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet huma obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, meta impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (a)(iv), jipprovdu s-servizzi kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (g), dawn ma għandhomx ikunu meħtieġa jissospendu temporanjament jew itemmu ir-relazzjoni kummerċjali.

Meta l-impriża finanzjarja regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (a)(iv), tiddeċiedi li ma tissospendix temporanjament jew ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, hija għandha timmonitorja l-impatt negattiv reali filwaqt li tagħmel sforzi ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni.

7. B'deroga mill-paragrafu 5, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa ttemm ir-relazzjoni kummerċjali f'każijiet fejn:

(a) ikun hemm aspettattiva raġonevoli li t-terminazzjoni tirriżulta f'impatt negattiv li jkun aktar sever mill-impatt negattiv potenzjali li ma setax jiġi evitat jew imnaqqas b'mod adegwat; jew

(b) ma teżisti l-ebda alternattiva disponibbli għal dik ir-relazzjoni kummerċjali, li tipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għall-produzzjoni ta' oġġetti jew għall-forniment ta' servizzi tal-kumpanija, u t-terminazzjoni tkun tikkawża preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija.

Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, hija għandha tirrapporta lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.

Il-kumpanija għandha timmonitorja l-impatt negattiv potenzjali, tivvaluta mill-ġdid perjodikament id-deċiżjoni tagħha li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali u tfittex relazzjonijiet kummerċjali alternattivi.

8. L-obbligu li tiġi sospiża jew itterminata temporanjament ir-relazzjoni kummerċjali skont il-paragrafu 5 ma għandux japplika għal ftehimiet kummerċjali konklużi mill-kumpanija qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 30 ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 8*

**Temm tal-impatti negattivi reali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jieħdu miżuri xierqa sabiex itemmu l-impatti negattivi reali li ġew, jew li kellhom jiġu, identifikati skont l-Artikolu 6 u, fejn meħtieġ, prijoritizzati skont l-Artikolu 6a, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

   Sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri xierqa msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandu jittieħed kont debitu ta':

   a) jekk l-impatt negattiv reali huwiex ikkawżat biss mill-kumpanija, ikkawżat b'mod konġunt mill-kumpanija u s-sussidjarja jew is-sieħeb kummerċjali tagħha, jew jekk huwiex ikkawżat biss mis-sieħeb kummerċjali tal-kumpanija fil-katina ta' attivitajiet tagħha;

   b) jekk l-impatt negattiv reali seħħx fl-operazzjonijiet tas-sussidjarja, tas-sieħeb kummerċjali dirett jew tas-sieħeb kummerċjali indirett; u

   c) il-kapaċità tal-kumpanija li tinfluwenza lis-sieħeb kummerċjali li jikkawża l-impatt negattiv reali.

2. Meta l-impatt negattiv ma jkunx jista' jintemm, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jimminimizzaw il-firxa ta' tali impatt.

3. Il-kumpaniji għandhom ikunu meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin, meta jkun rilevanti:

   (a) jinnewtralizzaw l-impatt negattiv jew jimminimizzaw il-firxa tiegħu. L-azzjoni għandha tkun proporzjonata għas-sinifikat u l-ambitu tal-impatt negattiv u għall-implikazzjoni tal-kumpanija fl-impatt negattiv;

(b) meta jkun meħtieġ minħabba l-fatt li l-impatt negattiv ma jkunx jista' jintemm minnufih, mingħajr dewmien żejjed, jiżviluppaw u jimplimentaw pjan ta' azzjoni korrettiva bi skedi ta' żmien raġonevoli u definiti b'mod ċar għall-azzjoni u indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għall-kejl tat-titjib. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jiġi żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;

(c) ifittxu assigurazzjonijiet kuntrattwali mingħand sieħeb dirett li jkun se jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta u, kif meħtieġ, ma' pjan ta' azzjoni korrettiva, inkluż billi jfittex assigurazzjonijiet kuntrattwali korrispondenti mas-sħab tiegħu, sa fejn ikunu parti mill-katina ta' attivitajiet (kaskata kuntrattwali). Meta jinkisbu assigurazzjonijiet kuntrattwali bħal dawn, għandu japplika l-paragrafu 5;

(d) jagħmlu l-investimenti finanzjarji jew mhux finanzjarji meħtieġa, pereżempju fi proċessi u infrastrutturi tal-ġestjoni jew tal-produzzjoni;

(e) jipprovdu appoġġ immirat u proporzjonat għal SME li hija sieħba kummerċjali tal-kumpanija, fejn il-konformità mal-kodiċi ta' kondotta jew mal-pjan ta' azzjoni korrettiva tipperikola l-vijabbiltà tal-SME**.** L-appoġġ immirat u proporzjonat jista' jieħu l-forma ta' finanzjament, bħal finanzjament dirett, self b'imgħax baxx, garanziji ta' akkwist kontinwu, jew assistenza fl-iżgurar tal-finanzjament, jew gwida, bħal taħriġ jew titjib fis-sistemi ta' ġestjoni;

(f) f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż id-dritt tal-kompetizzjoni, jikkollaboraw ma' entitajiet oħrajn, inkluż, meta jkun rilevanti, sabiex tiżdied il-kapaċità tal-kumpanija li ġġib fi tmiemu l-impatt negattiv jew timminimizzah, b'mod partikolari meta l-ebda azzjoni oħra ma tkun xierqa jew effettiva;

(g) jipprovdu rimedju lill-persuni u l-komunitajiet affettwati.

4. Fir-rigward tal-impatti negattivi reali li ma setgħux jintemmu jew jitnaqqsu b'mod adegwat bil-miżuri fil-paragrafu 3, il-kumpanija tista' tfittex li tikkonkludi kuntratt ma' sieħeb kummerċjali indirett, bil-għan li tinkiseb konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija jew ma' pjan ta' azzjoni korrettiva. Meta jiġi konkluż kuntratt bħal dan, għandu japplika l-paragrafu 5.

5. L-assigurazzjonijiet kuntrattwali jew il-kuntratt għandhom ikunu akkumpanjati mill-miżuri xierqa sabiex tiġi vverifikata l-konformità. Għall-finijiet tal-verifika tal-konformità, il-kumpanija tista' tirreferi għal inizjattivi industrijali xierqa jew għal verifika indipendenti minn terzi.

Meta jinkisbu assigurazzjonijiet kuntrattwali minn SME, jew jiġi konkluż kuntratt ma' SME, it-termini użati għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji. Meta jitwettqu miżuri għall-verifika tal-konformità fir-rigward tal-SMEs, il-kumpanija għandha tħallas il-kost tal-verifika indipendenti minn terzi.

6. Fir-rigward tal-impatti negattivi reali skont it-tifsira tal-paragrafu 1 li ma setgħux jintemmu jew li l-firxa tagħhom ma setgħetx tiġi minimizzata bil-miżuri previsti fil-paragrafi 3, 4 u 5, il-kumpanija għandha tkun meħtieġa, bħala l-aħħar għażla, li żżomm lura milli tidħol f'relazzjonijiet ġodda jew li testendi relazzjonijiet eżistenti mas-sieħeb kummerċjali b'rabta mal-katina ta' attivitajiet jew fil-katina ta' attivitajiet li jkun inħoloq l-impatt minnha u, meta l-liġi li tirregola r-relazzjonijiet tagħhom tagħtihom id-dritt li jagħmlu hekk, għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tissospendi temporanjament ir-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, filwaqt li twettaq sforzi biex ittemm jew timminimizza l-firxa tal-impatt negattiv, jekk ikun hemm aspettattiva raġonevoli li dawn l-isforzi se jirnexxu fuq perjodu ta' żmien qasir. Jekk ma jkunx hemm aspettattiva raġonevoli bħal din jew l-isforzi ma jkunux irnexxew fuq perjodu ta' żmien qasir, il-kumpanija għandha ttemm ir-relazzjoni kummerċjali;

(b) ittemm ir-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, jekk l-impatt negattiv jitqies bħala sever.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu d-disponibbiltà ta' għażla biex jissospendu temporanjament u jtemmu r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet huma obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.

7. B'deroga mill-paragrafu 6, meta impriża finanzjarja regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a)(iv), tipprovdi s-servizzi kif imsemmija fl-Artikolu 3, punt (g), din ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi temporanjament jew ittemm ir-relazzjoni kummerċjali.

Meta l-impriża finanzjarja regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (a)(iv), tiddeċiedi li ma tissospendix temporanjament jew li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, hija għandha timmonitorja l-impatt negattiv reali filwaqt li tagħmel sforzi biex ittemm jew timinimizza l-firxa tal-impatt negattiv.

8. B'deroga mill-paragrafu 6, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa ttemm ir-relazzjoni kummerċjali f'każ li:

(a) ikun hemm aspettattiva raġonevoli li t-terminazzjoni tirriżulta f'impatt negattiv li jkun aktar sever mill-impatt negattiv reali li ma setax jintemm jew jiġi minimizzat; jew

(b) ma teżisti l-ebda alternattiva disponibbli għal dik ir-relazzjoni kummerċjali, li tipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għall-produzzjoni ta' oġġetti jew għall-forniment ta' servizzi tal-kumpanija, u t-terminazzjoni tkun tikkawża preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija.

Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, hija għandha tirrapporta lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.

Il-kumpanija għandha timmonitorja l-impatt negattiv reali, tivvaluta mill-ġdid perjodikament id-deċiżjoni tagħha li ma ttemmx ir-relazzjoni kummerċjali u tfittex relazzjonijiet kummerċjali alternattivi.

9. L-obbligu li tiġi sospiża temporanjament jew mitmuma r-relazzjoni kummerċjali skont il-paragrafu 6 ma għandux japplika għal ftehimiet kummerċjali konklużi mill-kumpanija qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 30 ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

**Proċedura għall-ilmenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jipprovdu l-possibbiltà li l-persuni u l-organizzazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2 jkunu jistgħu jippreżentawlhom ilmenti meta jkollhom tħassib leġittimu dwar l-impatti negattivi reali jew potenzjali fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u l-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tagħhom fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmenti jkunu jistgħu jiġu ppreżentati minn:

(a) persuni affettwati jew li jkollhom bażi raġonevoli biex jemmnu li jistgħu jiġu affettwati minn impatt negattiv;

(b) trade unions u rappreżentanti oħrajn tal-ħaddiema li jirrappreżentaw individwi li jaħdmu fil-katina ta' attivitajiet kkonċernata; u

(c) organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fl-oqsma relatati mal-impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem jew l-impatt ambjentali negattiv li huwa s-suġġett tal-ilment.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jistabbilixxu proċedura ġusta, aċċessibbli u trasparenti għat-trattament tal-ilmenti msemmija fil-paragrafu 1, inkluż proċedura meta l-kumpanija tqis li l-ilment ikun infondat, u jinfurmaw lill-ħaddiema u lit-trade unions rilevanti b'dik il-proċedura. Il-proċedura għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna jew tal-organizzazzjoni li tressaq l-ilment, u l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata kull forma ta' ritaljazzjoni mill-kumpanija u s-sussidjarji tagħha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-ilment ikun fondat sew, l-impatt negattiv li jkun is-suġġett tal-ilment jitqies li jkun identifikat skont it-tifsira tal-Artikolu 6 u l-kumpanija għandha tieħu miżuri adegwati f'konformità mal-Artikoli 7 u 8, inkluż billi tipprovdi rimedju fejn rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmentaturi jkunu intitolati:

(a) li jitolbu segwitu xieraq dwar l-ilment mill-kumpanija li jkunu ppreżentawlha lment skont il-paragrafu 1; u

(b) li jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-kumpanija f'livell xieraq sabiex jiġu diskussi l-impatti negattivi severi potenzjali jew reali li jkunu s-suġġett tal-ilment.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jitħallew jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3, l-ewwel subparagrafu, billi jipparteċipaw fi proċeduri kollaborattivi għall-ilmenti, inkluż dawk stabbiliti b'mod konġunt mill-kumpaniji, permezz ta' assoċjazzjonijiet tal-industrija jew inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati, dment li l-proċeduri kollettivi jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 10*

**Monitoraġġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jwettqu valutazzjonijiet perjodiċi tal-operazzjonijiet u l-miżuri tagħhom stess, dawk tas-sussidjarji tagħhom u, meta relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpanija, dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom, biex jimmonitorjaw l-effettività tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-twaqqif u l-minimizzazzjoni tal-firxa tal-impatti negattivi. Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq, fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, iżda mill-inqas kull 24 xahar u kull meta jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li jkunu jistgħu jinħolqu riskji ġodda sinifikanti tal-okkorrenza ta' dawk l-impatti negattivi. Il-politika tad-diliġenza dovuta għandha tiġi aġġornata f'konformità mal-eżitu ta' dawk il-valutazzjonijiet u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-informazzjoni rilevanti mill-partijiet ikkonċernati.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, <u>**meta**</u> impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a)(iv) <u>**jipprovdu s-servizzi kif imsemmijin fl-Artikolu 3, punt (g), huma**</u> għandhom, fir-rigward tas-sħab kummerċjali <u>**tagħhom**</u>, […] iwettqu valutazzjonijiet perjodiċi unikament biex jimmonitorjaw l-effettività tal-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem u l-minimizzazzjoni tal-firxa tal-impatti negattivi identifikati f'konformità mal-Artikolu 6(3).

*Artikolu 11*

**Komunikazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji li ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar skont l-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jirrapportaw dwar il-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva billi jippubblikaw fis-sit web tagħhom dikjarazzjoni annwali dwar is-sena finanzjarja f'lingwa abitwali fl-isfera tan-negozju internazzjonali. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli li ma għandux jaqbeż it-12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ tas-sena finanzjarja li għaliha tkun tfasslet id-dikjarazzjoni.

   Il-kumpaniji li huma inklużi f'rapport ta' ġestjoni konsolidat u eżentati mill-obbligi skont l-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE f'konformità mal-Artikoli 19a(7) u 29a(7) ta' dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li ssodisfaw l-obbligu skont dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 dwar il-kontenut u l-kriterji għal tali rapportar skont il-paragrafu 1, li jispeċifikaw informazzjoni dwar id-deskrizzjoni tad-diliġenza dovuta, l-impatti negattivi potenzjali u reali u l-azzjonijiet meħuda fir-rigward ta' dawk l-impatti.

*Artikolu 12*

**Mudell ta' klawżoli kuntrattwali**

Sabiex tipprovdi appoġġ lill-kumpaniji u tiffaċilita l-konformità tagħhom mal-Artikolu 7(2), punt (b) u l-Artikolu 8(3), punt (c), il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, għandha tadotta gwida dwar mudelli ta' klawżoli kuntrattwali volontarji.

*Artikolu 13*

**Linji gwida**

Sabiex tipprovdi appoġġ lill-kumpaniji jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kif jenħtieġ li l-kumpaniji jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u meta jkun xieraq ma' korpi internazzjonali li jkollhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta, għandha toħroġ linji gwida, inkluż għal setturi speċifiċi jew impatti negattivi speċifiċi, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

**Miżuri ta' akkumpanjament**

1. Sabiex jipprovdu informazzjoni u appoġġ lill-kumpaniji u lis-sħab kummerċjali fil-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom fl-isforzi tagħhom biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u joperaw individwalment jew b'mod konġunt siti web, pjattaformi jew portali ddedikati. F'dak ir-rigward, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika lill-SMEs li huma preżenti fil-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw finanzjarjament lill-SMEs.

3. Il-Kummissjoni tista' tikkomplementa l-miżuri ta' appoġġ tal-Istati Membri li jibnu fuq azzjoni eżistenti tal-Unjoni sabiex jappoġġaw id-diliġenza dovuta fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi u tista' tfassal miżuri ġodda, inkluż l-iffaċilitar ta' inizjattivi konġunti ta' partijiet ikkonċernati sabiex jgħinu lill-kumpaniji jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

4. Il-kumpaniji jistgħu jiddependu fuq skemi tal-industrija u inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom imsemmija fl-Artikoli 5 sa 11 sal-punt li skemi u inizjattivi bħal dawn ikunu xierqa sabiex jappoġġaw it-twettiq ta' dawk l-obbligi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar skemi jew inizjattivi bħal dawn u l-eżitu tagħhom. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha toħroġ gwida għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-iskemi tal-industrija u tal-inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati.

*Artikolu 15*

**Ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1), punt (a), u l-Artikolu 2(2), punt (a), jadottaw pjan, li jinkludi azzjonijiet ta' implimentazzjoni u pjanijiet finanzjarji u ta' investiment relatati, biex jiżguraw li l-mudell kummerċjali u l-istrateġija tal-kumpanija jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1.5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u fejn rilevanti, l-esponiment tal-impriża għal attivitajiet relatati mal-faħam, iż-żejt u l-gass, kif imsemmi fl-Artikoli 19a(2), punt (a)(iii), u 29a(2), punt (a)(iii), tad-Direttiva 2013/34/UE. Dan il-pjan għandu, b'mod partikolari, jidentifika, abbażi ta' informazzjoni raġonevolment disponibbli għall-kumpanija, sa liema punt it-tibdil fil-klima huwa riskju għall-operazzjonijiet tal-kumpanija jew impatt tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ li t-tibdil fil-klima jiġi identifikat jew kellu jiġi identifikat bħala riskju prinċipali għall-operazzjonijiet tal-kumpanija jew impatt prinċipali tagħhom, il-kumpanija tinkludi objettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-pjan tagħha.

3. […]

*Artikolu 16*

**Rappreżentant awtorizzat**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li kull kumpanija skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) li topera fi Stat Membru taħtar persuna ġuridika jew fiżika bħala r-rappreżentant awtorizzat tagħha, li jkun stabbilit jew domiċiljat f'wieħed mill-Istati Membri fejn topera. Id-deżinjazzjoni għandha tkun valida meta tiġi kkonfermata bħala aċċettata mir-rappreżentant awtorizzat.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li r-rappreżentant awtorizzat jew il-kumpanija tinnotifika l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown tar-rappreżentant awtorizzat lil awtorità superviżorja fl-Istat Membru fejn ir-rappreżentant awtorizzat ikun domiċiljat jew stabbilit. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li r-rappreżentant awtorizzat jipprovdi, fuq talba, kopja tal-ħatra f'lingwa uffiċjali ta' Stat Membru lil kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet superviżorji.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li r-rappreżentant awtorizzat jew il-kumpanija tinforma lil awtorità superviżorja fl-Istat Membru fejn ir-rappreżentant awtorizzat ikun domiċiljat jew stabbilit u, meta jkun differenti, lil awtorità superviżorja fl-Istat Membru fejn il-kumpanija ġġenerat il-biċċa l-kbira tal-fatturat nett tagħha fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja, li l-kumpanija hija kumpanija skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2).

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li kull kumpanija tagħti s-setgħa lir-rappreżentant awtorizzat tagħha li jirċievi komunikazzjonijiet mingħand l-awtoritajiet superviżorji dwar il-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u l-infurzar tagħhom. Il-kumpaniji għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu s-setgħat u r-riżorsi meħtieġa lir-rappreżentant awtorizzat tagħhom biex jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji.

5. Meta l-kumpanija skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tonqos milli tikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri kollha li fihom topera tali kumpanija għandhom ikunu kompetenti biex jinfurzaw it-twettiq ta' dawn l-obbligi f'konformità mal-liġi nazzjonali. L-Istat Membru li jkun beħsiebu jinforza l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu jinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji permezz tan-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji f'konformità mal-Artikolu 21 sabiex ma jiġux infurzati minn Stati Membri oħra.

*Artikolu 17*

**L-Awtoritajiet Superviżorji**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità superviżorja waħda jew aktar biex tissorvelja l-konformità mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikoli 6 sa 11 u l-Artikolu 15 ("awtorità superviżorja").

2. Fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1), l-awtorità superviżorja kompetenti għandha tkun dik tal-Istat Membru li tali kumpanija jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fih.

3. Fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(2), l-awtorità superviżorja kompetenti għandha tkun dik tal-Istat Membru li tali kumpanija jkollha fergħa fih. Jekk il-kumpanija ma jkollhiex fergħa fl-ebda Stat Membru, jew ikollha fergħat li jinsabu fi Stati Membri differenti, l-awtorità superviżorja kompetenti għandha tkun l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru fejn il-kumpanija ġġenerat il-biċċa l-kbira tal-fatturat nett tagħha fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja qabel id-data indikata fl-Artikolu 30 jew id-data ta' meta l-kumpanija tissodisfa għall-ewwel darba l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(2), skont liema tiġi l-aħħar.

   Il-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(2) jistgħu, abbażi ta' bidla fiċ-ċirkostanzi li twassal sabiex jiġġeneraw il-biċċa l-kbira tal-fatturat tagħhom fl-Unjoni fi Stat Membru differenti, jagħmlu talba debitament motivata biex tinbidel l-awtorità superviżorja li tkun kompetenti biex tirregola kwistjonijiet koperti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' tali kumpanija.

3a. Meta l-kumpanija omm tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva f'isem is-sussidjarji tagħha f'konformità mal-Artikolu 4a, l-awtorità superviżorja kompetenti għall-kumpanija omm u s-sussidjarji tagħha għandha tkun dik tal-kumpanija omm skont il-paragrafu 2 jew 3.

Meta l-awtorità superviżorja skont l-ewwel subparagrafu tidentifika nuqqas min-naħa tas-sussidjarja li tikkonforma mal-obbligi previsti fl-Artikolu 4a(2), hija għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja li tkun kompetenti fir-rigward ta' dik is-sussidjarja f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3, biex twettaq is-setgħat fir-rigward ta' dik is-sussidjarja f'konformità mal-Artikoli 18 u 20.

4. Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità superviżorja waħda, huwa għandu jiżgura li l-kompetenzi rispettivi ta' dawk l-awtoritajiet ikunu definiti b'mod ċar u li jikkooperaw mill-qrib u b'mod effettiv ma' xulxin.

5. L-Istati Membri jistgħu jaħtru l-awtoritajiet għas-superviżjoni tal-impriżi finanzjarji regolati wkoll bħala awtoritajiet superviżorji għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

6. Sad-data indikata fil-punt (a) tal-Artikolu 30(1), l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet superviżorji maħtura skont dan l-Artikolu, kif ukoll bil-kompetenza rispettiva tagħhom meta jkun hemm diversi awtoritajiet superviżorji maħtura. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla dwar dan.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż fuq is-sit web tagħha, lista tal-awtoritajiet superviżorji. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mingħand l-Istati Membri.

8. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji u għandhom jiżguraw li huma, u l-persuni kollha li jaħdmu għalihom jew li ħadmu għalihom u l-awdituri jew l-esperti li jaġixxu f'isimhom, jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, trasparenti u bir-rispett dovut għall-obbligi tas-segretezza professjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità tkun legalment u funzjonalment indipendenti mill-kumpaniji koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew minn interessi oħra tas-suq, li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha jkunu ħielsa minn kunflitti ta' interess, soġġetti għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni inkompatibbli mad-dmirijiet tagħhom.

*Artikolu 18*

**Setgħat tal-awtoritajiet superviżorji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom setgħat u riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont din id-Direttiva, inkluża s-setgħa li jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet relatati mal-konformità mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 6 sa 11 u l-Artikolu 15. Fir-rigward tal-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu biss li l-awtoritajiet superviżorji jissorveljaw li l-kumpaniji jkunu adottaw il-pjan.

2. Awtorità superviżorja tista' tibda investigazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew b'riżultat ta' tħassib sostanzjat ikkomunikat lilha skont l-Artikolu 19, meta tqis li jkollha biżżejjed informazzjoni li tindika ksur possibbli tal-obbligi previsti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, minn kumpanija.

3. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn titwettaq l-ispezzjoni u b'avżar minn qabel lill-kumpanija, ħlief meta notifika minn qabel tfixkel l-effettività tal-ispezzjoni. Meta, bħala parti mill-investigazzjoni tagħha, awtorità superviżorja tkun tixtieq twettaq spezzjoni fit-territorju ta' Stat Membru għajr tagħha stess, hija għandha titlob l-assistenza tal-awtorità superviżorja f'dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 21(2).

4. Jekk, b'riżultat tal-azzjonijiet meħuda skont il-paragrafi 1 u 2, awtorità superviżorja tidentifika nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, hija għandha tagħti lill-kumpanija kkonċernata perjodu ta' żmien xieraq sabiex tieħu azzjoni ta' rimedju, jekk tali azzjoni tkun possibbli.

It-teħid ta' azzjoni ta' rimedju ma jipprekludix l-impożizzjoni ta' penali jew l-iskattar ta' responsabbiltà ċivili f'każ ta' danni, f'konformità mal-Artikoli 20 u 22, rispettivament.

5. Meta jwettqu l-kompiti tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandu jkollhom mill-inqas is-setgħat li ġejjin:

(a) li jordnaw:

(i) il-waqfien tal-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva;

(ii) l-astensjoni minn kwalunkwe ripetizzjoni tal-imġiba rilevanti; u

(iii) fejn xieraq, l-għoti ta' rimedju proporzjonat għall-ksur u dak meħtieġ biex dan il-ksur jintemm;

(b) l-impożizzjoni ta' penali f'konformità mal-Artikolu 20; u

(c) l-adozzjoni ta' miżuri interim f'każ ta' urġenza minħabba riskju ta' ħsara severa u irreparabbli.

6. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jeżerċitaw is-setgħat imsemmija f'dan l-Artikolu skont il-liġi nazzjonali:

(a) direttament;

(b) f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra; jew

(c) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna fiżika jew ġuridika jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti minn awtorità superviżorja dwarhom.

*Artikolu 19*

**Tħassib sostanzjat**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jkunu intitolati li jippreżentaw tħassib sostanzjat lil kwalunkwe awtorità superviżorja meta jkollhom raġunijiet biex jemmnu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li kumpanija qed tonqos milli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva ("tħassib sostanzjat").

2. Meta t-tħassib sostanzjat jaqa' taħt il-kompetenza ta' awtorità superviżorja oħra, l-awtorità li tirċievi t-tħassib għandha tibagħtu lil dik l-awtorità.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw it-tħassib sostanzjat f'perjodu ta' żmien xieraq u, meta jkun xieraq, jeżerċitaw is-setgħat tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 18.

4. L-awtorità superviżorja għandha, mill-aktar fis possibbli u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, tinforma lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 bir-riżultat tal-valutazzjoni tat-tħassib sostanzjat tagħha u għandha tipprovdi r-raġunament għaliha.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jippreżentaw it-tħassib sostanzjat skont dan l-Artikolu u li jkollhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, interess leġittimu fil-kwistjoni, ikollhom aċċess għal qorti jew għal korp pubbliku indipendenti u imparzjali ieħor kompetenti biex jirrevedi l-legalità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tan-nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità superviżorja.

*Artikolu 20*

**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali, inkluż penali pekunarji, applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Biex jiddeċiedu jekk għandhomx jimponu penali u, jekk iva, biex jiddeterminaw in-natura u l-livell xieraq tal-penali, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont debitu b'mod partikolari tal-isforzi tal-kumpanija biex tikkonforma ma' kwalunkwe azzjoni ta' rimedju imposta fuqha minn awtorità superviżorja, kwalunkwe investiment li jkun sar u kwalunkwe appoġġ immirat ipprovdut skont l-Artikoli 7 u 8, kif ukoll kwalunkwe kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi fil-ktajjen ta' attivitajiet tagħha, skont il-każ.

3. Meta jiġu imposti penali pekunarji, dawn għandhom ikunu proporzjonati mal-fatturat nett dinji tal-kumpanija.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet superviżorji li jkun fiha penali relatati mal-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, tiġi ppubblikata, tkun disponibbli għall-pubbliku għal mill-inqas tliet snin u mibgħuta lin-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji. Id-deċiżjoni ppubblikata ma għandu jkun fiha l-ebda data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

*Artikolu 21*

**Network Ewropew ta' Awtoritajiet Superviżorji**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Network Ewropew ta' Awtoritajiet Superviżorji, magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji. In-Network għandu jiffaċilita l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji u l-koordinazzjoni u l-allinjament ta' prattiki regolatorji, investigattivi, ta' sanzjonar u superviżorji tal-awtoritajiet superviżorji u, kif xieraq, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejniethom.

Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-aġenziji tal-Unjoni b'għarfien espert rilevanti fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva biex jissieħbu fin-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji.

1a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema sigura ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni minn kumpanija msemmija fl-Artikolu 2(2), li ma jkollha fergħa fl-ebda Stat Membru jew li jkollha fergħat li jinsabu fi Stati Membri differenti. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw b'mod regolari l-informazzjoni li jkollhom dwar il-fatturat nett iġġenerat minn dawk il-kumpaniji. Il-Kummissjoni għandha tanalizza din l-informazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli u tinnotifika lill-Istat Membru fejn il-kumpanija tkun iġġenerat il-biċċa l-kbira tal-fatturat nett tagħha fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja, li l-kumpanija hija kumpanija skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) u li l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru hija kompetenti f'konformità mal-Artikolu 17(3).

2. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jipprovdu lil xulxin b'informazzjoni u b'assistenza reċiproka rilevanti fit-twettiq ta' dmirijiethom u għandhom jistabbilixxu miżuri għall-kooperazzjoni effettiva ma' xulxin. L-assistenza reċiproka għandha tinkludi kollaborazzjoni bil-għan li jiġu eżerċitati s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 18, inkluż fir-rigward ta' spezzjonijiet u talbiet għal informazzjoni.

3. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha meħtieġa sabiex iwieġbu għal talba għall-assistenza minn awtorità superviżorja oħra mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar wara li jirċievu t-talba. Meta jkun meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, il-perjodu jista' jiġi estiż b'massimu ta' xahrejn abbażi ta' ġustifikazzjoni xierqa. Tali passi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, it-trażmissjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar it-twettiq ta' investigazzjoni.

4. It-talbiet għall-assistenza għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż l-iskop tat-talba u r-raġunijiet għaliha. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jużaw biss l-informazzjoni li jirċievu permezz ta' talba għall-assistenza għall-fini li tkun intalbet għalih.

5. L-awtorità superviżorja rikjesta għandha tinforma lill-awtorità superviżorja rikjedenti bir-riżultati jew, skont il-każ, bil-progress rigward il-miżuri li jridu jittieħdu biex twieġeb it-talba għall-assistenza.

6. L-awtoritajiet superviżorji ma għandhomx jitolbu tariffi lil xulxin għal azzjonijiet u miżuri meħuda skont talba għal assistenza.

Madankollu, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jaqblu dwar regoli sabiex jikkumpensaw lil xulxin għal nefqa speċifika li tirriżulta mill-għoti ta' assistenza f'każijiet eċċezzjonali.

7. L-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 17(3) għandha tinforma lin-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji b'dak il-fatt u bi kwalunkwe talba sabiex tinbidel l-awtorità superviżorja kompetenti.

8. Meta jkun hemm dubji dwar l-attribuzzjoni tal-kompetenza, l-informazzjoni li dik l-attribuzzjoni tkun ibbażata fuqha tiġi kondiviża man-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji, li jista' jikkoordina l-isforzi sabiex tinstab soluzzjoni.

9. In-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Superviżorji għandu jippubblika d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji li jkun fihom penali kif imsemmi fl-Artikolu 20(4).

*Artikolu 22*

**Responsabbiltà ċivili tal-kumpaniji u dritt għal kumpens sħiħ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumpanija tista' tinżamm responsabbli għal dannu kkawżat lil persuna fiżika jew ġuridika, dment li:

(a) il-kumpanija tkun naqset intenzjonalment jew b'negliġenza milli tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, meta d-dritt, il-projbizzjoni jew l-obbligu elenkat fl-Anness I ikun immirat biex jipproteġi l-persuna fiżika jew ġuridika; u

(b) bħala riżultat ta' nuqqas kif imsemmi fil-punt (a), ġie kkawżat dannu lill-interess legali tal-persuna fiżika jew ġuridika protett skont il-liġi nazzjonali.

Kumpanija ma tistax tinżamm responsabbli jekk id-dannu kien ikkawżat biss mis-sħab kummerċjali tagħha fil-katina ta' attivitajiet tagħha.

2. Meta l-kumpanija tkun inżammet responsabbli f'konformità mal-paragrafu 1, persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt għal kumpens sħiħ għad-dannu li jkun seħħ f'konformità mal-liġi nazzjonali. Kumpens sħiħ taħt din id-Direttiva ma għandux iwassal għal kumpens żejjed, sew jekk permezz ta' danni punittivi, multipli jew ta' tip ieħor.

3. Ir-responsabbiltà ċivili ta' kumpanija għad-danni li jinħolqu skont din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ċivili tas-sussidjarji tagħha jew ta' kwalunkwe sieħeb kummerċjali dirett u indirett fil-katina ta' attivitajiet tal-kumpanija.

Meta d-dannu jkun ġie kkawżat konġuntament mill-kumpanija u s-sussidjarja, sieħeb kummerċjali dirett jew indirett tagħha, huma għandhom ikunu responsabbli in solidum, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet tar-responsabbiltà in solidum u d-drittijiet ta' rikors.

4. Ir-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili skont din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali dwar ir-responsabbiltà ċivili relatati mal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem jew mal-impatti ambjentali negattivi li jipprevedu responsabbiltà f'sitwazzjonijiet mhux koperti minn din id-Direttiva jew li jipprevedu responsabbiltà aktar stretta minnha.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu dan l-Artikolu jiġu applikati b'mod obbligatorju u prevalenti f'każijiet meta l-liġi applikabbli għal pretensjonijiet għal dak il-għan ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.

*Artikolu 23*

**Rapportar ta' ksur u protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw**

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 għandha tapplika għar-rapportar ta' kull ksur ta' din id-Direttiva u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

*Artikolu 24*

[…]

*Artikolu 25*

[…]

*Artikolu 26*

[…]

*Artikolu 27*

**Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/1937**

Fil-Punt E.2 tal-Parti I tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/1937, jiżdied il-punt li ġej:

(vi) Id-Direttiva … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L ..., ...) *+.

---

* Direttiva … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L ..., ...).'.

*Artikolu 28*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

---

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u d-data tad-Direttiva li jinsabu fid-dokument ... u daħħal ir-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 29*

**Rieżami**

Mhux aktar tard minn … [*seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jevalwa l-effettività ta' din id-Direttiva fl-ilħuq tal-objettivi tagħha u jivvaluta l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) jekk il-limiti rigward l-għadd ta' impjegati u l-fatturat nett stabbiliti fl-Artikolu 2(1) jeħtiġux jiġu riveduti;

(b) jekk il-lista tas-setturi fl-Artikolu 2(1), punt (b), jeħtieġx li tinbidel, inkluż sabiex tiġi allinjata mal-gwida mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

(ba) jekk il-kriterju tal-fatturat nett iġġenerat fl-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2(2) u l-limitu tal-fatturat nett fih jeħtiġux jiġu riveduti;

(bb) jekk l-Artikolu 2 jeħtieġx jiġi rivedut sabiex l-għadd ta' impjegati u l-fatturat nett tas-sussidjarji tal-kumpanija jiġu inklużi fil-kalkolu tal-għadd ta' impjegati u tal-fatturat nett tal-kumpanija;

(bc) jekk l-Artikolu 3, punt (a) jeħtieġx li jiġi rivedut sabiex persuni ġuridiċi oħra kostitwiti bħala forom legali differenti minn dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE jew f'forma komparabbli ma' dawk elenkati fih ikunu koperti;

(c) jekk l-Anness I jeħtieġx jiġi modifikat, inkluż fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali;

(ca) jekk hemmx bżonn li tiġi riveduta d-definizzjoni ta' "katina ta' attivitajiet" fl-Artikolu 3, punt (g), inkluż jekk hemmx bżonn li jiġi inkluż il-forniment ta' investiment **jew il-forniment ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 3, punt (g), minn impriżi finanzjarji regolati skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (a) (iv)**; u

(d) jekk l-Artikoli 4 sa 14 għandhomx jiġu estiżi għal impatti klimatiċi negattivi jew jekk l-Artikolu 15 jeħtieġx jiġi rivedut.

*Artikolu 30*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn … [*sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva],* ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet kif ġej:

(a) minn … [tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward ta' kumpaniji li huma ffurmati f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru u li kellhom medja ta' aktar minn 1000 impjegat u ġġeneraw fatturat nett dinji ta' aktar minn EUR 300 miljun fl-aħħar sena finanzjarja ta' qabel … [tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] li għalihom kienu ġew jew kellhom jiġu adottati rapporti finanzjarji annwali;

(b) minn … [tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward ta' kumpaniji li huma ffurmati f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz u li ġġeneraw fatturat nett ta' aktar minn EUR 300 miljun fl-Unjoni, fis-sena finanzjarja ta' qabel l-aħħar sena finanzjarja ta' qabel … [tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva];

(c) minn … [erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1), punt (a), u l-Artikolu 2(2), punt (a);

(d) minn … [ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward tal-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 2(1), punt (b) u l-Artikolu 2(2), punt (b).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 32*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**PARTI I**

## 1. ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3, PUNT (C)

1. […]

2. Id-dritt għall-ħajja, inkluż gwardji tas-sigurtà privati jew pubbliċi li jipproteġu r-riżorsi, il-faċilitajiet jew il-persunal tal-kumpanija li jikkawżaw il-mewt ta' persuna minħabba nuqqas ta' struzzjoni jew kontroll mill-kumpanija, interpretat f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

3. Il-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament krudili, inuman jew degradanti, inkluż gwardji tas-sigurtà privati jew pubbliċi li jipproteġu r-riżorsi, il-faċilitajiet jew il-persunal tal-kumpanija li jissoġġettaw persuna għal tortura jew trattament krudili, inuman jew degradanti minħabba nuqqas ta' struzzjoni jew kontroll mill-kumpanija, interpretat f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

4. Id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, interpretat f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

5. Il-projbizzjoni ta' interferenza arbitrarja jew illegali fil-privatezza, il-familja, id-dar jew il-korrispondenza ta' persuna u attakki illegali fuq l-unur jew ir-reputazzjoni tagħha, interpretat f'konformità mal-Artikolu 17 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

6. Il-projbizzjoni ta' interferenza mal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, interpretata f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

7. Id-dritt li wieħed igawdi minn kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u favorevoli inkluż paga ġusta u paga adegwata għall-għajxien, għajxien deċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa u limitazzjoni raġonevoli tas-sigħat tax-xogħol interpretati skont l-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

8. Il-projbizzjoni li jiġi ristrett l-aċċess tal-ħaddiema għal akkomodazzjoni adegwata, jekk il-ħaddiema jkunu joqogħdu f'akkomodazzjoni pprovduta mill-kumpanija, u li jiġi ristrett l-aċċess tal-ħaddiema għal ikel, ħwejjeġ u ilma u sanitazzjoni adegwati fuq il-post tax-xogħol, interpretata f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

9. […]

10. Il-projbizzjoni tal-impjegar ta' tfal taħt l-età tat-tmiem tal-iskola obbligatorja u, fi kwalunkwe każ, ta' taħt il-15-il sena, ħlief meta l-liġi tal-post tal-impjieg tipprevedi hekk skont l-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138), interpretata f'konformità mal-Artikoli 4 sa 8 tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138);

11. Il-projbizzjoni tal-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal (persuni taħt it-18-il sena), interpretata f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182). Dan jinkludi:

    (a) il-forom kollha ta' skjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, bħall-bejgħ u t-traffikar tat-tfal, il-jasar tad-dejn u s-servitù, kif ukoll ix-xogħol furzat jew obbligatorju, inkluż ir-reklutaġġ furzat jew obbligatorju tat-tfal għall-użu f'kunflitti armati;

    (b) l-użu, l-akkwist jew l-offerta ta' tfal għall-prostituzzjoni, għall-produzzjoni ta' pornografija jew għal spettakli pornografiċi;

(c) l-użu, l-akkwist jew l-offerta ta' tfal għal attivitajiet illeċiti, b'mod partikolari għall-produzzjoni jew it-traffikar ta' drogi; u

(d) xogħol li, min-natura tiegħu jew miċ-ċirkostanzi li jitwettaq fihom, x'aktarx li jagħmel ħsara lis-saħħa, lis-sikurezza jew lill-morali tat-tfal;

12. Il-projbizzjoni ta' xogħol furzat jew obbligatorju, jiġifieri, ix-xogħol jew is-servizz kollu li kwalunkwe persuna tiġi mġiegħla tagħmel taħt theddida ta' penali u li għalih il-persuna msemmija ma tkunx offriet lilha nnifisha b'mod volontarju, interpretata f'konformità mal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29). Xogħol furzat jew obbligatorju ma għandux ifisser kwalunkwe xogħol jew servizz li jikkonforma mal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) jew mal-Artikolu 8(3)(b) u (c) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

13. Il-projbizzjoni ta' kull forma ta' skjavitù u ta' kummerċ tal-iskjavi, inkluż prattiki simili għall-iskjavitù, servitù jew forom oħra ta' dominazzjoni jew oppressjoni fuq il-post tax-xogħol, bħal sfruttament u umiljazzjoni ekonomiċi jew sesswali estremi, jew traffikar ta' bnedmin, interpretata f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

14. […]

15. Id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda, id-drittijiet ta' organizzazzjoni u tal-innegozjar kollettiv, interpretati f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, l-Artikolu 8 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87) u l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98). Dan jinkludi d-drittijiet li ġejjin:

(a) il-ħaddiema huma liberi li jiffurmaw trade unions jew li jingħaqdu magħhom;

(b) il-formazzjoni ta' trade union u li wieħed jingħaqad jew jissieħeb ma' trade union ma jridux jintużaw bħala raġuni għal diskriminazzjoni jew ritaljazzjoni inġustifikata;

(c) it-trade unions huma liberi li joperaw f'konformità mal-kostituzzjonijiet u r-regoli tagħhom mingħajr indħil mill-awtoritajiet; u

(d) id-dritt tal-istrajkjar u d-dritt ta' negozjar kollettiv;

16. Il-projbizzjoni ta' trattament inugwali fl-impjieg, sakemm dan ma jkunx ġustifikat mir-rekwiżiti tal-impjieg, interpretata f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ir-Rimunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru 100), l-Artikolu 1 u 2 tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958 (Nru 111) u l-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali. B'mod partikolari, dan jinkludi:

(a) il-ħlas ta' rimunerazzjoni inugwali għal xogħol ta' valur ugwali; u

(b) id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' estrazzjoni nazzjonali jew oriġini soċjali, razza, kulur, sess, reliġjon, opinjoni politika;

17. […]

18. Il-projbizzjoni tal-ikkawżar ta' kwalunkwe tibdil dannuż tal-ħamrija, tniġġis tal-ilma jew tal-arja, emissjonijiet dannużi jew konsum eċċessiv tal-ilma jew impatt ieħor fuq ir-riżorsi naturali, bħad-deforestazzjoni, li:

(a) ifixkel b'mod sostanzjali l-bażijiet naturali għall-preservazzjoni u l-produzzjoni tal-ikel;

(b) iċaħħad lil persuna milli jkollha aċċess għal ilma tax-xorb sikur u nadif;

(c) jagħmilha diffiċli għal persuna biex taċċessa faċilitajiet sanitarji jew jeqridhom;

(d) jagħmel ħsara lis-saħħa ta' persuna,

interpretata f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Artikoli 11 u 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

19. Il-projbizzjoni ta' evakwazzjoni jew teħid illegali ta' art, foresti u ilmijiet meta jiġu akkwistati, żviluppati jew użati b'mod ieħor art, foresti u ilmijiet, inkluż permezz tad-deforestazzjoni, li l-użu tagħhom jiżgura l-għajxien ta' persuna, interpretata f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

20. […]

21. […]

## 2. STRUMENTI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI

- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;
- Il-konvenzjonijiet ewlenin/fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol:
  - Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87);
  - Il-Konvenzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98);
  - Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) u l-Protokoll tal-2014 tagħha;
  - Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105);
  - Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138);
  - Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182);
  - Il-Konvenzjoni dwar ir-Rimunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru 100);
  - Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958 (Nru 111).

PARTI II

**PROJBIZZJONIJIET U OBBLIGI RELATATI MAL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3, IL-PUNT (B)**

1. L-obbligu li jiġu evitati jew minimizzati l-impatti negattivi fuq id-diversità bijoloġika, interpretat f'konformità mal-Artikolu 10(b) tal-Konvenzjoni tal-1992 dwar id-Diversità Bijoloġika u l-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni rilevanti, inkluż l-obbligi tal-Protokoll ta' Cartagena dwar l-iżvilupp, it-trattament, it-trasport, l-użu, it-trasferiment u r-rilaxx ta' organiżmi modifikati ħajjin u tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tat-12 ta' Ottubru 2014;

2. Il-projbizzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, ir-riesportazzjoni jew l-introduzzjoni bil-baħar ta' kwalunkwe eżemplar inkluż fl-Appendiċi I sa III tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) tat-3 ta' Marzu 1973 mingħajr permess, interpretata f'konformità mal-Artikoli III, IV u V tal-Konvenzjoni;

3. Il-projbizzjoni tal-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti miżjudin bil-merkurju elenkati fl-Anness A, Parti I, tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, tal-10 ta' Ottubru 2013 (il-Konvenzjoni ta' Minamata), interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni;

4. Il-projbizzjoni tal-użu tal-merkurju jew tal-komposti tal-merkurju fil-proċessi tal-manifattura elenkati fl-Anness B, Parti I, tal-Konvenzjoni ta' Minamata wara d-data tal-eliminazzjoni gradwali speċifikata fil-Konvenzjoni għall-proċessi individwali, interpretata f'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni;

5. Il-projbizzjoni tat-trattament illegali tal-iskart tal-merkurju, interpretata f'konformità mal-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni ta' Minamata u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[76];

6. Il-projbizzjoni tal-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Konvenzjoni dwar il-POPs), tat-22 ta' Mejju 2001, interpretata f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a), punt (i), tal-Konvenzjoni u r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77];

7. Il-projbizzjoni tat-trattament, il-ġbir, il-ħżin u r-rimi illegali tal-iskart, interpretata f'konformità mal-Artikolu 6(1)(d), punti (i) u (ii), tal-Konvenzjoni dwar il-POPs u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1021;

8. Il-projbizzjoni tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' sustanza kimika elenkata fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi fil-Kummerċ Internazzjonali (UNEP/FAO), tal-10 ta' Settembru 1998, interpretata f'konformità mal-Artikoli 10(1), 11(1)(b) u 11(2) tal-Konvenzjoni u indikazzjoni mill-Parti importatriċi jew esportatriċi fil-Konvenzjoni f'konformità mal-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC);

---

[76] Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).

[77] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

9. Il-projbizzjoni tal-importazzjoni u l-esportazzjoni illegali tas-sustanzi kontrollati elenkati fl-Annessi A, B, C u E tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu għall-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-Ħarsien tas-Saff tal-Ożonu, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4b tal-Protokoll ta' Montreal u d-dispożizzjonijiet dwar il-liċenzjar skont il-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni rilevanti;

10. Il-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart perikoluż jew skart ieħor, interpretata f'konformità mal-Artikolu 1(1) u (2) tal-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment minnhom, tat-22 ta' Marzu 1989, (il-Konvenzjoni ta' Basilea) u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78]:

(a) lil parti għall-Konvenzjoni li pprojbiet l-importazzjoni ta' tali skart perikoluż u skart ieħor, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Basilea;

(b) lil stat ta' importazzjoni li ma jagħtix il-kunsens bil-miktub għall-importazzjoni speċifika, f'każ li dak l-istat ta' importazzjoni ma jkunx ipprojbixxa l-importazzjoni ta' tali skart perikoluż, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tal-Konvenzjoni ta' Basilea;

(c) lil non-parti għall-Konvenzjoni ta' Basilea, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Basilea;

78 Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

(d) lil stat ta' importazzjoni jekk tali skart perikoluż jew skart ieħor ma jiġix ġestit b'mod ambjentalment korrett f'dak l-istat jew xi mkien ieħor, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(8), l-ewwel sentenza, tal-Konvenzjoni ta' Basilea;

11. Il-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart perikoluż mill-pajjiżi elenkati fl-Anness VII għall-Konvenzjoni ta' Basilea lejn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness VII għall-operazzjonijiet elenkati fl-Anness IV għall-Konvenzjoni ta' Basilea, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4A tal-Konvenzjoni ta' Basilea u l-Artikoli 34 u 36 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006;

12. Il-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' skart perikoluż u skart ieħor mingħand non-Parti li ma rratifikatx il-Konvenzjoni ta' Basilea, interpretata f'konformità mal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Basilea;

13. L-obbligu li jiġu evitati jew minimizzati l-impatti negattivi fuq il-proprjetajiet delineati bħala wirt naturali kif definit fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Dinji Kulturali u Naturali tas-16 ta' Novembru 1972 (il-Konvenzjoni dwar il-Patrimonju Dinji), interpretat f'konformità mal-Artikolu 5(d) tal-Konvenzjoni dwar il-Patrimonju Dinji u l-liġi applikabbli fil-ġurisdizzjoni rilevanti;

14. L-obbligu li jiġu evitati jew minimizzati l-impatti negattivi fuq l-artijiet mistagħdra kif definit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Artijiet Mistagħdra ta' Importanza Internazzjonali speċjalment bħala l-Ħabitat għall-Għasafar tal-Ilma tat-2 ta' Frar 1971 (il-Konvenzjoni ta' Ramsar), interpretat f'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ramsar u l-liġi applikabbli fil-ġurisdizzjoni rilevanti;

15. L-obbligu li jiġi prevenut it-tniġġis mill-vapuri, interpretat f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri tat-2 ta' Novembru 1973, kif emendata mill-Protokoll tal-1978 (MARPOL 73/78). Dan jinkludi:

(a) il-projbizzjoni tal-iskariku fil-baħar ta':

(i) żejt jew taħlitiet ta' żejt kif definiti fir-Regolament 1 tal-Anness I tal-MARPOL 73/78, interpretat f'konformità mar-Regolamenti 9 sa 11 tal-Anness I tal-MARPOL 73/78;

(ii) sustanzi likwidi noċivi kif definiti fir-Regolament 1(6) tal-Anness II tal-MARPOL 73/78, interpretat f'konformità mar-Regolamenti 5 u 6 tal-Anness II tal-MARPOL 73/78; u

(iii) dranaġġ kif definit fir-Regolament 1(3) tal-Anness IV tal-MARPOL 73/78, interpretat f'konformità mar-Regolamenti 8 u 9 tal-Anness IV tal-MARPOL 73/78;

(b) il-projbizzjoni ta' tniġġis illegali minn sustanzi perikolużi trasportati bil-baħar f'forma ppakkjata kif definiti fir-Regolament 1 tal-Anness III tal-MARPOL 73/78, interpretat f'konformità mar-Regolamenti 1 sa 7 tal-Anness III tal-MARPOL 73/78; u

(c) il-projbizzjoni ta' tniġġis illegali minn żibel minn bastimenti kif definit fir-Regolament 1 tal-Anness V tal-MARPOL 73/78, interpretat f'konformità mar-Regolamenti 3 sa 6 tal-Anness V tal-MARPOL 73/78;

16. Il-projbizzjoni ta' tniġġis illegali tal-ambjent tal-baħar permezz tar-rimi kif definit fl-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS), interpretata f'konformità mal-Artikolu 210 tal-UNCLOS u l-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni rilevanti.

LISTA TA' KLASSIFIKAZZJONI STATISTIKA TAL-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI DEFINITI FL-ANNESS IV GĦAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1893/2006 MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1), IL-PUNT (b)

| Artikolu | Settur | Kodiċi NACE korrispondenti |
|---|---|---|
| 2(1)(b), punt (i) | Manifattura ta' tessuti, ġilda u prodotti relatati (inkluż xedd tas-saqajn) | Taqsima C, Diviżjoni 13-15 |
| 2(1)(b), punt (i) | Kummerċ bl-ingrossa ta' tessuti, ħwejjeġ u xedd tas-saqajn | Taqsima G, Diviżjoni 46, Grupp 46.4, Klassi 46.41-46.42 |
| 2(1)(b), punt (ii) | Agrikoltura, forestrija, sajd (inkluż l-akkwakultura) | Taqsima A |
| 2(1)(b), punt (ii) | Manifattura ta' prodotti tal-ikel u ta' xorb | Taqsima C, Diviżjoni 10-11 |

| | | |
|---|---|---|
| 2(1)(b), punt (ii) | Kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima agrikola, annimali ħajjin, injam, ikel u xorb | Taqsima G, Diviżjoni 46, Grupp 46.1, Klassi 46.11-46.13 u 46.16-46.17 |
| | | Taqsima G, Diviżjoni 46, Grupp 46.2 |
| | | Taqsima G, Diviżjoni 46, Grupp 46.3 |
| 2(1)(b), punt (iii) | L-estrazzjoni ta' riżorsi minerali irrispettivament minn fejn jiġu estratti (inkluż żejt mhux maħdum, gass naturali, faħam, linjite, metalli u minerali metalliċi, kif ukoll il-minerali l-oħra kollha mhux metalliċi u l-prodotti tal-barrieri) | Taqsima B |
| 2(1)(b), punt (iii) | Il-manifattura ta' prodotti bażiċi tal-metall, prodotti minerali mhux metalliċi oħra u prodotti metalliċi fabbrikati (għajr makkinarju u tagħmir) | Taqsima C, Diviżjoni 23-25 |
| 2(1)(b), punt (iii) | Il-kummerċ bl-ingrossa ta' riżorsi minerali, prodotti minerali bażiċi u intermedji (inkluż metalli u minerali metalliċi, materjali tal-kostruzzjoni, fjuwils, kimiċi u prodotti intermedji oħra) | Taqsima G, Diviżjoni 46, Grupp 46.7, Klassi 46.71-73 u 46.75-76 |